# Il-Malti

RIVISTA TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI



ħarġa LXXXVI 2014

# Il-Malti

Rivista tal-Akkademja tal-Malti

ĦARĠA LETTERARJA
LXXXVI
2014

Pubblikazzjoni
L-Akkademja tal-Malti
**klabb kotba maltin**

**Il-Bord Editorjali**

*Editur*: Achille Mizzi

*Membri*: Toni Cortis

Inġ. Maurice Mifsud Bonnici

Claire Zerafa

Pubblikazzjoni tal-Akkademja tal-Malti

© 2014 L-Akkademja tal-Malti

ISBN: 978-99932-7-506-0

Iddedikat lil

Kelinu Vella Haber

1913 - 2014

# Werrej

L-editorjal
*Achille Mizzi* ........................................ 1

**POEŻIJI**

L-Iben il-Ħali
*David Agius Muscat* ........................................ 6

Kaptan
*Kit Azzopardi* ........................................ 8

Il-lanterna
*Charles Bezzina* ........................................ 9

Li Kelli Mmur Lura
*Ġorġ Borg* ........................................ 10

Firda
*Ġorġ Borg* ........................................ 11

Garden Fairy
*Charles Briffa* ........................................ 12

Sejf jinfidlek ruħek
*Charles Briffa* .......... 13

Waqt
*Joseph Buttigieg* .......... 14

Vjaġġ
*John Caruana* .......... 15

Ċaqlembuta
*Antoine Cassar* .......... 16

Ħaġa Tqila
*Carmel G. Cauchi* .......... 18

f'tarf il-blat
*Leanne Ellul* .......... 19

Int
*Victor Fenech* .......... 20

Pippin u l-bojja
*Charles Flores* .......... 22

L-arloġġ
*Joe Friggieri* .......... 23

Il-fjur tal-ġakaranda
*Joe Friggieri* .......... 24

Fjur tal-kaktus
*Joel Galea* .......... 25

Biss is-skiet
*Joel Galea* .......... 27

Għalissa
*Maria Grech Ganado* .......... 28

Ilsna
*Maria Grech Ganado* .......... 29

Is-Sried Ixoqqna Fin Fin
*Adrian Grima* ........................................ 30

Ħsieb Ħalliel ...
*Patrick Sammut* ........................................ 32

Lament lil ommi
*Salv Sammut* ........................................ 33

Hekk kif tinħass ġol-arja x-xitwa
*Lillian Sciberras* ........................................ 34

## PROŻA

F'għajnejha, il-ħarsa siekta
*Clare Azzopardi* ........................................ 36

Għad jagħdab l-irdum
*Paul P. Borg* ........................................ 40

Forsi… xi darba
*Charles Casha* ........................................ 54

Faxxa ngħas
*Sergio Grech* ........................................ 67

Il-mejda tal-mogħdija
*Pierre J. Mejlak* ........................................ 71

Min jaf bi Stojan Kurepa?
*Immanuel Mifsud* ........................................ 76

L-eħrex jum tal-gwerra
*Maurice Mifsud Bonnici* ........................................ 87

Il-vażett tal-bewsiet
*Rita Saliba* ........................................ 93

Pjanu
*Trevor Żahra* ........................................ 98

## TRADUZZJONIJIET

Il-Ħalliel
*Guy de Maupassant (Toni Aquilina)* ................................................ 102

Salvu tal-Pasturi
*Francis Ebejer (Steve Borg)* ............................................................ 107

Sunetti
*William Shakespeare (Oliver Friggieri)* ......................................... 113

Nikteb…
*Nizar Qabbani (Kevin Saliba)* ........................................................ 116

# L-editorjal

Achille Mizzi

M'ilux ġiet quddiem għajnejja l-arma tal-Akkademja tal-Malti li ġġib il-motto "*Lingua Concordia Domi Forisque Decor*", li jfisser "Il-kelma tal-għaqda fil-ħajja privata u pubblika hija l-ġieħ tagħna".

Bdejt naħseb kemm dawn il-kliem jixirqu bħala l-motto ta' għaqda li għandha fost l-għanijiet tagħha li taħdem biex iġġib 'il quddiem il-qagħda tal-Malti, l-Ilsien Nazzjonali tagħna, fl-oqsma kollha tal-ħajja. Mhux l-inqas fost id-dmirijiet li bihom hija marbuta l-Akkademja hemm l-obbligu li tippubblika ta' kull sena l-organu uffiċjali *Il-Malti* (Statut Art. 2.4). Bħala xhieda tal-qadi ta' dan id-dmir wassalnielkom f'idejkom dan l-Għadd LXXXVI għas-sena 2014.

Ħafna huma l-isfidi li għandha quddiem wiċċha l-Akkademja, (flimkien mal-Kunsill tal-Malti) fejn jidħol l-ilsien Malti u l-letteratura Maltija. Waqt li nifirħu li l-ilsien Malti ħa postu bħala wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Marzu 2004 u qed igawdi rispett u dekor mhux biss f'Malta imma wkoll lil hinn minnha, qed narawh ta' kuljum jiġi moħfi minn għadd ta' problemi ta' tħassir bħall-użu bl-addoċċ mill-ġurnalisti tal-pinna u tal-fomm, fuq il-gazzetti u l-mezzi l-oħra tal-komunikazzjoni. Hemm ukoll il-problema taħraq tat-tagħlim tal-Malti u l-enfasi fuq il-letteratura fl-iskejjel. Dan biex ma nsemmux it-traskuraġni f'dak li hu taħlit ta' reġistri lingwistiċi minn taqsima kbira tal-poplu li qed tirrendi ħafna drabi l-Malti mitkellem bħala xejn anqas minn kawlata.

Minħabba nuqqas ta' spazju mhux l-iskop tal-editorjal f'dan l-Għadd, li wara kollox huwa Edizzjoni Letterarja, li nistudjaw bir-reqqa liema huma

l-problemi. Imma dawn huma ħafna u s-soluzzjoni għalihom hija urġenti u teħtieġ impenn ta' kuraġġ u għarfien akkademiku. Jaħsel wieħed jgħid li hemm bżonn li titlaqqa' Konferenza Nazzjonali biex tistudja din il-problema. Dan huwa d-dmir tal-istituzzjonijiet uffiċjali bħalma huwa l-Kunsill tal-Malti kif ukoll ta' korpi oħra kostitwiti mill-volontarjat bħall-Akkademja.

Hemm imbagħad sfidi oħra marbutin mal-użu letterarju tal-Malti: sfidi li xi drabi ġejjin mill-istess eċċess ta' ħeġġa, min-nuqqas ta' kritika tajba li tagħżel il-qamħa mill-karfa, min-nuqqas ta' inċentivi u sussidji għal min joħroġ għonqu biex jippubblika xogħlu, kemm ta' natura stampata bħalma huma kotba, rivisti, eċċ, kif ukoll ta' produzzjonijiet teatrali, radjufoniċi, eċċ. Pereżempju huwa paradossali li min-naħa tal-poeżija għandna abbundanza ta' xogħlijiet ħerġin bla ebda kriterju u b'livell letterarju batut, filwaqt li min-naħa l-oħra għandna nuqqas kbir ta' xogħlijiet tajba għall-palk. Minkejja l-ftit drammaturgi serji li għandna hemm oħrajn li joqogħdu lura għax xogħolhom qatt ma jiġi rikonoxxut bħala ta' livell u oħrajn li qatt ma ngħataw opportunità biex jidhru fit-Teatru Nazzjonali għax il-bibien qatt ma tbexxqu għalihom. B'dankollu ma rridx niftiehem li qed ngħid li għandna nwittu t-triq għall-kwantità b'periklu li fl-aħħar mill-aħħar issir ħsara lill-kwalità, tant li jitbaxxa l-prestiġju tat-Teatru Nazzjonali.

Hemm imbagħad il-kitba tar-rumanzi u n-novelli li, minħabba l-popolarità li jgawdu ma' faxxa wiesgħa tal-poplu mikluba għal rakkonti li jirriflettu l-ħajja kontemporanja bis-sabiħ u l-ikrah tagħha. Bħalissa din il-kategorija qed tgawdi suċċess minħabba għadd ġmielu ta' prożaturi li qed jiktbu rumanzi li waqt li huma avangardisti fit-teknika u l-kontenut huma wkoll miktuba b'ċerta fantasija u ħakma tal-għodda lingwistika.

Xi wħud minn dawn irnexxielhom saħansitra jissuperaw b'suċċess il-fruntieri Maltin u jippenetraw barra permezz ta' traduzzjonijiet megħjuna minn fondi minn diversi bnadi li nfetħu fl-aħħar snin. Proġetti bħal dawn saru l-ambizzjoni ta' kittieba aktarx żgħażagħ, li qed iħarsu lejn swieq bil-wisq akbar minn dak lokali, biex ma nsemmix ukoll il-prospetti ta' apprezzament wisq usa' mill-qasam ristrett ta' gżiritna. Din l-opportunità hi miftuħa wisq anqas għall-poeżija li t-tixrid tagħha kien u għadu wisq iżjed ristrett minn dak tar-rumanz.

Hemm imbagħad il-kitba u t-tixrid ta' kotba ta' xjenza, storja, kritika, eċċ, li minnhom għandna għadd limitat ħafna, imma li jiswew mitqilhom deheb biex juru lid-dinja li f'Malta għandna nies kapaċi li jippubblikaw din il-kwalità ta' kitba aktarx akkademika bl-ilsien Malti.

F'dan l-isfond wieħed ma jistax ma jsemmix b'tifħir is-serata li saret fil-5 ta' Marzu 2014, f'għeluq il-250 sena mit-twelid ta' Mikiel Anton Vassalli,

magħruf bħala Missier l-Ilsien Malti, fil-Palazz ta' Sant'Anton biex tniedi l-ktieb tal-Professur Frans Ciappara, *M.A. Vassalli (1764-1829) An Enlightened Maltese Reformer* (Midsea Books, 2014). Din it-tnedija, li saret taħt il-patroċinju tal-E.T. Dr George Abela, President ta' Malta, seħħet bil-kollaborazzjoni tal-Akkademja tal-Malti.

Bir-raġun kollu dan il-ktieb seminali, li huwa miktub bl-Ingliż, sa jiswa ħafna biex it-tagħrif dwar il-ġenju ta' Vassalli jkun jista' jixtered mal-erbat irjieħ tad-dinja: ħaġa wisq mixtieqa biex jiġi mxandar mhux biss isem Malta imma wkoll biex jiġi apprezzat dejjem iżjed l-ilsien sabiħ tagħha.

# POEŻIJI

# L-Iben il-Ħali

David Agius Muscat

Ilu ħafna f'raħal ċkejken
ftit 'il bogħod, qalb il-għoljiet,
kien hemm dar kbira sabiħa
– lanqas taf x'inhuwa s-skiet –

għaliex fiha kienu jgħixu
żewġ subien ftit imqarbin;
l-għaxqa l-kbira ta' missierhom
jarahom jaqbżu ferħanin.

Għadda ż-żmien, u darba waħda,
iż-żgħir fosthom, ġa żagħżugħ,
għamel ħwejġu f'sorra ċkejkna,
tefa' fiha wkoll ftit dmugħ.

Ħdejn missieru mar imbissem,
qallu: "Pa, se jkolli mmur.
Din id-dar mhijiex ħlief bejta,
jiena kbirt, jien iss'għasfur!"

"Imma jien!" u nfaqa' jibki ...
"Pa, ħallini nbus saqajk!"
"Jien inbierkek, għażiż ibni,
anzi nbierek dawk ġwenħajk

illi 'l bogħod se jeħduk minni
biex xewqatek hemm issib ...
Ftakar biss li jiena miegħek;
tkun fejn tkun, jien dejjem qrib!"

U hekk telaq lil missieru
b'passi mgħaġġla imma tqal,
u ma riedx iħares lura
f'dawk it-toroq kollha dwal ...

Hekk għaddew l-iljieli, il-ġranet,
u x-xewqat taru mat-trab,
u daż-żmien li xuxtu bjadet
m'għadux joħlom jara s-sħab

daqqa jlebbet qisu żiemel,
jew iljun li ġej għalih ...
Dak li xtaq f'uliedu sabu;
bihom biss qalbu tistrieħ!

Sakemm darba filgħaxija
f'dawl il-kwiekeb u oħrajn,
iben minnhom qallu mbikkem:
"Pa, berikli dal-ġwenħajn!"

# Kaptan

Kit Azzopardi

Ħkimtni,
Kaptan tal-bnazzi.

*"Ma rajtx il-gawwi*
*ġej ġerrej? Ma rajtx*
*id-dlam jitkaxkar lejk?"*

Ma rajtx id-dlam?

Ħkimtni,
Kaptan tal-bnazzi.

Inżajt l-uniformi
– biex tinkini nżajtha kollha –
u mxejt fuq tuli
għal fuq ix-xatt;
u rħejtli l-irbit
xħin irħiena
l-bnazzi.

# Il-lanterna

Charles Bezzina

Iltqajna ħdejn lanterna skont il-wegħda,
u ntlifna b'bews ta' mħabba bla tkellimna.
Ħarisna mitlufin, trassejna f'telfa,
u ħlomna ħolm sabiħ ta' elf tifsira.
Ftakarna fina biss, mument li xtaqna
ma jgħaddi qatt minn fuqna.

Imbagħad skantajna nħarsu lejn il-baħar
u qrajna l-versi strambi tal-mitt mewġa
li ħabbtu bla tweġiba, konklużjoni
li ridna t-tnejn biex nagħlqu l-ktejjeb tagħna
u niktbu ieħor ġdid bla dmugħ f'għajnejna.
U morna lura ħesrem lejn l-imgħoddi
bil-kwiekeb ta' fuq rasna jgħoddu l-passi
l'għamilna bla ndunajna, waqt li nsejna
li rġajna qed nitgħannqu l-aħħar darba.

# Li Kelli Mmur Lura

Ġorġ Borg

Li kelli għal ftit immur lura,
wisq lura fiż-żmien

kont nagħżel il-ħajja tax-xagħri
u l-kenn tal-għerien

ħa nasal li nifhem il-bidu
ta' dak li xi darba
kont jien.

# Firda

Ġorġ Borg

Qalbi qabdet u telqitni.
Dakinhar ’qas biss kellmitni.

Forsi xtaqet li tkun ħielsa
ġo xi sodda ratba u mielsa

għalkemm tajtha kenn u sħana
ħalli ttul l-imħabba tagħna.

Issa l-qalb iġġorr il-ħtija
għal tant għożża fl-art mormija.

# Garden Fairy

Charles Briffa

Fi dħul ir-rebbiegħa
ġo Neverland
xirfet
warda rqiqa mill-wied
mal-karba misluta mill-qalb.
Ratu ġej lejha:
buffu
b'ċinga ġġebbdu.
Il-weraq daru kontra xulxin, kollha.
U hu ġġebbed sa laħaqha –
sbejħa u tfuħ friska.
Ried jaħtafha jqaċċatha
ħa jżommha ma' qalbu
u jifga l-karba.
Missha –

Il-buffu dar
ikarkar il-karba ta' qalbu.
Fil-wied il-warda warrdet
u l-karba siktet.

# Sejf jinfidlek ruħek

Charles Briffa

Fis-sitt xahar
it-tabib niżel
għand ix-xebba
u qalilha:
"Tibżax:
se tnissel fil-ġuf
u jkollok iben."
Tħawdet
mimlija bit-toqol
u qaltlu:
"Kif ikun dan,
ladarba jien
ma nagħrafx raġel?
Irġiel imqaxxrin kienu."
U t-tabib
fid-daħna tat-tkeċċija
u t-tmiem
sema' l-bikja ta' ruħha
u qalilha: "*Termination*".
"Ikun minni skont kelmtek."

# Waqt

Joseph Buttigieg

Hawn isfel
jintaxru s-sekondi
ma' kull fergħa u blata mdarrsa
bħall-arloġġi ta' Dalì.

Ebda werqa ma titħarrek,
ebda ħoss.

Wieqfa zoptu f'nofs inżulha
l-għabra tgħammex
fi swaba' ta' dawl.

Waqt limpidu –
sa ma jfaqqa' t-trabokk lejli
fuq dal-ħondoq
ikkattiżmat.

# Vjaġġ

John Caruana

Minn ġo tieqa
ta' kmajra
fl-isptar paul boffa,
rajt vapur mill-kbar nett
ħiereġ bil-mod
mill-port il-kbir.
Fuqu,
ma nafx kemm-il passiġġier,
joħolmu mitt ħolma,
jieħdu l-aħħar ritratti
qabel ikomplu
bil-vjaġġ.

Ħarsti mbagħad
mill-ġdid fil-kmajra,
fuq sodda,
bil-fdal ta' oħtna
fuqha....

ġisem imgħattan,
jitħabat,
jirbaħ żewġ nifsijiet,
jistenna
li jibda l-aħħar vjaġġ.

# Ċaqlembuta

Antoine Cassar

Fis-skiet tal-bieraħ,
sider ma' sider, irtubija,
ġildti nieżla f'ġildtek
bħal tifel dieħel fil-baħar...
Inqtajt għal sekonda,
ikkonkludejt għal darb'oħra:
dil-ħajja, ma nistax nimmaġinaha
mingħajrek.

Illum, bejnietna,
is-silġ jirrifletti fis-silġ,
skiet tant sfiq
li ma tferrqux, lanqas b'serrieq...
Ninqata' għal sekonda,
nerġa' nikkonkludi:
dil-ħajja, ma nistax nimmaġinaha
miegħek.

Nittanta nippassiġġa, naqsam
is-skiet fis-skiet,
beżgħan li nirfes werqa mqarqċa

u nqajjem leħnek jaqta'.
U ngħix hekk, bejn vi u va,
bejn ġenna tal-fildiferru
u infern jitwarrad,
tmiem ma jistax jintemm,
sajf u xitwa xorta, l-istess
għaraq tad-demm,
konklużjonijiet
iduru ottijiet,
farfett imtaqqal wisq
biex itir jew biex jistrieħ.

Diċ-ċaqlembuta
titbandal b'piżijietna,
għad tibda żżaqżqilna f'widnejna...
Biex ninżel intiha ż-żejt, tikka, kemm
kemm, ikolli nħallik l-art...
Titlaq jew tibqa'?
Jekk titlaq,
fejn tmurilna?
Jekk tibqa',
tħallini nilħaq l-injama
biex nerġa' nitla'?

U kieku tinżel miegħi,
u mmorru nitbandlu band'oħra,
fil-baħar mielaħ
ta' mħabbitna,
fil-mewġ ta' baħar
li jibda, u jibda, u jibda...

# Ħaġa Tqila

Carmel G. Cauchi

Kemm insibha ħaġa tqila
nirreżisti f'dit-tempesta
hekk qalila!

Ir-riħ mgħaddab qed ivenven,
qed iċarrat b'qilla l-qlugħ;
l-ilma dieħel sew fil-ġifen
minn kull fil u xaqq miftuħ.

Qed jintrakat,
qed iżaqżaq,
qed iċaqċaq l-arblu l-kbir,
u nistenna li jinqasam
f'ħin qasir.

U daqskieku biċċa sufra
qed jitbandal fl-ilma l-ġifen
ma' kull ħalla…

waqt li jien ħerqan nistenna
li int tixref mis-sħab iswed
biex iddendel il-qawsalla.

# f'tarf il-blat

Leanne Ellul

Nitla' fuq ponot s'bgħajja f'tarf il-blat
Biex nilmaħ l-aħħar nitfa xemx tinkini.

Kif togħdos taħt l-ilma, nibda nistenniek
tqum mir-ramel tiffurmani all'għalik
bħat-tifel żgħir li kont b'subgħajk għarriexa
bħat-tifel kbir li int b'subgħajk għatxana.

Għidli li tibqa' tridni mqar sa ma
nneħħi l-aħħar nitfa ramel f'xagħri.

# Int

Victor Fenech

(bi tweġiba għall-poeżija tiegħi JIEN
li tagħlaq bil-versi 'Jien…min jien?')

La staqsejt,
nipprova ngħidlek int min inti,
mela le!

Inti ċittadin ta' dil-pjaneta u werriet tal-Univers.
Inti Malti-Ewropew-Mediterranju,
wild ix-xamma tal-baħar l-għelieqi tan-nanniet.
L-ispirtu tiegħek laburist-nazzjonalist – u
la inti Laburist lanqas int Nazzjonalist.

Inti kwiet-polemikuż
paċifist-perikoluż.
Inti fjamma spiritwali
mingħajr m'inti reliġjuż.

Int moħħ tiben jixtieq jifhem
Int ħuġġieġa tnemnem fin
Int ponn trab jisfida ż-żmien
Int ħarrab minn kull unur
Int enimma bla valur.

Inti b'saħħtek u int dgħajjef
Int beżżiegħi-kuraġġuż
Inti essri misterjuż...
*onġi onġi onġella*
*onġijo kavallier ...*
*xi jrid l-ambaxxatore?*
*irid tifla sabiħa!*
*onġi onġi onġella*
*onġijo kavallier...*

U fejn konna rġajna ġejna:
statwa mielħa
xmara tmewweġ
mewġ iħaxwex
taħt il-pont tal-
'Jien ... min jien?'

# Pippin u l-Bojja

Charles Flores

Ħarist f'għajnejk u dlonk intbaħt
Li wasal kien
Il-waqt tal-fird'għalina.
Dik il-kobba silġ
Rajnieha ddub u surtek tkemmxet
Bil-uġigħ.
Ridt li nkun ħanin,
Għażiż Pippin,
Hekk qal kulħadd...
*U raqqdu, u raqqdu, jaħasra.....*
Spiċċajt il-bojja kiefer tad-destin.
Imħabbtek ta' bla qies
U ta' bla tarf
Illum bħal film li diġà qdiem
U qed jisfuma fit-tifkira tweġġa'
Ta' kuljum,
Bix-xeni fuq pellikola ta' snin twal u ljieli mdawla
Ta' fsied u l-isbaħ kumpanija.
Wieħed minna kont,
Minn tal-familja, Pippin.
It-tluq li tellqek dan il-bojja
Kien biss
Għax ried jurik li jħobbok...

# L-arloġġ

Joe Friggieri

Itektek itektek
l-arloġġ tal-vetrina
iqassam ħajjitna
fil-ġranet u x-xhur

għaddej bla ma jaħseb
xi jfisser għalina
u jibqa' jinkina
kull siegħa li ddur.

# Il-fjur tal-ġakaranda

Joe Friggieri

Mal-ilma tal-funtana
u l-kant tar-rużinjol,
mal-ħoss tar-riħ li jvenven
fil-friegħi tal-prinjol,

il-fjur tal-ġakaranda
jirtogħod bejn żewġ werqiet,
u jaqa' fil-ħamrija
bla ħoss ta' xejn, fis-skiet.

# Fjur tal-kaktus

Joel Galea

La niftaħ jien
tistenna ħoss
imkien u mkien.

Għax jien
tal-għatx jien fjur

tas-skiet
li ma jistax
ikun miksur.

Jien id-dulur
ninfexx fi lwien

ftuħ il-kustat
ipperpetwat

kxif il-ġewwien.

La niftaħ jien
ixħet għajnejk
ġo ħoġri fond

u kullimkien
issamma' s-skiet
tal-għatx profond.

# Biss is-skiet

Joel Galea

Trab merfugħ
mill-mewġ tar-riħ
hu l-kliem kollu
li f'riġlejk
nitfisser bih.

Trab merfugħ
minn nifs l-uġigħ.

Jehda r-riħ,
imut il-kliem.

Biss is-skiet
hu l-jien
bla tmiem.

# Għalissa

Maria Grech Ganado

Swied – ħlief xaqq
dawl inemnem
u ħaġra m'għonq raġel

nieħu nifs twil u nissogra
għajnejja mbexxqa
biex hemm fil-fond nett

inbuslu nifs twil …

ngħarrfu li m'iniex se nibqa'
bilfors miegħu
ngħarrfu li jekk nintrabtu

għalissa biss

bla kliem iħoll il-ħaġra
joffrihieli ġiżirana
u jorbotni f'dirgħajh

*araha ġejja araha ġejja*
*din il-bewsa min tahielek?*

# Ilsna

Maria Grech Ganado

Ilsna niggieża
ħodor fejn nixef kollox
werqiet il-palma

# Is-Sried Ixoqqna Fin Fin

Adrian Grima

*Lil Walid*

Għedtli li aħjar ma tħammilx,
għax il-ħmieġ li ttella' ma jaħmilx,
iħammarlek wiċċek, ismek
ġismek jitkebbeb fil-fdalijiet u l-irwejjaħ qodma
li ttella' miegħek.
Dawk li kont ħsilt minn fuq ġildek,
dawk li kont qlajt mal-ħemda wara x-xorb.

Ħallih għall-irdoss, għedtli,
għax la tqanqal iddardar,
u la ddardar taqla',
u jiġi żmien li ma tkunx tista' taqla' iżjed,
u aħna m'għandniex stonku,
l-istonku tagħna delikat,
l-aċti tiegħu vendikattivi.

Għedtlek li dak li ttella'
jista' jintuża bħala xhieda kontrik,
li l-provi tal-innoċenza tiegħek
isiru l-kap t'akkuża.
Għedtli li l-ħama mxarrba
la titla' tibbies,
u qatt ma tista' tniżżilha lura fil-qiegħ;
li mill-qiegħ ittella' xfafar antiki
li jqattgħu l-laħam biċċiet,
li iktar ma tikber iktar inixxu demm il-ġrieħi,
li jibqgħu jtebbgħu,
li ma jkunu jridu jagħlqu b'xejn,
lanqas bix-xfafar misnunin tal-psikoterapisti.

U allura ma qlajna xejn mill-qiegħ.
Xejn li jdardrilna l-istonku.
Xejn li jimmakkja d-dijaframma.
Xejn li jobrox is-sadid.
Ħallejna s-sried tal-Imdina u r-Rabat ixoqqna fin fin,
moħħna mistrieħ li almenu
qegħdin maġenb xulxin.

# Ħsieb Ħalliel...

Patrick Sammut

Bħalma x-xħiħ isorr il-muniti
waħda fuq l-oħra
u joqgħod attent li ma jitlef
lanqas waħda minn dawn uliedu
hekk prezzjużi,
hekk jiena
nagħsar sal-aħħar qatra
is-sigħat, il-minuti u s-sekondi
tal-jum disponibbli.

Nibqa' mqajjem
intella' u nniżżel sal-aħħar waqt
nistaqsi jekk dawn uliedi
tajthomx ilkoll il-ħin li
stħoqqilhom,
inkella ma nagħlaqx għajn.

Il-leblieba tiegħi
mhix is-sigaretti u 'qas il-muniti
imma l-pinna u l-pitazz.
Hekk biss inkun naf li
nfaqt kull sekonda b'mod għaqli
f'tarf kull jum
li jaħrab bla ma jħares lura.

# Lament lil ommi

Salv Sammut

Qatt ma ħaddantek miegħi għax kont nistħi,
Qatt ma bist lil ħaddejk għax kont imgerrex,
Qatt m'għedtlek kliem sabiħ għax ma kienx fija.
Dejjem xtaqt nurik dan kollu.
Kont naf li tixtiequ.
Dejjem stennejtu u ridtu mingħandi
Imma jien bqajt inżomm lura
Mhux minn nuqqas ta' qima jew rispett
Lejk. Kont t'għalija waħdi – solitarju!
Iżda, emmint ġo qalbi l'int il-blata
Li l-mewġ tal-baħar għalkemm ħebb għalik
Ma dgħajfikx u ma ġarrbikx.
Int sirt il-wens, sirt ir-refuġju tagħna
Meta l-maltemp ħebb għalik u għal darek.
Kont naf li lili iġġibni bil-bosta
Għax kont kwiet, ma ninkwetakx.
Illum għaddew id-deċennji minn tluqek
Kif l-istess għaddew minn fuqi
U l-arloġġ kieku nista' nreġġa' lura
Kont ngħidlek dak li qatt m'għedtlek snin ilu
U nurik li m'iniex daqshekk miegħek –
Indifferenti.

... Kieku nista'!

# Hekk kif tinħass ġol-arja x-xitwa

Lillian Sciberras

Hekk kif tinħass ġol-arja x-xitwa
jittanta jiġi jżurna f'San Ġiljan
il-gawwi xalatur riekeb il-Grigal.

Iterraq bejn is-sema u l-ilma
dar-riħ ta' qilla ġej mil-Lvant
jagħraf iżeffen mewġ il-baħar
f'dagħdigħa wara l-oħra li tispiċċa
ħabta u sabta dritt ġol-moll –
gwardjan kajman ta' dawn l-inħawi.

Fis-sema sadattant
il-gawwi li ġie jżurna,
imħarrek u kurjuż,
jiżfen fil-għoli ż-żifna tiegħu bla tfixkil
fil-wisa' ħielsa tas-smewwiet
mingħajr ma jsib ostakli,
u lanqas mollijiet.

# PROŻA

# F'għajnejha, il-ħarsa siekta

Clare Azzopardi

*Kull darba li nħares lejk, ilma miexi*
*tad-Danubju, nilmaħ il-ħarsa siekta*
*t'għajnejja għajjenin jistadu s-sewwa*
*f'kull moviment ...*
*Minn Széchenyi Lánchíd ta' Immanuel Mifsud.*

F'għajnejh għajjiena, il-ħarsa siekta. Sikta li ilu jġorr miegħu għoxrin sena.

Għax għoxrin sena ilu, ix-Xmara Ġordan imtliet bil-ħars ċass ta' niesu. Għax għoxrin sena ilu kellu jaqbad il-ftit ritratti mtappna, bil-ħarsa mċallsa u siekta ta' ommu u ta' missieru u jitlaq 'il bogħod minn pajjiżu. Għax għoxrin sena ilu spiċċa fuq gżira ċkejkna f'nofs il-Mediterran u baqa' hemm: fuq gżira mċaħħda minn kull xmara siekta u mbikkma. Ma riedx jaf bi bliet bix-xmajjar għax ix-xmajjar bħan-nanniet, kien jgħid, jirrakkuntaw ħafna stejjer qodma u koroh. Għax ix-xmajjar jibku dejjem.

Sab baħar salvaġġ u kiefer minflok; baħar li kien iġiblu miegħu l-istejjer mielħa ta' sħabu u niesu. U kien jirrabja fis-skiet mal-blat aħrax, mal-ħalel għolja. Jirrabja għax ma kienx hemm biex jgħinhom. Jirrabja għax jum fost l-oħrajn il-biża' ġegħlitu jitlaq u dik l-istess biża' ma kinitx qed tħallih imur lura. Jirrabja għax l-affarijiet ma jinbidlu qatt. Jirrabja fis-skiet b'għajnejh jistadu s-sewwa f'kull moviment max-xtajta.

Imbagħad darba sab lilha fuq facebook.

Mhux li kien jinteressah ħafna jiċċettja ma' nies li ma jafhomx. Għalih il-facebook kien biss il-pont trasparenti li jgħaqqdu mad-dinja Għarbija. Imma Eva kienet differenti. Kienet tħobb tirrakkonta l-istejjer u l-ħrejjef li nibtu mid-Danubju: stejjer qodma, stejjer ġodda li qatt ma kien sema' bħalhom. Kien saħħru l-iktar il-mod kif kienet tirrakkontahom. Kienu stejjer li għenuh jitbissem u li żammewh 'il bogħod mill-uċuħ ċassi fix-Xmara Ġordan u mir-rakkonti tad-dwejjaq li l-baħar kien iġib miegħu minn pajjiżu sax-xtajtiet ċkejkna tal-gżira. Qaltlu li mhux vera li x-xmajjar kollha għandhom memorji koroh. Qaltlu li mhux vera li x-xmajjar kollha laqgħu fihom il-ħars ċass ta' nies innoċenti. U hu kien jisma' u jitbissem; xi ftit xettiku forsi, imma l-vuċi tagħha biss ukoll kienet tmellsu. Qaltlu l-istorja tal-mara ħdejn ix-xmara li tbigħ il-fjuri sempliċi lill-irġiel biex jagħtuhom lin-nisa tagħhom; u meta jasal il-lejl, u jkun fadlilha ftit fjuri, titfagħhom waħda waħda fix-xmara biex anki hi timtela bil-kuluri. U qaltlu li ma' kull fjura li l-mara titfa' tinbet storja ta' mħabba.

M'emminx. Ovvja li m'emminx. Dar-romantiċiżmu kien beda jdaħħqu aktar minn xejn, imma l-ħsieb ta' dil-mara ħdejn ix-xmara tbigħ il-fjuri ma setax ineħħih minn moħħu, u r-ritratt ta' Eva, dejjem daħqan, fuq facebook, kien sar iktar minn sempliċi ritratt. Jorqod u jqum beda jaħseb fuqha biss. Billejl kien saħansitra beda joħlom iljieli twal ta' mħabba ma' Eva ħdejn id-Danubju. U ħolom li qed ipoġġilha l-fjuri mlewna fuq sidirha abjad.

Darba waħda staqsietu biex imur jaraha, "Ejja," qaltlu. "Ejja int," qalilha. Imma hi ma kellhiex ħsieb li żżur gżira niexfa mix-xmajjar. Allura ċeda. Wara kollox kien ilu ma jsiefer. Kien nesa x'jiġifieri ssiefer. Staqsieha kif se jsibha u qaltlu, "issibni ħdejn ix-xmara." U daħaq. Qalilha li hekk mhux biżżejjed biex jiltaqgħu. "Ejja," qaltlu, "biex tara l-ilma miexi tax-xmara bħal liżar kbir, ejja biex tismagħha tirrakkontalek l-istejjer ta' mħabba. U tibżax, lili ssibni żgur. Twasslek hi għal għandi."

Dik kienet l-ewwel darba f'għoxrin sena li telaq mill-gżira biex imur ifittex l-imħabba ħdejn xmara differenti minn dik ta' tfulitu. Kien ċert li kienet ġennata mill-kbar. Għax hu kien tip prattiku s-soltu, ir-romantiċiżmu jqażżu u ħafna drabi ma jemminx fl-imħabba. Ħalef li ma kellux jaqa' għal xmara oħra ta' dmugħ. Ma kellux iħalli d-Danubju tisseduċih. Imma xorta waħda kien jinsab fuq l-ajruplan lejn Budapest biex ifittex lil Eva, sabiħa u misterjuża; Eva li sar jafha biss fuq facebook. U bla indirizz, wara kollox, forsi ma jsibhiex, imma anki din il-logħba, fiha nfisha, kienet eċċitanti. Le, ma kienx inkwetat għax

fl-aħħar mill-aħħar jekk Eva ma teżistix, jew jekk Eva ma titfaċċax, kellu jqatta' biss ftit jiem fil-lukanda ta' ħdejn il-pont tal-ktajjen u mbagħad jiġi lura.

Ix-xmara ma rrakkontatlu l-ebda storja fis-sigħat bikrin ta' wara nofsinhar. Fakkritu biss fix-xmara ta' pajjiżu u ħallietu waħdu jibki l-memorja ta' ommu, ta' missieru, ta' ħutu ... Ħalef li din kienet l-ewwel u l-aħħar darba li se jżur belt bix-xmara għaddejja, għajjiena. U jekk ma jsibx lil Eva kien se jippakkja kollox u jmur lura l-ajruport dakinhar stess.

Imma filgħaxija, meta x-xemx kienet għadha mdendla, ra tfajla bil-fjuri f'idejha tistenna lil xi ħadd jiġi jixtri. U resaq bil-mod biex jara min kienet. Hi kienet. Is-sabiħa Eva tal-ħafna stejjer u l-ħafna ħrejjef. Fil-pront għarfitu u tbissmet. U għal ftit waqtiet ma lissnu ebda kelma. Imbagħad tefgħu l-fjuri li kien fadlilha fix-xmara, "għal niesek," qaltlu, "għal niesek li nqatlu u tefgħuhom fix-xmara."

Kellha appartament ċkejken Eva. L-art kienet miksija bl-injam iżaqżaq ma' kull pass umli li tagħmel. Il-kċina daqs nitfa tesa' biss persuna waħda, kamra oħra b'sufan u mejda qodma, żlugati u kamra tas-sodda bit-*toilet* u d-doċċa. Imbagħad kien hemm kamra oħra ħdejn dik tas-sodda li qatagħha li kienet il-kamra tal-imbarazz għax il-bieb kien magħluq. Stħajjel li kienet żgħira bħall-bqija tal-kmamar l-oħra u li malli tiftaħ il-bieb, jinbeżaq kollox għal wiċċek. Kielu u nħabbu u pejpu sigarett wara l-ieħor. Ma' kull ċikka li tgħaffġet intemmet storja.

Kien fit-tieni lejl li qam biex jixrob ftit ilma u ra dawl ċkejken ħiereġ mill-kamra li skontu kienet tal-imbarazz imballata tant li ma tkunx tista' tidħol fiha. Imma fil-fatt kien mar żmerċ, għax kieku kienet fgata bl-imbarazz ma kienx ikun hemm il-bieb imbexxaq u d-dawl ħiereġ. Għax kieku, kif stħajjel hu, l-imbarazz kien ikun qed jittawwal mill-bieb u minn dal-bieb kien hemm biss kalma ħierġa u ftit dawl bati. Ma resaqx iktar, xorob ftit ilma u reġa' mar fis-sodda jistennieha tiġi tgħannqu. Ma jiftakarx jekk ġietx. Jiftakar biss li stennieha għal ħin twil imma mbagħad raqad. L-għada filgħodu, xħin Eva kienet qed tinħasel mar jipprova jidħol fil-kamra, għax qal f'qalbu, x'seta' kellha dil-kamra isbaħ minn raġel għarwien fis-sodda? Imma l-bieb kien imsakkar. Allura filgħaxija staqsieha x'hemm fiha, xi tkun qed tagħmel billejl u hi weġbitu li fiha kien hemm il-memorji ta' niesha u li għalih ma kienu jfissru xejn.

L-aħħar lejl ta' nbid u mħabba, sigaretti u stejjer, kien wieħed mill-iktar intimi. Stedinha biex tmur għandu. U qaltlu li kien diffiċli tħalli lil niesha warajha. Qaltlu biex jerġa' jmur iżurha u wegħedha li jmur ma jdumx. U kien dak l-istess lejl, l-aħħar lejl, li reġa' qam bil-għatx, wara ħolma ftit skabruża,

ftit skifuża, u hekk kif ħareġ mill-kamra, sab l-istess bieb tal-kamra ċ-ċkejkna mbexxaq, b'dawl bati nkejjuż. Mexa lejha bil-mod, jipprova ma jħallix l-injam ta' taħt saqajh jikxfu, wasal quddiem il-bieb, bexxqu bil-kalma u ħass riħa stramba tinvadilu mnifsejh. Raha ddawwar rasha u tħares lejh, "Hawnhekk ħadd qatt ma jidħol," qaltlu. "Aħfirli Eva, imma mhux l-ewwel darba li rajtek f'dil-kamra kemm ili hawn u ddum ma terġa' tidħol fis-sodda. Qabbadtni l-kurżità. Xi tkun din il-kamra b'riħa ta' ... riħa ta' mewt?"

Dak il-ħin, Eva xegħlet il-kumplament tal-bozoz. Skiet. Ħares madwaru u induna li l-kamra kienet mimlija ħars mitfi. Kull ħajt kellu mwaħħal miegħu ħafna ritratti; ritratti tan-nies. Kull ritratt kien ċkejken bħal dak tal-passaport. Kull ritratt kien imwaħħal mal-ħajt. Kull ħajt kien mimli. Ritratt ħdejn ritratt fuq ritratt taħt ritratt. Mis-saqaf sal-art. Imbagħad ħares fuq rasu u anki s-saqaf kien inċanat bin-nies iħarsu lejh. Hi biss kienet qed tħares lejn l-art dak il-ħin. Eva biss. "Dawn niesi," qaltlu, "li nqatlu u ntefgħu fid-Danubju. Kieku għedtlek bihom qabel, ma kontx tiġi." U dak il-ħin lemaħ f'għajnejha għajjiena l-ħarsa siekta.

# Għad jagħdab l-irdum

Paul P. Borg

Ix-xemx kienet tittanta tinfed iċ-ċpar ħafif li kien għadu jitliegħeb fuq il-wied tal-Mistra.

Tajjar ħafif mitluq ma' ħdan il-wied.

Il-ħemda donnha titħallat mal-hena tal-għodwa ġdida. Mhux biss tarahom isebbħu waħda lill-oħra filgħodu kmieni, imma aktarx tħosshom fik.

U jbikkmuk. Iżommulek in-nifs.

Iż-żewġ subien resqu lejn xifer l-irdum iqandlu u jimbuttaw ġebel ċatt. Is-siġġu. Nagħmlu siġġu kull wieħed. Siġġu tal-ġebel f'xifer l-irdum u naraw il-wied kollu minn hawn fuq. Naraw l-għodwa, id-daħna taċ-ċpar nadif, u x-xemx tinfdu min-naħa għall-oħra. Hekk nagħmlu. Noqogħdu naraw ix-xemx tielgħa fuq ir-raba', fuq it-tadam, fuq id-dwieli, fuq il-kaboċċi fis-swieqi... Noqogħdu nisimgħu liż-żiemel jiżher, lis-serduq jidden, lill-kelb jinbaħ. U fil-bogħod nisimgħu ċ-ċafċifa tal-mewġ mal-qala. Jew lill-bidwi jtektek bil-mannarett waqt li jsewwi ħajt misluħ. Jew nisimgħu ż-żarżira tal-karettun mat-trejqa kollha trab. Id-daqqa ħiemda tal-kruxxun fil-ħamrija bajda tal-wilġa. It-tmattir tal-qasab wieqaf. Iċ-ċekċik, ċekċik tal-bramel waqt li qed jibdew jiħarku fis-swieni qodma...

Minn fuq il-ġebel ċatt f'xifer l-irdum it-tfal qagħdu jaraw dal-misteru li għaġġibhom u ċċassahom. Kien jimmutahom, jaqbdilhom qalbhom, jaħtafhielhom, jimliehom b'hena li ma kinux jafu li qatt aktar f'għomorhom ma kienu sa jġarrbu. L-għoli kexkixhom għal waqt wieħed, imma kessaħhom

bħalma kellu ħabta jagħmel kull filgħodu malli jersqu lejh, għax għalkemm l-irdum kien moħbi wara l-ħarrub xiħ, xorta raw firxa ġmiel minn hemm fuq, misteru ta' kuljum, miraklu li kienu jistennew, waqt li qalbhom ħabbtet fuq li ħabbtet. Bil-hena u bil-biża', taħlita li ġennithom bil-qawwa tal-avventura. Ftit lil hemm minnhom kien hemm il-miżbla u ftit aktar lil hemm kien hemm il-mandra, kien hemm ir-rummiena u t-tursin taħtha, u mifrux sewwa għar-rwieħ kien hemm il-basal li kien qala' n-nannu. U l-bajtar tax-xewk imdawwar ma' xfar ir-raba' tat-tina dukkara fil-qalba tad-dwieli...

Kollox ħiemed, kollox għadu jibda jistejqer għall-ħajja tad-dawl wara lejl ħemda mudlama.

Imbagħad fetħu ktieb kull wieħed u qagħdu jaqraw. *Raġel bil-Għaqal. Taħt Tliet Saltniet. Ħelsien. Nazju Ellul. Taħt in-Nar. Leli ta' Ħaż-Żgħir. Is-Salib tal-Fidda.* U l-bqija, wieħed wara l-ieħor f'dak il-ftuħ u f'dik il-ħemda. Għajnejhom fuq l-irdum u l-għoli minn hemm fuq, ħarsithom għal waqt wieħed fuq il-pal tal-bajtar tax-xewk taħt ir-riħ. Iżda ftit ftit il-biża' jinbidel f'hena. It-tlaqliq f'ruħhom jinbidel f'sikta kbira. Il-kliem miktub u ċatt jieħu togħma ġdida li bla ma jintebħu tixgħelhom u tqanqalhom. U l-blat ippuntat u ikrah taħt l-irdum ma jbeżżagħhomx aktar. Mhux biss, iżda l-għadab ta' rdum ħiemed, ma jintebħux bih. Ma jimmaġinawx li l-irdum jista' meta jidhirlu, meta jrid, jibda jagħdab u jaħsad ħajja jew oħra wkoll bla ma jintebaħ ħadd. Jew bla jkun qed jistennieh ħadd.

***Ix-xwejjaħ Pawlu*** ttawwal minn fuq l-irdum għal isfel u ma rax l-għoli li kien hemm, lanqas il-blat ippuntat u l-ġebel imferrex 'l hemm u 'l hawn. Fir-rokna kien għad fadal mandra bla ħajja kollha xewk niexef li donnu lanqas żerriegħa ma kien għadu kapaċi jagħmel. U madwar kien hemm l-għollieq mifrux ġmielu, u pala tal-bajtar tax-xewk qalbenija, rasha iebsa, tittanta tibqa' tgħix ukoll jekk issa tkemmxet għax aktar 'l isfel bnewlha ħajt qalb l-għeruq ħalli jeqirduha. Iżda Toni raha għadha wieqfa, tiġġieled kif tista' u mdawra dawramejt bil-bini u l-ħitan lixxi u sbieħ. Bħallikieku riedet turi l-ħeġġa tagħha għall-ħajja: għalxejn il-bini, għax ma jagħmilli xejn; għalxejn it-tarmak tat-triq hemm taħt, għax ma jagħmilli xejn; għalxejn id-dħaħen tal-karozzi, għax ma jagħmluli xejn; għalxejn il-kunfużjoni tal-vilel li issa ġmielhom qed itektku ħdan il-wied, għax ma jagħmluli xejn lanqas.

Dan kollu ma rahx ix-xwejjaħ Pawlu. Pawlu ma rahiex il-ħajja ġdida li issa kienet sejra ġmielha fil-wied tal-Mistra. F'dak li darba kien il-wied mimli għelieqi u saqwi, qaqoċċ u bettieħ, dwieli u piżelli, kaboċċi u pastard

... issa hemm ħajja oħra. Pawlu ħares iżda ma ra xejn minn dak li kien hemm taħtu, hu u jħares minn fuq l-irdum. La l-vilel ma ra, la t-toroq, la l-arbli tat-televixin, xejn, ma ra xejn. Lanqas it-triq fejn darba kien hemm il-qasab ma ra, jew il-karozzi jleqqu għaddejjin ma ra. Ma rahiex ir-*round-about* bil-palm fin-nofs. U lin-nies sejrin jixtru lanqas ma rahom. Lanqas id-dgħajjes sbieħ u kbar sorġuti ma' mollijiet twal. Ma seta' jara xejn minn dan kollu wkoll issa li x-xemx kienet telgħet ġmielha.

Iżda minn fuq l-irdum minflok ix-xwejjaħ lemaħ żewġ subien imqarqċin jiġġerrew qalb dawk l-għoljiet u blatiet. Deherlu li kien rahom. Ried jarahom bilfors u ħares madwaru u tawwal għonqu kif seta' 'l hemm mill-ħitan għax ried bilfors jara dak li kellu fi ħsiebu. Ried jara l-ħajja tixxabbat ma' rdum, ried jara l-imgħoddi, ma jistax ikun li dan l-irdum biss fadal, ma jistax ikun li twitta kollox u kullimkien, ma jistax ikun li dan biss fadal u xejn aktar. Kien imħawwad f'daqqa waħda x'qiegħed jara minn fuq l-irdum. Ma jistax ikun issa m'hemmx aktar fejn wieħed jista' jiftaħ qoffa tin u jfettħu fuq il-ħajt tas-sejjieħ ħalli jinxef għat-tiqdid. Fejn kienu l-ħitan tas-sejjieħ? U l-ħarruba x'baqa' minnha? Kif jista' jkun għosfrot u m'hemmx ħarrub x'jaħrat? X'sa jieklu l-bhejjem issa? La jibda jdallam u jagħmel il-maltemp x'jistgħu jieklu l-bhejjem jekk ħarrub m'hemmx? Fejn hu l-ħarrub? Fejn hi l-ħarruba? U Karmnu l-Wogner u Pawlu l-Qantara fejnhom issa? U Ġużepp ta' Selmun u Gerit u Ġużeppa fejnhom issa? U Dun Ġużepp u z-zija Mari? U Kunsulot, u x-Xidi, u Anġlu taz-zija Lonza, u n-Naħlu, u l-Frittu, u ta' Likket u l-Ħixwijin fejn kienu issa?

Dan kif ma jidhru mkien?

Imbagħad Pawlu ħa nifs fil-fond sewwa.

Iwa ħares madwarek Pawl, ħares sewwa ara tarax lil xi ħadd. Ara tarax jew tismax xi tgergira waħda biss tidwi mgħaddba ma' xifer l-irdum! Ieqaf Pawl, ieqaf waħda, x'qiegħed tisma'? Intix tisme' mqor wieħed minnhem Pawlu? Iwa mank wieħed ma qed tusma', pissiebli? Hiex it-tħarħira tal-mewt tagħhem qiegħed tusma' Pawl, hiex vieru?

Ix-xwejjaħ Pawlu kien ħabat sa jsewwed qalbu tgħidx kemm, għax tabilħaqq, minn dak li xtaq jisma', ma sema' xejn. Minn dak li xtaq ixomm ma xamm xejn. Minn dak li xtaq jara ma ra xejn.

U għalkemm ħares fuq li ħares, għajr tgerfix f'daqqa waħda ma setax jilmaħ minn fuq xifer l-irdum. Tgerfix ta' biża', ta' swied il-qalb, bini mbażwar qalb l-għelieqi li issa sparixxew huma wkoll u flokhom xi ħadd pinġa toroq il-ġmiel tagħhom, sbieħ, lixxi, griżi, bl-arbli tad-dawl għal billejl saħansitra!

U l-mogħdijiet qalb ir-raba' u qalb ix-xewk minn ħabel għal ħabel ma rahom imkien imkien.

Iżda f'daqqa waħda Pawlu bħal ra żewġt itfal żgħar, kemm seta' kellhom? Tmienja, disa' snin? Jew laħqu l-għaxra? Bħal deherlu li villa taħt ir-riħ ma kinitx hemm u minflokha għad hemm il-ħarruba xiħa xiħa daqs l-irdum, jew il-feles irdum li għad fadal. Bħal deherlu li kienu żewġt itfal li kien jaf. Kien jafhom, ħaseb. Donnu jafhom, għarafhom, għarafhom, għarafhom, u qalbu libtet ferħana, eċċitata. Bħal rahom jiġru minn ħajt għal ieħor, jaqbżu qalb il-blatiet qodma. Bħal semagħhom jgħajtu.

"Toni - !"

"Pawlu - !"

U jieqfu ssummati.

"Pawl, qed tarahom ir-raġġi tax-xemx għaddejjin minn ġos-sħab?"

"Dak mhux sħab baħnan, dak ċpar!"

"Mela Malta jkollha ċ-ċpar ukoll?"

"Dak ċpar, u dik ix-xemx ta' filgħodu u ċ-ċpar għax m'hawnx riħ fil-wied, għalhekk. U għax ġejja s-sħana... naħseb... Immorru sa Wied Għarbiel?"

"Jekk tgħajtilna ommi?"

"U imxi..."

"Leħni jirbombja iżjed mal-irdum! Isimgħu: Pawlu-u-u-u... Smajtu?"

"Jew immorru għall-melħ fuq it-tafal..."

"Pa-a-awlu-u-u..."

"Imxi qabel tiġi ommi!"

"Pa-a-a-awlu-u-u-u-"

U jieqfu ssummati jisimgħu l-ilħna tas-sħarijiet jitkebbu mal-ħitan ta' rdum, mad-dawramejt ta' Wied il-Mistra, jidħlu fl-irkejjen imbiegħda tal-ġebel, u tażżmien, jiżżerżqu ma' ġniebi kollha ħaxix imxarrab bin-nida, jaħbtu mal-wileġ tal-faċċata, mas-swieqi fil-wied, mal-bgħula jduru d-dawra eterna tas-sienja żżaqżaq, u jerġgħu lura ħalli jinstemgħu mill-ġdid miż-żewġ ħlejqiet ċkejknin.

Pawlu u ħuh iżgħar, Toni.

"Kieku tagħmel ix-xita Ton, kieku mmorru taħt il-ħarruba."

"Kieku mmorru fl-għar. Ġieli dħalt fl-għar waħdek inti, Pawl?"

"Dakinhar dħalt ma' Salvu taz-zija Gerit..."

"Mela mhux il-Bajjad mortu?"

"Trid immorru l-Bajjad malajr?"

"Ommi... Hemm 'il bogħod imma..."

"Trid noqogħdu naqraw ftit?"

“Toqgħod taqra inti u jien nisma’...”

“Hemm il-ktieb taz-ziju Leli.”

“Fejn sibtu?”

Pawlu jbaxxi leħnu.

“Fil-kamra tal-bejt, fejn l-għodda tal-karozza.”

“Trid immorru l-Bajjad malajr mela?”

“Iva! Imxi malajr...”

U x-xwejjaħ Pawlu ħass tbissima fuq xufftejh malli lemaħ lis-subien għaddejjin straxxnati minn ġebla għal oħra minn fuq ħajt għal ieħor donnhom ilpup feroċi mank imissu mal-art, donnhom il-gremxul jaqbeż waħdu mqar biss biż-żegħil jaħraq tal-qilla tax-xemx Maltija fuq ix-xagħri fis-sajf. Ix-xwejjaħ reġa’ dawwar ħarstu madwaru għax lemaħ mogħdija wara l-oħra. Lemaħ l-għalqa tal-bir, lemaħ il-ħorża mġennba u s-subien jazzardaw jittawlu jaraw x’hemm. Imbagħad lemaħhom jixxabbtu mas-sies, jiżżerżqu mat-tafal u l-ħamrija, lemaħhom fl-għalqa tat-tadam ta’ nannuhom, lemaħhom jieklu t-tadam u jnaqqu l-ħaxix ħażin li jfettillu jitla’. U lemaħhom jiġru lura, ’il fuq mas-sqaq wieqaf, iebes, żonqri, kollu xewk u ġebel. Lemaħhom mifluġin, għasra bil-għaraq, wiċċhom imbegħren aħmar nar bid-dagħdigħa tad-demm ibaqbaq bis-saħħa, bil-hena u bil-ġmiel taż-żgħorija li qed tikber qalb il-ħolqien mhux mittiefes.

“Ħa mmur inġib il-ktieb issa Toni,” jgħajjat Pawlu nifsu maqtugħ.

“Imma fejn sa noqogħdu naqraw?”

“Nagħmlu siġġu!”

“Siġġu!”

“Siġġu! Mela, siġġu! Imxi miegħi Toni...”

Siġġu, siġġu, siġġu, ftakar ix-xwejjaħ. It-tfal iridu jagħmlu siġġu tal-ġebel. Is-siġġu ma’ xifer l-irdum! Is-siġġu mill-ġebel ċatt, imgerbeb mis-subien.

Noqogħdu naraw il-wied, Pawlu, trid? Trid Pawl? Naraw l-ikbar wied ta’ Malta. L-isbaħ wied tad-dinja kollha. L-ikbar u l-isbaħ fl-Univers kollu kemm hu. L-iktar ħiemed. L-iktar imwarrab. Żgur li ma jiġi ħadd fih dan il-wied Pawl, issa tara, issa tara kif ma jintmessx dan il-wied! Nagħmlu mħatra Pawl? Kif jistgħu jkissru Wied il-Mistra li hu l-wied f’Malta u Għawdex kollha kemm huma li fih l-iktar swieni? Kif jistgħu jeqirdu l-ħemda ta’ Wied il-Mistra? Qed tismagħha ċ-ċaqċiqa tas-sienja Pawl? Qed tismagħha żżaqżaq id-dawwara? Qed tisimgħu l-ilma jitbattal mill-bramel imsaddin għal ġol-ġiebja Pawl? Iwa, iwa Pawl, qed nismagħhom, dawk kif iduru u jduru hekk il-ħin kollu? U dak il-ħoss tal-ktajjen hux? Għadek tisimgħu? Possibbli? Kif jista’ jkun għadek

tisma' l-ħoss tal-bagħal mgħammad idur u jdur u jdur dawra li kien jaħseb li kienet eterna? Li kulħadd kien jaħseb li kienet eterna.

U dik ir-riħa tal-ħamrija qed tinħarat qed ixxommha Pawlu?

***Ix-xwejjaħ Pawlu*** reġa' tawwal għonqu minn xifer l-irdum u lemaħ radda ħdejn radda fl-għelieqi ta' Wied Għarbiel u l-Forn. Iżda mbagħad reġgħu tfaċċaw it-tfal quddiem għajnejh. Għefieret li huma, hemm x'qed jagħmlu? Dak x'ġebel hu li qed iġorru? Madonna, x'kull ġebla, dik sa twaqqagħhom għal isfel minn fuq l-irdum, lejn il-ħajt li hemm sewwasew max-xifer tal-irdum. Imbagħad jittantaw itellgħuha fuq il-ħajt u tibqa' tiġġenneb għax taħtha mhux sod u Pawlu jneħħi laqxa minn taħtha u jerġa' oħra u oħra. U Toni jneħħi ġebla żgħira minn taħt ħalli ċ-ċatta toqgħod aħjar u l-ġebel żejjed jixħtuh minn fuq l-irdum għal isfel.

"Ill! Kemm ġie siġġu tajjeb hux Ton?"

"Dak għalija issa!"

"Eħ! Żiggi! Il-ġebla jien sibtha!"

"Imma jien imbuttajtha l-iktar!"

"Inti Toni żatat!"

"U inti Pawlu pala taż-żibel tal-gvern!"

"U inti bagħal, għax jien sibtha l-ġebla!"

"U inti kelb iswed!"

Tifel jagħti daqqa lill-ieħor. L-ieħor jagħti daqqa bi tweġiba u f'radda ta' salib jispiċċaw it-tnejn qalb il-ħamrija fuq ir-riħ ta' rdum jinqalbu, jitmiegħku, qishom kelb u qattus għal demm xulxin.

"Fraġtni Pawlu! Ara kif imlejtni demm, ja kelb imġiddem!"

"Imma jien irbaħtlek!"

"Inti waqaft tiġġieled. Ejja nagħmlu ġlieda oħra!"

"Issa ma rridx għax tiġi ommi..."

"Mel'ejja nagħmlu siġġu ieħor..."

"Iwa Pawl, ejja nagħmlu siġġu ieħor.

"U għada niġu naraw ix-xemx tielgħa nerġgħu."

"Imma rridu naqtgħu l-bajtar l-ewwel qabel titla' x-xemx… barmil għal tagħna, barmil għan-nanna... immorru l-mandra ta' fuq għada, trid?"

"Inġibu ġebla oħra minn dak il-ħajt t'hemmhekk..."

U t-tfal jerġgħu jibdew iġorru mill-ġdid, igergru, iħottu, jibnu u jwaddbu ġebla wara ġebla żejda minn fuq l-irdum għal isfel.

Sa fl-aħħar is-siġġu l-ieħor kien tlesta wkoll, u l-ġebel imsensel sewwa mal-ġebliet tal-ħajt sewwasew f'xifer l-irdum. It-tfal iħarsu 'l isfel għal hemm

taħt, ħarsithom miftuħa beraħ daqs ta' mogħża ċċassata arbulata f'xifer ta' ħajt bla ma titħarrek waħda biss iżda b'seba' għajnejn fejn tixħet riġlejha u ma jfallilha qatt, mank waħda! Iż-żewġ subien għaddew minn naħa għal oħra ta' rdum u żżerżqu mal-ġniebi weqfin tiegħu ggranfati sewwa ħalli ma tegħlibhomx rashom għal taħt ir-riħ.

Ix-xwejjaħ Pawlu qagħad jara liż-żewġ subien ferħanin bilqiegħda qishom rejiet fuq is-siġġu tal-ġebel f'xifer l-irdum, jiflu saltnathom mill-għoli tal-irdum, u bla ma jaf għaliex ħass id-dmugħ iġelben ma' ħaddejh ma jafx għaliex. Ix-xwejjaħ qagħad jara lis-subien bla taħrika fuq is-siġġijiet filgħodu kmieni jistennew ix-xemx titla', jistennewha kollha ħerqa li titfaċċa 'l hemm mill-Qawra u jarahom jiġġennu bil-hena malli n-nirien tagħha jfuru minn xifer ix-xefaq imbiegħed. Qagħad jarahom jaraw iċ-ċpar mal-qiegħ tal-wied jibda jitħarrek, donnu jissaffa f'dagħbien trasparenti, qagħad jara lit-tfal jifirħu bl-imrieżaq jinfdu l-ħjut ta' ċpar ħiemed. Qagħad jaralhom il-ktieb f'idejhom, qagħad jaralhom fuq ħaddejhom il-ħeġġa li jibdlu kull ittra, kull sillaba, kull kelma fi ħsieb u f'ħoss ġewwieni li kellu jnissel fihom imħabba u ġibda lejn dak il-wied. Lejn dak il-ħarrub. Dak l-irdum. Lejn dak il-ħolqien.

Imbagħad l-għajjat.

L-istorbju f'daqqa waħda.

It-tfal jinħasdu.

Jitwerwru.

Għajjat minn warajhom.

Ix-xwejjaħ Pawlu jilmaħ raġel ġej matul l-isqaq, ixejjer bastun.

"Ħaqq għall-qaħbeċ! Don min qaleb dal-ħajt għal isfel? Xi s-sagramaw għamlu? Don min għamel dil-ħsora killha? Min waqqa' dol-ħajt?"

It-tfal jintebħu bin-nannu. Nannuhom. In-nannu Pawlu; Pawlu wkoll kien jismu. Pawlu tal-Qantara,

Imbagħad in-nannu jarahom hemm taħt, qalb il-ġebel bilqiegħda f'xifer l-irdum.

"Intom! Pawlu! Tuni! Ħaqq għall-qaħbeċ ara x'għamiltu! Ħaqq għall-ħanżira mewt! Gażja 'l missierkem! Daqqtejn fuq ingrupptkom! Irraħ! Irraħ... Ħora naqra ħajt kif sħettuh! Irraħkem...!"

U n-nannu jigdem mgħaddab f'idejh, għajnejh koħol fil-griż jarmu l-biża'; geddumu maħruġ 'il barra b'għadab u qilla.

"Ara ħaqq għall-ħanżira mewt! Ara x'għamlu! Ġużeppa, Salvin! Gerit! Ara ħaqq, ara ħaqq għat-Torok irvilloti x'għamlu dal-ġiext iklieb! Huwa nħallashem jen! Issa nqegħedkem jen!"

It-tfal jitilgħu mbellhin minn xifer l-irdum għal ġol-għalqa u jaħarbu 'l bogħod mill-għadab tan-nannu. U mill-bogħod jaraw għall-ewwel darba kemm kerrhuh il-ħajt, kif selħulu biċċtejn minnu ħalli jieħdu l-ġebel għas-siġġijiet.

Mill-bogħod tas-snin, ix-xwejjaħ Pawlu qagħad jara u jisma' l-għadab tal-kbar. Ma rax għadab mimli mibegħda iżda lemaħ għadab mimli mħabba ta' min hu kburi bil-ħajt li Alla silfu għal ftit snin. Il-ħajt ma kienx tan-nannu li għajjat mas-subien li kienu ġarrfu l-ħajt biex bnew żewġ siġġijiet. Il-ħajt kien ta' missieru. Il-ħajt kien ta' missier missieru. Il-ħajt kien ta' kull ġenerazzjoni ta' kull żmien. Il-ħajt kien ta' kull ġejjieni. Ta' kull wild li jista' jmiss lilu biex jieħu ħsiebu. Il-ħajt kellu għeruq eterni ġejjin mill-eternità u sejrin lejn l-eternità tal-ħolqien.

"Iwa dil-ħsora killha għaliex?" gergret in-nanna malli ġiet. "Ara Santa Marija x'għamlu! Issa la jiġi misserkem illejla joqtulkom! Ma tofux li dok il-ħajt tridu teħdu ħsebu? Ma tofux li hawn tagħna sakemm indumu ħajjin bess? Ma tofux li hawn irid ikun tagħkem? Għalex waqqajtuh? M'intomx taraw li issa sa jkullkom ħajt imġarraf? Kif taħsbu li sa ttellgħew dok il-ġebel minn taħt l-irdum?"

Kien għadab mimli sens, mimli nar qawwi ta' min jaf li kulma għandu hu tiegħu sakemm il-mewt tgħidlu jroddu lil uliedu mil-lum għal għada, mill-imgħoddi għalli ġej.

Imbagħad il-kalma tal-għodwa sajfija mill-ġdid.

***U ż-żewġt itfal*** iqandlu ġebla ġebla minn taħt l-irdum u jduru dawra minn qalb il-ħarrub hemm taħt, jitilgħu mix-xagħra kif jistgħu, iqandlu ġebla ġebla, ġebla ġebla, għal fuq ir-riħ mill-ġdid. Idejhom misluħin, kollha nfafet.

"Infaqgħetli bużżieqa lili, Pawlu..."

"Orbot ċarruta oħra inti. Ara lili għadhom ma nfaqgħulix l-infafet tal-bieraħ..."

"Aħħ! Qed taħraqni, qed taħraqni..."

"Trid ngħidlek x'nagħmlu? Trid inġibu ħabel u norbtuhom u ntellgħuhom minn hemm taħt bil-ħabel?"

"Minn fejn inġibu ħabel?"

"Trid ngħidu lil Wistin tas-Sinjura ta' fejn iċ-ċangar?"

"Tal-karru?"

"Dak li jagħtina l-karru."

U t-tfal itiru għand Wistin, Wistin mgħawweġ tnejn, imma jħobbhom lil dawn is-subien, u jislifhom ħabel. Jiġru lura lejn l-irdum iġebbdu fil-ħabel, u

jibdew itellgħu l-ġebel bih, wieħed isfel jorbot u l-ieħor fuq iġebbed, jitqanżaħ, jonfoħ u jġebbed u jtalla'.

"Għajjejt intalla' jien, Pawlu, din il-ġebla tqila... sa nerħiha għal isfel, sa taqagħli 'l isfel..."

"Kont sa twaqqagħha fuqi kemm inti kattiv! Apposta għamilt hekk! Apposta!"

"Ħa norbot il-ħabel hawn ara biex jekk ngħajja hi u tielgħa l-ġebla tieqaf fin-nofs u nkun nista' nistrieħ."

"Iwa orbot it-tarf ma' saqajk! Biex iżżommha jekk taħrablek u tieħdok!"

"Jew ma' qaddi mela…"

U t-tfajjel Toni beda jġebbed u jtalla' mill-ġdid, u l-ieħor jorbot, jaqfel u jżerżaq. U l-ieħor beda jġebbed ġebla mdaqqsa u jġebbed u jġebbed u jġebbed u jonfoħ u jitqanżaħ u għajja fin-nofs u dawwar il-ħabel ma' qaddu biex ma jerġax iniżżel il-ġebla s'isfel nett. Imma t-toqol tagħha kien iżżejjed għaċ-ċkejken Toni, u l-ġebla ntelqet għal isfel, il-ħabel intelaq għal isfel stirat magħha u ġibed kollox 'l isfel, il-ġebla bit-tifel marbut magħha b'kollox! U l-imsejken tifel għajjat waħda u nbaram għal isfel hu wkoll b'għajta li twaħħax ta' biża' u wġigħ minn fuq l-irdum għal taħt ir-riħ!

Pawlu taħt l-irdum inqata' minn ġewwa jara lil ħuh nieżel minn dak l-għoli għal fuqu. Beża' jara lil ħuh f'dak il-vojt ġej għal fuqu, idejh u saqajh jixxejru fil-vojt, u għal waqt wieħed għajnejhom iltaqgħu. F'leħħa ta' berqa Toni waqa' fuq Pawlu, qalb blat ippuntat u ġebel.

U hu u nieżel ma ħarġitx karba waħda biss. Lanqas waħda biss...

Skiet biss.

Ħemda tħossha b'idejk.

Il-Madonna. Bilfors il-Madonna.

Dehra ta' subien u ġebel u blat u ħbula u għollieq u xewk. Kollox fuq xulxin.

Bikja, tnehida, iżda xejn aktar. Xejn aktar.

Imbagħad infaqgħu jidħku t-tnejn li huma.

"Mejjet Toni?" jgħid Pawlu wara l-ħasda.

"M'għandix demm imma tafx," jingħi Toni. "Naħseb... Inti għandek id-demm?"

"Ara kif qattajtli l-qalziet..." ħatfu ħuh. "Istra ġejt fuqi!"

"Inti għax ma ġejtx tgħinni niġbed? Il-ġebel tqal niġbduhom flimkien..."

"Mhux inti ż-żatat? Jien għedtlek stennieni... jien mhux norbot kont?"

"U inti pala taż-żibel tal-miżbla tan-nannu tat-tiġieġ ta' Katarin ta' Likket!..."

U f'radda ta' salib jerġgħu jaqbdu f'xulxin, jinsew l-għoli li waqa' minnu

Toni, jinsew il-ħasda, jinsew il-ħabel u l-ġebel u l-ħwejjeġ imqattgħa u l-infafet u reġgħu bdew jinbarmu qishom kelb u qattus jiġġieldu qalb ix-xewk...

"Ieqaf ftit għax daħħalt xewka…" għajjat Pawlu.

"Trid niġġieldu waħda sewwa?" ħatfu ħuh. "Mhux hekk niġġieldu Pawl, mhux hekk, inti oqgħod fuq ġebla, jiena fuq ġebla oħra u niġġieldu b'zokk, naraw min jiflaħ jaqleb lill-ieħor, trid?"

"Iva hekk nagħmlu... jien għandi zokk taħt il-ħarruba, sibtu lbieraħ..."

"Dak kien tiegħi, jiena sibtu l-ewwel, giddieb, dak tiegħi..."

"Ill! Toni, ara minn fejn waqajt! Ara kemm hu għoli l-irdum? Qed tarah?"

***Ix-xwejjaħ Pawlu*** qagħad jara liż-żewġt itfal f'tifkirietu miblugħa bl-għoli ta' rdum, qagħad jarahom jaqbżu minn fuq fettuqa għal oħra, minn logħba għal oħra. Qagħad jarahom jivvintaw x'jagħmlu. Qagħad jarahom jixirfu ħarsthom lura lejn l-irdum, b'ħarira ta' mistoqsija kollha bard tiġri mas-sinsla ta' daharhom. Xi mkien kienu jafu li hemm bħal misteru kbir moħbi fil-ħemda tiegħu. Pawlu jbaxxi leħnu. Kemm kemm jinstama'.

"Toni," jgħid lil ħuh iż-żgħir. "Dakinhar sibt għadma tal-mejtin hawnhekk."

"Għadma tal-mejtin?" Iċ-ċkejken Toni jinħasad, jibża'. Iħares madwaru. "Tal-mejtin? Tal-mejtin bħaz-zija Lonza?"

"Naħseb jien..."

Imbagħad jinfexxu t-tnejn iqallbu fil-ħamrija hemm taħt, iqandlu l-ġebel, jaqtgħu x-xewk. Iġebbdu fl-għollieq.

"Hawnhekk, sibtha, ara, hawnhekk..."

U jfittxu u jgħarrxu f'daqqa waħda Toni jinħasad. Jersaq lura mwerwer, isfar aktar mill-qolla tal-għasel li jurihom Anġlu taz-zija Lonza. Quddiemu jsib ċappa għadam, skeletru ta' annimal min jaf kemm ilu mormi hemm taħt l-irdum. Ħarsthom jiltaqgħu u jintebħu bil-biża' f'ħarset xulxin.

"Qatt rajt kelb mejjet Toni?"

"Leqq."

"Jiena anki mogħża rajt... imma n-nannu difinha x-xagħra, u lill-qattusa l-mandra..."

"Naħseb din mogħża, kemm għandha għadam kbir... din rasha ara fejn kellha l-qrun..."

"Tmisshiex għax timrad..."

"Qishom l-għadam tal-bnedmin hux?"

"Ġieli rajt skeletru ta' veru?"

"Iva, rajt ras ta' mewt..."

"Giddieb..."

"Il-kunvent, waqt l-ikel ikollhom ras ta' mewt joqogħdu jħarsu lejha..."

Ix-xwejjaħ Pawlu jħoss hu wkoll tkexkixa bard ma' ġismu kollu bħalma kien qiegħed jiġrilhom it-tfal ta' tifkirietu. U jerġa' jtawwal għonqu kemm jista' minn xifer l-irdum biex jara fejn kienet instabet il-mogħża mejta, fejn kienu jsibu l-iskeletri tal-bhejjem dawk it-tfal ta' snin twal u twal qabel u li issa donnhom reġgħu ħadu l-ħajja jiġġerrew u jiġġieldu qalb l-irdumijiet ta' fuq il-wied. Ix-xwejjaħ lemaħ is-sema jiċċajpar għal għarrieda u ra d-dalma tal-mewt saħansitra wkoll fil-ħarsa bla ħtija ta' dawk it-tfal mistoħbija u mitlufa b'dak li qed jinkixef taħt l-irdum.

"Imma hawnhekk ma hawnx mejtin aktar Pawl..."

"Mela dawn mhux mejtin ukoll?"

"Imma m'hawnx bnedmin hux? Hux mhux bnedmin dawn?"

"Jiena ma nafx imma dawk mhux iċ-ċimiterju jkunu?"

"Fejn jeħduh l-għadam? Taf fejn?"

"Qisha ħa tagħmel ix-xita hux?"

"Kemm ġie sħab iswed f'daqqa!"

"Trid nidfnuh dan l-għadam?"

"Tgħid lil ħadd li taħt l-irdum hemm l-għadam tal-mejtin midfunin, fhimt?"

***Ix-xwejjaħ jinħasad*** f'daqqa waħda għax it-tfal ma jidhrux aktar. Ma jibqax jarahom aktar iduru ma' rdum, taħtu, fix-xifer jew ma' ħdanu mxabbtin f'logħba li ħasbu kellha tkun għal dejjem. Ma rahomx aktar imsaħħrin bi ġmielu għoli, b'saħħtu. Bħallikieku issa saħħtu spiċċat u m'għadux dak l-irdum ta' dejjem kollu qilla u għadab għal min jazzarda jigirfu. Ma rahomx aktar fuq is-siġġijiet jaqraw kliem li jieħu l-ħajja fil-qawwa tal-immaġinazzjoni tagħhom. Lanqas rahom aktar bilqiegħda fuq is-siġġijiet billejl jaraw is-sema kollu kwiekeb donnhom xrar itektku d-dlam.

Ix-xwejjaħ lemaħ id-dalma li waqgħet f'salt u donnha ġiebet magħha t-togħma tal-mewt ma' ħdan il-feles irdum li kienu ħallew mhux mibni fil-wied tal-Mistra. Ħorn ta' karozza tkarwat mal-wied tal-Mistra u lix-xwejjaħ ġiebu lura minn għexieren ta' snin qabel u fakkru fil-lukanda li kienu bnew fil-qala. Imbagħad bdew ġejjin qatriet ta' xita u riħa f'salt ta' tajn imċaflas, ta' siment u konkrit u radam minflok it-tlanġis fuq l-għalqa u r-riħa tal-ħarrub imxarrab u l-art mixtieqa għall-ewwel xita. Ix-xwejjaħ Pawlu tbissem, ukoll jekk beżgħan b'li qiegħed iseħħ, ukoll jekk f'qalbu reġgħet faqqgħet ir-ragħda ta' biża' li ħass it-tifel ċkejken malli lemaħ l-għadam tal-bhima qalb il-ġebel u

l-għollieq taħt l-irdum. Siġġu wieħed, għax l-ieħor iġġarraf meta ħatfu biċċa mill-irdum biex jista' joqgħod bini tal-konkrit. Ix-xwejjaħ iżżerżaq kif seta' għal mal-ġenb ta' rdum u niżel bil-mod il-mod ġos-siġġu li kellu t-tfajjel meta kien jilgħab fl-irdum. Siġġu wieħed, għax l-ieħor ġarrfuh, is-siġġu ta' Pawlu ġarrfuh ħalli jtellgħu l-ħajt tal-villa biswit...

Il-kesħa tal-ġlekk imxarrab miegħu ħassha tidħollu sa għadmu x-xwejjaħ, sa ruħu.

U qagħad hemm, ħiemed, mistrieħ fuq is-siġġu tal-ġebel, qisu t-tfajjel sultan bil-firxa tas-saltna taħtu, imma jara l-wied tal-Mistra mdawwar bil-vilel, u x-xita nieżla u nieżla. Kien jaf li issa l-wied tal-ilma ma jgħaddix minn qalb ir-raba' iżda mit-toroq tat-tarmak. Issa l-ilma ma jistax jinżel ifittex lill-għeruq tax-xtieli, iżda jżiġġ fil-wiċċ tal-konkrit u tat-tarmak. Issa l-qasab ma jċaqċaqx u ma jixxejjirx għal riħu għax floku hemm it-triq u l-gandott fil-ġenb miksi b'gradilja tal-ħadid bl-ilma għaddej għall-baħar. U fl-ilma jgħumu l-ġrieden u l-firien, għax flieles u żrameġ ma jsibux għax bdiewa m'għadx baqa', u gallinari lanqas u stalel lanqas. Ilhom li ntemmu għexieren ta' snin. Issa d-dubbien m'għadux idur u jħuf imġewwaħ fuq il-bieba tal-istalla jew fuq il-mandra jew fuq bajtra mifqugħa, iżda sar jidħol inkiss inkiss fil-kċejjen tal-vilel u jsib l-ikel fin fi platti taċ-ċaqquf imberfel bi fjuri rqaq. Issa anki d-dubbien tgħallem ħajja oħra. Issa anki d-dubbien jaħseb li tela' tarġa, jew tnejn, jew tlieta oħra fis-soċjetà tad-dubbien. Issa kollox tbiddel. Issa xejn ma jintgħaraf aktar. Lanqas l-ilwien. Lanqas il-ħsejjes. Lanqas l-irwejjaħ. Lanqas li tħoss il-qalb.

Issa dinja oħra li hu m'għarafx. Bi ħsejjes differenti. B'riħa differenti. B'dehriet differenti. Bi ħsibijiet differenti. B'xewqat differenti. B'ruħ differenti.

B'aspirazzjonijiet li hu ma fehemx. Malta barranija. Art ġdida bi ħlejjaq ġodda.

Ix-xwejjaħ mess il-blat qribu. Donnu mhux l-istess blat. Donnu qiegħed f'art oħra. Il-ħabel li kien jorbot l-art ma' ruħ il-bniedem issa kien maqtugħ. Xi ħaġa kien ġara u dik ir-rabta tal-bidwi mal-ħamrija kienet inqatgħet għax il-bdiewa qodma kienu mietu, u minflokhom ma nibet ħadd ġdid biex ikompli jsensel il-katina qadima daqs żmien Kristu. Hekk kien jgħid in-nannu, ħaseb ix-xwejjaħ, m'hemm xejn eqdem minn żmien Kristu... u l-bidwi kellu r-rabta mat-trab sa minn żmien Kristu.

Ħsieb ikrah għaddielu minn quddiem għajnejh.

Ix-xita li qabel kienet iġġennu u thennih qalb ir-raba' u l-irdumijiet, issa sewditlu qalbu, kexkxitu. Dallmitlu ħsiebu. Mewtitlu xewqatu mibnija fuq Ħabel Narċis u fuq is-Sarġ imbiegħed u x-xagħra ta' Stoppin faċċata. Qagħad

jittanta jiftakar l-hena fuq wiċċ nannuh Pawlu jpejjep tabakk qadim b'pipa qadima taħt it-twavel iqattru tal-għarix waqt li barra nieżla xita bl-addoċċ. Kien qiegħed jiftakar żmien qadim, minn żmien Kristu, qal bejnu u bejn ruħu.

Qagħad jittanta jiftakar sa fejn kienet tasal ix-xagħra, sa fejn kien Wied Għarbiel u l-Bajjad. Qagħad itawwal għonqu biex jara liema spazju kien jokkupa r-razzett tal-Ħanċ f'riġel iċ-ċangar qadim.

Qalbu ħabbtet sitta sitta għax issa kullimkien bini u kullimkien toroq.

U r-raba' ta' Wied il-Mistra u tal-wileġ ta' Wied Għarbiel u s-swieni tal-Mistra u l-imxietel tal-barba Karmnu, qisu qatt ħadd ma sema' bihom, qishom qatt ma seħħew minn dak il-qedem ta' żmien Kristu. Qishom qatt ma għexu lanqas dawk il-bdiewa qodma qodma daqs żmien Kristu.

Kif jista' jkun li qatt ma ħarġet tgergira waħda biss minn din in-Natura t'hawnhekk? Kif jista' jkun li x-xita ma beżbżitha lil ħadd huma u jibnu? Kif jista' jkun li r-riħ ma nefaħx waħda żejda u qaleb ġiex krejnijiet? Kif ħadd ma tniffes? Kif ħadd, ħadd, ħadd? Kif jista' jkun li t-tafal ma ċedilhomx il-pedamenti ħalli jfittxu post ieħor fejn jiżviluppaw? Kif ħalliethom in-Natura jagħmlu li jridu? Għaliex m'għadabx il-ħolqien? Dan x'Alla tal-ħolqien hu? Għaliex m'għadabx l-irdum? Għaliex ma qlielx? Għaliex ma ġġarrafx waħdu 'l isfel u radam kollox? Għaliex ma basktitx ix-xemx lil min ried jeqred iċ-ċpar li hi kienet tifraħ tant tinfed min-naħa għall-oħra? Għaliex ix-xemx baqgħet ferħana tifraħ tinfed duħħan jinten u iswed minflok? Għaliex dari qerdet liċ-ċpar u issa ma tridx teqred dad-duħħan jinten u iswed?

Pawlu beda jibki u ħares lejn il-pala ta' jdejh jara fejn kienu l-infafet u l-bżieżaq li kellu dak it-tifel jibni l-ħajt tas-sejjieħ li kien ġarraf bla ħsieb. Ftakar f'missieru Ġużepp u f'nannuh. Ftakar f'nannuh, Pawlu tal-Qantara u l-ħitan u l-għelieqi u l-widien li riedu jħallihom għall-ġejjieni li kien bla żmien.

Ix-xwejjaħ għajjat waħda fgata u leħnu ma semgħux jirbombja bħal dari: kien leħen ikrah, xiħ, mejjet, baħnan għax qatt ma kellu ħeġġa u ħila. Leħen imżarżar, moħli. Moħli. Bla setgħa. Leħen kemm imnikket, kif ukoll imsikket. Pawlu qabad ġebla, u sabbatha ma' wiċċ l-irdum, b'għadab. Imbagħad qam bilwieqfa u tbandal f'xifer l-irdum. Ried li l-irdum jitħarrek, ikisser qabel ikissruh għalkollox. Riedu jinfetaħ u jibla' flok jibilgħuh.

Pawlu ried li l-irdum jagħdab.

Ried li l-irdum jagħmel xi ħaġa.

Imma f'qiegħ qalbu għaraf għaliex il-ħemda tal-irdum. Għaraf li l-irdum bla saħħa bħalu. Leħnu mejjet bħal tiegħu. Kliemu bla saħħa u mitfija bħal tiegħu. Ukoll jekk kienu kelmiet li darba tqawwew u stagħnew mill-kotba

ċatti li suppost tawh identità. Kien kollu ta' xejn l-għajjat. Kien kollu ta' xejn l-għadab. Li kellu jsir kien se jsir. L-għadab tagħhom kien inutli. Tmiemhom kien wasal. Il-gaffa ġa qiegħda għal-lest. Billi jipprotesta ma kien se jieħu xejn. Xejn, xejn. Il-gaffa minn dejjem kienet b'saħħitha aktar minnu. Ladarba kienu jridu jibdlu l-wied f'sensiela ta' binjiet li ma jħallix aktar lill-ilma jitgerbeb waħdu bħalma kien ilu jagħmel għal eluf, u eluf ta' snin, hu x'kien jista' jagħmel? Jgħid x'jgħid, ma kien ikun jista' jġibha qatt żewġ.

Kien waħdu. Kien dgħajjef. X'seta' qatt jagħmel?

U kollox jintemm u jitmermer bħalma ntemm u tmermer l-għadam tal-mogħża mirduma xi mkien taħt ir-riħ, u bħalma tmermret il-ħarruba xiħa li kien hemm xi mkien maħruqa taħt il-bini t'hemmhekk.

Qalb dak id-dlam u dik ix-xita Pawlu reġa' lemaħ liż-żewġ subien għal waqt wieħed jiġru f'dawk l-irdumijiet jaraw l-imrieżaq tax-xemx jinfdu ċpar tajjar jitlajja mal-wied. Bħalma kien ilu jsir eluf, u eluf ta' snin qabel. Qagħad jarahom jaqraw il-kotba mimlija seħer fuq siġġijiet tal-ġebel.

Dak id-dawl kien jogħġbu lil Pawlu.

Ix-xwejjaħ ried jibqa' qalb l-imrieżaq tax-xemx u l-fwejjaħ u l-ħsejjes tal-wied tal-Mistra qadima.

Imbagħad medd pass 'il barra minn xifer l-irdum biex jersaq lejn l-imrieżaq tax-xemx jinfdu ċ-ċpar tal-wied.

U hu u nieżel ma ħarġitx karba waħda biss.

Lanqas waħda biss...

# Forsi… xi darba

Charles Casha

B'żewġ basktijiet kbar tal-karti, Marisa waqfet ħdejn id-daħla tal-binja l-kbira, li tiġbor fiha ħwienet moderni f'wieħed mill-akbar kumplessi tax-xiri. Ix-xita kienet għadha nieżla u Marisa ma kinitx ħadet l-umbrella magħha.

"Kellha bżonn tieqaf forsi nilħaq nasal id-dar!" bdiet tixtieq Marisa hi u tħares lejn ix-xita tfaqqa' mal-art u l-ilma għaddej b'ħeffa kbira fuq kull naħa tat-triq ikaxkar kulma jsib fi triqtu.

Fuq in-naħa l-oħra tat-triq Marisa setgħet tara żewġ sorijiet libsin l-abjad jistkennu taħt tinda ta' ħanut tal-kafè. Waħda minnhom kienet niexfa għuda u l-oħra kienet tpatti sew għaliha għax kienet qisha kartell tal-inbid.

Il-Milied kien fadallu tlett ijiem u n-nies kienet mitlufa tiġri minn ħanut għal ieħor biex tixtri r-rigali u tal-ħwienet igergru mix-xita li skont huma kienet qed ittellfilhom in-negozju.

Dawk iż-żewġ sorijiet ġabu tifkiriet lil Marisa. Għal tmintax-il sena għexet mas-sorijiet wara li kienet abbandunata ftit wara twelidha u xi ħadd kien ħadha għand is-sorijiet.

"Sibniek wara l-bieb tal-kunvent," kienet qaltilha Sor Filomena li kienet waħda mill-ixjeħ sorijiet li kien hemm fil-kunvent.

"U ma tafu xejn aktar dwari? Min jien? Min kienet ommi, missieri… jekk għandix lil xi ħaddieħor li jiġi minni?"

"Xejn. Lanqas l-iċken informazzjoni ma ħalla jew ħallew min ġabek hawn. Kellna telefonata filgħodu kmieni u qalulna li hemm tarbija wara l-bieb. Ħriġna

jien u Sor Matilde, Alla jaħfrilha u sibniek hemm, imgeżwra tajjeb f'kutra ħoxna f'kaxxa tal-kartun. Ftit wara li ħriġna u sibniek, smajna karozza titlaq b'ħeffa kbira. Probabbli kienu qegħdin għassa biex kif niġbruk minn wara l-bieb jitilqu u jserrħu rashom li sibniek."

"Ma stajtux ħadtu n-numru tal-karozza?" staqsietha Marisa.

"Kif stajna? Aħna konna moħħna fik. Il-karozza kienet ipparkjata ftit 'il bogħod u min kien fiha seta' jżomm għajnejh fuqek u l-bieb tal-kunvent. Malli ra li ħriġna dabbar rasu jew dabbru rashom għax naħseb li ma kienx hemm persuna waħda fil-karozza."

"U ismi?"

"Kienet għażlitu l-Madre. M'intix kuntenta bih?" staqsietha Sor Filomena bid-daħka.

"Mhux wisq! Imma m'iniex se nibdlu."

It-tifkiriet bdew jiġru minn żmien għal ieħor matul it-tmintax-il sena li Marisa qattgħet fl-istitut. Rat tfal jiġu u jmorru, sorijiet jinbidlu, oħrajn imutu u sorijiet ġodda.

Imma l-akbar tifkira iebsa għaliha kienet sewwasew tlettax-il sena qabel, tlitt ijiem qabel il-Milied. Dakinhar bħas-soltu kellu jiġi *z-ziju Bert* jaraha kif kien jagħmel kull xahar. Imma Marisa baqgħet tistenna għalxejn. *Iz-ziju Bert* baqa' ma ġiex. Marisa baqgħet tistenna sa ma dalam u Sor Filomena qaltilha li z-*ziju Bert* ma kienx ġej imma forsi jiġi l-għada. L-għada Marisa baqgħet tistenna għalxejn. U l-jum ta' wara wkoll. *Iz-ziju Bert* ma deherx aktar. Kull meta kienet tistaqsi lis-soru dwaru din kienet tweġibha:

"Daqsek nafu ruħi qalbi. Ma deherx iktar iz-ziju Bert. Ma smajna xejn mingħandu. Imma taqtax qalbek għax forsi xi darba għad terġa' tarah. Forsi siefer. Forsi marad, forsi miet, forsi…"

Forsi. Il-kelma forsi ssodd ħafna toqob u sserraħ il-qlub. Tipprova ssib tweġiba għal ħafna mistoqsijiet tqal u skomdi. Kultant timla bit-tama għal ftit waqtiet.

Kienet ilha ħames snin li telqet mill-istitut. Qabel ma telqet kienet talbet lill-Madre biex jekk tkun taf xi ħaġa dwarha u l-familja tagħha, tgħidilha bla dewmien. Ħallitilha indirizz u numru ta' telefown fejn setgħet tikkuntattjaha.

"Dan żgur ruħi. Jekk xi darba jitfaċċa xi ħaġa ninfurmak," kienet wegħditha l-Madre.

Marisa lanqas kienet żgura jekk kinitx qed tgħidilha hekk biex isserrħilha rasha jew veru kienet lesta li tinformaha jekk xi darba jinstab xi tagħrif dwarha.

*Iz-ziju Bert.*

Kien qalilha li hu ma kienx zijuha u dan hi kienet tafu. Kienet hi stess li ddeċidiet li ssejjaħlu *ziju*. Kien għadu żgħir biex tgħidlu nannu. Ziju kienet togħġobha.

"Mela għaliex tiġi tarani?" staqsietu darba Marisa.

"Jien ngħix waħdi. Qatt ma żżewwiġt. M'għandi lil ħadd fid-dinja. Sirt naf mingħand is-sorijiet li inti wkoll m'għandek lil ħadd fid-dinja. U għalhekk ħsibt u rajt li niġi narak darba fix-xahar u nġiblek xi ħaġa sabiħa."

Marisa kienet emmnitu u minn dakinhar bdiet issejjaħlu *z-ziju Bert*.

Ix-xita kienet għadha nieżla u m'hemmx li tbatti. Iż-żewġ sorijiet kienu għadhom taħt it-tinda qalb qabda nies li bħalhom trekknu mill-aħjar li setgħu biex ma jsirux għasra.

Marisa kompliet taħseb u tirrifletti.

'Min jaf fejn huma dawk li jiġu minni? Forsi għandi ħuti li narahom u ma nafx min huma. Is-sorijiet dejjem jgħiduli li ma jafu xejn dwari ħlief li xi ħadd kien ħallieni fuq l-għatba tal-kunvent. Forsi veru. Forsi le. Forsi ma jridux juruni dak li jafu jew ma jistgħux jgħiduli.'

Hekk kienet aljenata thewden li ma indunatx li wieħed mill-basktijiet li kienu qegħdin jistrieħu mal-ħajt, miel fuq naħa u ħareġ kollox minnu.

"Waqagħlek il-basket *miss*!" qalilha xi ħadd minn warajha. Marisa daret u lemħet żagħżugħ li kien għadu kif tbaxxa biex jiġbor xi ħwejjeġ li kienu ħarġu mill-basket.

"Grazzi," qaltlu Marisa u poġġiet il-basket fejn kien qabel.

"Għadha nieżla," qalilha ż-żagħżugħ hekk kif ħares 'il barra.

Ma kinitx qed tinkwetah ix-xita. Imma ried jgħid xi ħaġa. Wiċċ Marisa kien laqtu.

"Iva. Aħjar li ġibt umbrella miegħi," weġbitu Marisa mingħajr ma qalgħet għajnejha minn fuqu. Lilha wkoll kien laqatha.

Forsi iva u forsi le.

"Forsi ma ddumx ma tieqaf," qalilha ż-żagħżugħ. "Jien ukoll ma ġibtx umbrella miegħi u m'għandix aptit ninħasel xi ħasla. Il-karozza qiegħda ftit 'il bogħod minn hawn. Għandi mixja. Nixxarrab sa ma nasal."

"Jien m'għandix karozza u sejra b'tal-linja. L-istejġ mhix bogħod kieku imma bħalek ma nixtieqx nixxarrab u għandi dawn il-basktijiet xi nġorr."

"Fejn trid tmur?" staqsieha ż-żagħżugħ.

"Ħaż-Żabbar," weġbitu Marisa.

"Mela trid taqbad żewġ karozzi," irrimarka ż-żagħżugħ.

"Hekk hu."

"Jekk trid inwasslek. Jien għal Wied il-Għajn. Triqti. Mhix problema. Imma trid tieqaf ix-xita l-ewwel."

Marisa tbissmet. L-ewwel reazzjoni tagħha kienet li taħtfu fil-kelma imma mbagħad ħasbet li wara kollox lil dan iż-żagħżugħ ma kinitx tafu. Minn mindu ħalliet l-istitut qatt ma ħarġet ma' ġuvintur. Il-ħbieb li kellha kienu kollha nisa, li kienu jaħdmu magħha.

"U le… anqas ħaqq. B'tal-linja nasal tajjeb. Fuq kollox m'għandi l-ebda għaġla. Grazzi xorta waħda," qaltlu kontra qalbha u bit-tama li jibqa' jinsisti forsi b'hekk tilqa' l-offerta tiegħu.

"Kif trid int. Għalija mhix problema. Minn hemm irrid ngħaddi."

Marisa ħasbet iddiżappuntata.

'Fallieli. Imma forsi aħjar hekk. Stennejtu li se jibqa' jinsisti li jwassalni!'

Ix-xita bdiet tnaqqas u n-nies li kienet qed tistkenn bdiet tiċċaqlaq. Iż-żewġ sorijiet telqu wkoll. Hekk għamlu wkoll dawk li kien hemm taħt it-tinda tal-ħanut.

"Ara waqfet…" qalet Marisa u qabdet il-basktijiet.

"Trid xi għajnuna?" offrielha ż-żagħżugħ.

"U le. Ħfief. Ħwejjeġ kulma fihom. Grazzi xorta waħda."

"Attenta li ma togħdosx f'xi għadira. It-toroq kollha ilma għadhom," qalilha ż-żagħżugħ u beda miexi 'l barra. Kif wasal fil-bieb ewlieni tal-binja, ta ħarsa lejn is-sema biex bħallikieku jara kienx għadu temp ikrah u telaq jgħaġġel lejn fejn kien ħalla l-karozza.

Marisa ħarġet ukoll u qabdet direzzjoni differenti.

Dak il-lejl ħolmot sabiħ. U qamet iddiżappuntata meta ntebħet li wara kollox kienet ħolma. Imma kienet ħolma sabiħa. Dak iż-żagħżugħ kien il-ħin kollu fil-ħolma.

"Min jaf jekk nerġax niltaqa' miegħu xi darba oħra!" xtaqet Marisa.

Ħasbet li sa ftit jiem wara tkun insietu għalkollox. Biss ma kienx hekk. Sikwit kien isebbħilha l-ħolm tagħha u tqum tixtiequ.

Xahar wara Marisa kienet fl-istess triq fejn kien hemm il-kumpless tal-ħwienet u għal darba oħra reġgħet inqabdet fix-xita. Daħlet tistkenn taħt it-tinda tal-ħanut tal-kafè fejn darba kienet rat dawk iż-żewġ sorijiet u kienu fakkruha fl-istitut fejn trabbiet.

Minn fejn kienet setgħet tara d-daħla tal-binja li kienet tiġbor fiha l-kumpless fejn kienet iltaqgħet ma' dak iż-żagħżugħ li kien għadu jiġi jżurha ta' sikwit fil-ħolm tagħha, fis-sodda tal-wieħed, f'kamra żgħira mneżżgħa minn kull lussu u mgħammra biss b'biċċtejn għamara għall-bżonn mixtrija minn ħanut li kien ibigħ għamara użata.

Kienu xi s-sitta ta' filgħaxija.

Marisa ma qalgħetx ħarsitha minn fuq il-binja faċċata tagħha. Xi ħaġa jew xi ħadd li ma kinitx taf min kien qalilha li dakinhar kellha terġa' tarah. U hekk kien. Ftit wara fid-daħla tal-binja tilmaħ lil dak iż-żagħżugħ ħiereġ mill-kumpless u din id-darba kellu l-umbrella f'idu.

Fetaħha u lesta ruħu biex jibda miexi fuq il-bankina.

Marisa nsiet ix-xita u telqet tiġri għal warajh. Laħqitu. Tbissmet bit-tama li jieqaf ikellimha u ma jibqax sejjer għax forsi ma jagħrafhiex.

"Ara min hawn!" qalilha dak xi ftit sorpriż imma ferħan.

"Erġajna ltqajna fix-xita!" qaltlu Marisa.

"Idħol taħt l-umbrella," stedinha ż-żagħżugħ u Marisa trekknet maġenbu għax l-umbrella ma kinitx daqshekk kbira li tgħatti tnejn min-nies.

"Sejra tixtri xi mkien?" staqsieha.

"Le. Wara x-xogħol fettilli nibqa' ftit hawn nitlajja. Jien ngħix waħdi u kultant niddejjaq immur kmieni d-dar."

"Tista' tmur għand tal-familja… ħutek… id-dar t'ommok… xi mkien insomma."

"Le, ma nistax nagħmel hekk."

"Għaliex?"

"Għax jien m'għandi lil ħadd fid-dinja. Waħdi."

"Jiddispjaċini. Ma kontx naf. Madanakollu jien ukoll ngħix waħdi… xi ftit jew wisq bħalek."

"Int ukoll m'għandek lil ħadd jiġi minnek?"

"Le. Mhux hekk ridt ngħid. Ommi u missieri m'għadhomx magħna. Mietu tista' tgħid fi żmien sena. L-ewwel missieri u ftit warajh marret ommi."

"Jiddispjaċini," qaltlu Marisa.

"Imma għandi oħti iżgħar minni miżżewġa. Jien kont tlaqt ngħix għal rasi, ħaġa li dejjem xtaqt nagħmel. Xi kultant immur s'għand oħti."

"Isma' fuq kollox," qaltlu Marisa. "Int kont sejjer xi mkien u jien telliftek."

"U le. Biex ngħidlek kont sejjer f'ħanut tal-kotba li hemm fit-tarf tat-triq."

"Naf liema hu. Inti tħobb taqra?"

"Iva. Tgħidx kemm għandi kotba. U għad għandi qabda fid-dar fejn kont noqgħod."

"Jien ma tantx inħobb naqra għax tgħid…"

"Tippreferi toqgħod tara t-televixin?"

"Lanqas."

"Mela xi tħobb tagħmel?"

"Nisma' l-mużika. Minn dejjem kont inħobbha. Meta jidlam nitfa' xi *cd* u noqgħod fid-dlam nisma' l-mużika, mimduda fuq is-sodda u b'għajnejja magħluqin."

Iż-żagħżugħ tbissem. Beda jimmaġinaha mimduda fuq is-sodda, b'għajnejha magħluqin …

"Din qatt ma smajtha!" qalilha.

Kienu waslu quddiem il-ħanut tal-kotba. Iż-żagħżugħ għalaq l-umbrella u daħlu ġewwa. Kien hemm xi ftit nies iduru quddiem l-ixkafef. Iż-żagħżugħ mar fuq xkaffa fejn kien hemm il-kotba bil-Malti u Marisa baqgħet f'rokna tal-ħanut tħares lejn in-nies. Ma kienx jinteressaha li tixtri jew toqgħod tara l-kotba.

Ħdejha kien hemm raġel imdaħħal fiż-żmien bi ktieb f'idu. Kien qed jaqleb għajnejh minn fuq in-nuċċali biex jara x'kien hemm miktub fil-*blurb*. Marisa tbissmet. Ftakret li waħda mis-sorijiet tal-kċina kienet tagħmel hekk meta tkun trid taqra xi ħaġa fuq xi pakkett jew xi flixkun.

'Forsi xi darba nitħajjar nibda naqra flok noqgħod nisma' dejjem il-mużika,' qalet Marisa f'qalbha.

Wara ftit iż-żagħżugħ sejħilha ħdejh.

"Ma titħajjarx tixtri xi wieħed biex taqrah?" staqsieha hekk kif urieha l-kotba li kien hemm skjerati ħdejn xulxin fuq l-ixkaffa.

"Le."

Weġbitu xott xott.

"Jekk ngħidlek biex tagħżel wieħed u nħallsu jien, twegħedni li taqrah?" staqsieha.

"U ma tarax! Inħallsu jien. Għaliex għandek tħallsu int?"

"Għax nixtieq nagħtik rigal."

"Ta' xiex?" staqsietu mistagħġba.

"Mela biex tagħti rigal lil xi ħadd trid bilfors ikun hemm xi raġuni," weġibha hekk kif kompla jara l-kotba.

"Jien qatt ma qlajt rigali ta' xejn f'ħajti ħlief mingħand …"

U waqfet.

"Mela agħżel wieħed… ara dan…" u newlilha ktieb. Ma kienx ktieb oħxon u kellu tipa komda. Ma riedx jaqtgħalha qalbha.

"Dan x'inhu?"

"Rumanz. Sabiħ ħafna. Tieħu gost taqrah."

Marisa qagħdet tara l-ktieb għal ftit waqtiet. Qrat xi biċċa żgħira f'paġna li fetħet bl-addoċċ u tat ħarsa lejn il-prezz li kien hemm miktub fuq in-naħa ta' wara tal-ktieb.

"Żgur trid tagħtini rigal?" staqsietu.

"Kieku m'offrejtlekx. Ara jien lest. Għażilt dan. Se nixtrih."

Ħadilha l-ktieb minn idha u mar iħallas. Qabel ma nfirdu kitbilha n-numru tal-mowbajl tiegħu fuq il-qoxra tal-ktieb minn ġewwa fuq in-naħa ta' wara.

"Ċempilli meta tlestih," qalilha.

Dakinhar stess filgħaxija Marisa bdiet taqra r-rumanz li kien xtralha dak iż-żagħżugħ.

"Lanqas biss naf x'jismu?" irrealizzat f'daqqa waħda. "U jien ukoll lanqas għedtlu min jien! Imma hu lanqas biss staqsieni. Kieku kont ngħidlu."

Qrat ftit paġni u għajnha marret biha. Raqdet fuq il-pultruna fejn kienet. Meta qamet kienu l-ħdax ta' billejl.

Meta wara xi ġimagħtejn irnexxielha taqra r-rumanz Marisa ċemplet lil dak iż-żagħżugħ.

Qaltlu li kienet qrat il-ktieb u li kien għoġobha. Stedinha biex tmur għandu fil-flett li kellu Wied il-Għajn. Għall-ewwel Marisa bħal inħasdet u xtaqet li jmorru xi mkien ieħor, f'xi ħanut jew xi ġnien. Imma mbagħad laqgħet l-istedina tiegħu u filgħaxija marret għandu.

Sabitu jistennieha fuq ix-xwiek. Kien lesta xi ħaġa tal-ikel, li kien mar jixtri minn ħanut tat-*Take Away* u flixkun inbid tajjeb.

Kif daħlet fl-ewwel kamra, fejn kien hemm żewġ sufanijiet u mejda mdawra bis-siġġijiet, Marisa ħarset lejn biċċa għamara li fuqha kien hemm xi ritratti.

Għajnejha ġrew minn fuq ritratt għal ieħor.

"X'ġaralek?" staqsieha ż-żagħżugħ hekk kif raha tibjad u donnha se taqa' fl-art.

"Qed iħossok ħażin? Oqgħod bilqiegħda hawn," u qabadha minn qaddha u għenha tpoġġi bilqiegħda fuq sufan.

"Tinkwetax… qed jgħaddili… naħseb li għax fjakka… illum għadni ma kilt xejn… billi ma kontx xogħol qlajt id-dar u lanqas biss tħajjart niekol… taf inti… taljena rasek…"

"Mela l-ewwel nieklu u mbagħad nitkellmu," qalilha ż-żagħżugħ u mar fil-kċina minn fejn ġab l-ikel li kien xtara.

"Nittama li jogħġbok," qalilha. "*Take Away* ta għax ma kellix żmien nipprepara xi ħaġa jien. Imma tajjeb. U ftit inbid tajjeb għandi wkoll."

"M'iniex fonqla. Serraħ rasek," weġbitu Marisa.

"Isma'… jimporta jekk nistaqsik x'jismek? Iltqajna darbtejn u ma nafux l-ismijiet. Jien Alexander imma kulħadd jafni b'Alex."

"Jiena Marisa," weġbitu.

"Hekk aħjar. Mela ibda kul ħalli tħossok aħjar."

Wara l-ikel Alex staqsieha kif kienet qiegħda tħossha.

"Aħjar… issa m'għadnix fjakka kif kont… forsi niżlitli xi ftit il-pressjoni… ġieli ġrali hekk… u mbagħad niekol u malajr niġi f'tiegħi."

Kienet ħrafa. Marisa ma kinitx fjakka. Kien wieħed mir-ritratti li kien hemm fuq dik l-għamara li kien ħasadha u ħasset demmha nieżel f'saqajha.

"Dawk min huma?" staqsietu hekk kif qamet u marret ħdejn ir-ritratti li kien hemm wieħed ħdejn l-ieħor fuq l-għamara.

"Din ommi Becky, oħti Mariella, in-nannu Ġorġ u n-nanna Mary, il-ġenituri t'ommi u dan missieri Robert…"

"Missierek?" qatgħetlu kliemu Marisa.

"Iva missieri… għaliex tidher daqshekk sorpriża?"

"Xejn, xejn… għax fakkarni f'xi ħadd… jixbhu ħafna."

"Forsi xi darba ltqajt miegħu xi mkien?"

"Jista' jkun. Jew qed ifakkarni f'xi ħadd. Jekk hu hekk fula maqsuma miegħu."

Marisa qattgħet xi ftit ħin mhux ħażin għand Alex u wara dan wassalha d-dar. Qabel ma nfirdu talabha biex jerġgħu jiltaqgħu.

"Ma nafx. Forsi aħjar li ma niltaqgħux iżjed Alex."

"Għaliex?" staqsieha dak mifxul.

"Ma nafx! Tistaqsinix Alex… ikun aħjar għalina t-tnejn."

"Kollox sew. Jekk tbiddel fehmtek… taf fejn tista' tikkuntattjani… inkun nistenniek."

Marisa niżlet mill-karozza u telgħet fil-flett tagħha. Dak il-lejl kien wieħed mill-aktar twal u tedjanti ta' ħajjitha. Ma setgħetx tagħlaq għajn m'għajn. Elf ħsieb beda jdur ġo moħħha u jtertaqha bit-toqol tiegħu. Qamet minn fuq is-sodda u marret fil-kċina. Għamlet kikkra te u poġġiet bilqiegħda fuq pultruna quddiem it-televixin.

'Imma hu tgħid? Jixbhu ħafna u jismu bħalu. U jekk hu z-*ziju Bert*? Lili dejjem kien jgħidli li ma kellu lil ħadd fid-dinja. Kien waħdu bħali. Għaliex kien qed jigdeb miegħi? U jekk hu kif qed naħseb jien… allura lil Alex m'għandix għalfejn infittxu aktar…'

Il-ħsibijiet komplew iduru f'rasha u ħassitha għajjiena imma bla ma tista' tagħlaq għajnejha u ssib il-mistrieħ li tant kellha bżonn.

Imma xi ħadd, xi mkien kien jaf l-istorja kollha. Imma fejn u min?

Għaddew xi ġimgħat u Marisa bdiet tħoss in-nuqqas ta' Alex. Wara ħafna tlugħ u nżul, Marisa qatgħetha li tmur tkellmu u tgħidlu b'kollox. Minnu biss li setgħet tkun taf dak li tant kienet ilha tixtieq. U ċemplitlu.

Marisa u Alex iltaqgħu dakinhar stess filgħaxija fil-flett ta' Marisa.

"Irrid ngħidlek xi ħaġa. Xtaqt inkellmek Alex. Imma ħa ngħidlek minn qabel… forsi fl-aħħar mill-aħħar sejra żball… imma jekk le… jistgħu jinkixfu xi ħwejjeġ li forsi aħjar baqgħu misturin… imma ma nistax nibqa' lura u ma nagħmel xejn biex insir naf il-verità."

Alex baqa' mibluh iħares lejha.

"Għalhekk ċempiltli?" staqsieha.

"Mhux għalhekk biss imma kont qed nimmissjak ukoll."

"Hekk aħjar. U x'inhi din il-ħaġa li trid tgħidli?"

"L-aħħar darba li kont għandek, tiftakar li kważi kien ħassni ħażin u kont għedtlek li għax kont fjakka…"

"Din kienet biss skuża," qatgħalha kliemha Alex.

"Iva. Kienet skuża. Kien wieħed minn dawk ir-ritratti tal-familja tiegħek," kompliet tgħidlu.

"Jekk niftakar tajjeb kien ir-ritratt ta' missieri li qanqal fik ċerta kurżità u kont għedtli li fakkrek f'xi ħadd li kont taf. Sewwa qed ngħid?"

"Iva."

"Imma b'daqshekk kellu għalfejn iħossok ħażin ngħid jien?"

"Jien trabbejt f'istitut mas-sorijiet," qaltlu Marisa.

"Imma dan x'għandu x'jaqsam?"

Alex deher imħawwad.

"Kienu ħallewni hemm, wara l-bieb tal-kunvent tas-sorijiet ftit wara li twelidt u sakemm kbirt bqajt ngħix mas-sorijiet. Meta għalaqt it-tmintax bdejt naħdem u ġejt ngħix għal rasi f'dan il-flett. Qatt ma sirt naf xejn dwar il-familja tiegħi. Ma naf lil ħadd u għalkemm nemmen li hemm xi ħadd li jiġi minni, forsi ħuti wkoll… qatt ma rnexxieli nsib l-iċken ħjiel. Imma sakemm kelli tnax-il sena kien jiġi jarani wieħed raġel darba fix-xahar… kont insejjaħlu z-*ziju Bert*. Hu stess kien qalli li ma kienx jiġi minni imma jien kont nieħu gost insejjaħlu ziju. Xtaqt li stajt insejjaħlu pa imma hu kien assigurani li ma kienx jiġi minni u li kien jiġi jarani għax hu bħali kien waħdu fid-dinja. F'daqqa waħda ma deherx iktar. Bħal sparixxa. Is-sorijiet qaluli li ma kienu jafu xejn dwaru u li ma kinux semgħu mingħandu aktar. Forsi ma kinux qed jgħiduli l-verità, forsi kienu jafu xi ħaġa u ma ridux juruni…"

"Qed nifhmek tajjeb jien?" staqsieha Alex.

"Jekk qed tifhem li f'dak ir-ritratt ta' missierek jien rajt iz-*ziju Bert*… iva qed tifhem tajjeb… hu l-istess wieħed…"

"Imma kif jista' jkun? Jien naħseb li sejra żball, Marisa. Nifhem l-ansjetà

li għandek li tiskopri l-għeruq tiegħek… issir taf min int… . Missieri jismu Robert… imma dwar li qed tgħid ma naħsibx li għandek raġun. Bilfors li xi ħadd li jixbhu!"

"Ma naħsibx. Anzi m'għandix dubju li z-*ziju Bert* hu missierek!"

"Imma kif tista' tkun daqshekk ċerta?" staqsieha Alex kważi rrabjat u urtat.

"Iz-*ziju Bert* kellu farrett ċkejken taħt għajnu tax-xellug. Kien qalli li meta kien tifel kien waqa' u kellhom jagħmlulu xi punti."

Alex deher maħsud.

"Missieri kellu farrett… imma stenna ftit… dan qed tgħidu għax rajt ir-ritratt… int għandek xi ħsieb ieħor f'rasek… għalhekk ġibtni hawn… jekk qed taħseb li…"

"Le le!" waqqfitu Marisa. "Mhux kif qed taħseb int, Alex. Xejn minn dan. Li qed ngħid hu l-verità kollha. Kulma nixtieq insir naf xi ħaġa dwari… tkun xi tkun… imma rrid insir naf… ma rridx inkun waħdi… waħdi…"

"U għandek f'rasek li missieri seta' kien… missierek?"

"M'għedtx hekk jien. La kien jiġi jarani kien hemm xi raġuni. Kont inħobbu ħafna u dejjem wera qalb tajba miegħi. Meta rajt dak ir-ritratt inħsadt u wara mtlejt b'kuraġġ u tama li fl-aħħar sibt xi tarf tal-kobba mħabbla li għext fiha għal tant snin."

"F'liema sena kien waqaf jiġi jarak?" staqsieha Alex.

"Tlettax-il sena ilu. Fis-sena 2000. Kien qrib il-Milied u dakinhar ma ġiex jarani bħas-soltu… kien jiġi tal-anqas darba fix-xahar."

Alex baqa' jħares lejha.

"Missieri miet fl-għoxrin ta' Diċembru, tas-sena 2000!" qalilha kważi bit-tlaqliq.

Marisa ma weġbitux. It-tnejn baqgħu siekta jħarsu lejn xulxin.

"Kulma nixtieq inkun naf hija l-verità," qalet wara ftit Marisa b'rasha baxxuta donnha mitlufa taħseb.

"U trid li jien nipprova nsib jekk iz-*ziju Bert* kienx missierek jew le?" staqsieha Alex.

"Iktar minn hekk nixtieqek li ssib xi ħaġa dwar l-għeruq tiegħi… imma ma nistax nitolbok li tagħmel dan. Wara kollox int ma taħti xejn fl-istorja mistura tiegħi."

"Forsi iva. Jekk missieri kellu tifla barra ż-żwieġ… irrid inkun naf… għala le?"

"U mbagħad x'se tagħmel? Teħodha kontrih?" staqsietu Marisa.

"Min jaf? Imma ma naħsibx. Bħala missier m'għandi xejn xi ngħid ħażin fih sa fejn kellna x'naqsmu jien u oħti. Il-problema hi minn fejn se nsir naf il-verità."

Bħallikieku kienet ftakret f'xi ħaġa, Marisa qamet f'salt wieħed u qaltlu:

"Stenna ftit… għandi xi ħaġa x'nurik!"

Marisa ħarġet mill-kamra u wara ftit reġgħet lura b'kaxxa żgħira. Fiha kien hemm brazzuletta tad-deheb li fuqha kellha xbieha ta' denfil.

"Din hu kien tahieli meta għalaqt għaxar snin. Illum m'għadnix nilbisha għax m'għadhiex tiġini imma għadha għal qalbi ħafna."

Alex qabad il-brazzuletta f'idu u ħares lejha.

"Dik il-kaxxa tagħha?" staqsieha.

"Iva. Għadha fl-istess kaxxa kif kien tahieli. Il-*label* bl-isem tal-ħanut minn fejn xtraha għadha mwaħħla."

Alex dawwar il-kaxxa biex ikun jista' jara l-isem tal-ħanut minn fejn kienet inxtrat.

"Din ma tipprova xejn," qalilha Alex hekk kif taha l-kaxxa u l-brazzuletta lura.

"Le. Imma ridt nurihielek. Dak kollox. Iz-*ziju Bert* kien iħobbni ħafna."

L-għada Alex mar ikellem lil oħtu u qalilha dwar Marisa u l-possibbiltà li din setgħet kienet oħthom bla ma ħadd kien jaf.

"U fejn sejjer b'rasek!" ħatfitu oħtu. "Dik qed tipprofitta ruħha. Forsi ivvintat kollox minn żniedha! Trid tisloħna xi somma flus ikolli ngħid. Ħallik minnha Alex… ibgħatha tixxejjer u aħrabha. Jekk trid tfittex min kienu missierha u ommha, dik affari tagħha… tagħmel hi… imma lilna tħallina bi kwietna. Din minn fejn inqalgħet, x'kull waħda."

Imma Alex ma setax jimxi fuq il-parir ta' oħtu.

"Forsi Marisa għandha raġun. Forsi qiegħda tgħid il-verità."

Kien deċiż li jsib jekk dak iz-*ziju Bert* kienx missieru jew le.

L-idea li jsir test tad-DNA, sakemm dan kien possibbli, għaddiet minn moħħ Alex iżda qabel ried jara jekk kienx hemm xi ħadd li kien jaf l-istorja kollha. Beda jara min minn qrabatu seta' kien jaf xi ħaġa. Imma min-naħa l-oħra beda jtella' u jniżżel jekk wara kollox kinitx idea tajba li jistaqsi u b'hekk iqanqal suspetti f'missieru li setgħu kienu bla bażi. B'moħħu jhewden indeċiż għall-aħħar, baqa' m'għamel xejn u qagħad jistenna li forsi xi darba Marisa toħroġ b'xi ħaġa oħra u jimxi minn hemm.

Għaddew ix-xhur u Marisa u Alex baqgħu ma rawx lil xulxin. Marisa bdiet taħseb li Alex ma kellu l-ebda interess li jasal biex jiskopri l-verità u Alex min-naħa tiegħu beda jissuspetta li wara kollox din l-istorja kollha kienet maħluqa minn Marisa.

Id-dar tal-ġenituri ta' Alex kienet baqgħet battala wara l-mewt tagħhom u Alex rari kien jersaq 'l hemm. Wisq inqas oħtu li kellha familja x'tieħu ħsieb.

'Dik id-dar għandha bżonn tindifa għax ilha mitluqa s-snin,' ħaseb Alex jum wieħed u ftit wara għamel arranġamenti ma' kumpanija magħrufa tat-tindif biex jieħdu ħsieb huma. Ma kellu l-ebda xewqa li jmur inaddaf hu u lanqas ma kien se jgħid lil oħtu.

Ix-xogħol sar ftit jiem wara u d-dar reġgħet ħadet ir-ruħ.

'Issa nista' mmur u nara x'nista' nneħħi… għad hemm qabda imbarazz li żgur ma jiswa xejn.'

Jum wieħed il-Ħadd filgħodu Alex telaq lejn id-dar tal-ġenituri biex jibda jdur il-kmamar, jara x'hemm għar-rimi u wara skont ma kien ftiehem m'oħtu, jitfa' d-dar għall-bejgħ.

Iddeċieda li jibda mill-kamra li missieru kien juża bħala uffiċċju u fejn kien iqatta' ħafna ħin jedha mal-passatemp favorit tiegħu – jiġbor *cuttings* mill-gazzetti li kien jixtri kuljum kull filgħodu. Kien metikoluż f'xogħlu u kollox kien miġbur f'ordni perfetta.

'Dawn dnub narmihom,' ħaseb Alex hekk kif beda jqalleb f'wieħed minn dawn l-albums. Ftit ftit Alex beda jinteressa ruħu u kompla jqalleb fl-albums li missieru bi mħabba kbira kien bena matul medda ta' snin.

Kien f'wieħed minn dawn l-albums li sab l-envelop. Kien envelop safrani u fuqu kien hemm miktub il-kelma *Robert*.

Alex poġġa l-album fuq il-mejda u fetaħ l-envelop. Fih kien hemm karta wkoll ta' lewn safrani u fuqha kitba bl-idejn… kitba li Alex fehem li kienet ta' mara. Kienet kitba pulita, il-linka kienet ġa bdiet titfi u Alex induna li din kienet miktuba bil-*fountain pen* u mhux bil-bajro kif normalment kien jara ittri miktubin.

Alex beda jaqra:

*Għażiż Robert,*

*Meta taqra din l-ittra jiena ma jkunx għadni hawn. Qed inħalli f'idejn ħabiba tiegħi li taħdem bħala ners hawn l-isptar u li sibtha t'għajnuna kbira. Allaħares ikunu jafu b'dan! Hawn taħt għandek il-post fejn ħadu lit-tarbija. Bil-għajnuna tan-ners irnexxieli nsir naf f'liema istitut ħaduha. Semgħethom jitkellmu bejniethom. Mur ara kieku jkunu jafu!*

*F'ġieħ il-ħbiberija li darba kien hemm bejnietna nixtieq dan il-favur kbir mingħandek. Binti se tkun weħedha. Ħadd mhu se jmur jaraha. Ma taf lil ħadd fid-dinja u wisq inqas min hi ommha li bilkemm laħqet ratha li ma ħaduhilhiex minn idejha.*

*Qed nitolbok biex tmur taraha regolari. Għidilha li int zijuha jew li trid madanakollu, imma forsi hekk temmnek aktar. Is-sorijiet jafu bik. Ħabibti*

*n-ners ħadet ħsieb kollox. M'għandux ikollok problemi. Urihom din l-ittra jekk trid. Imbagħad meta tikber għidilha l-verità kollha. Imma fuq kollox nixtieqek tgħidilha li ommha kienet tħobbha ħafna u li kieku setgħet rabbietha hi… imma inti taf tajjeb x'ġara.*

*Tiċħadlix din it-talba Robert. Qed nafda ħafna fik. Int l-akbar ħabib li qatt kelli f'ħajti.*

*Grazzi u itlob għalija*

*Daniela.*

Alex qara l-ittra għat-tieni darba. Issa fehem għaliex missieru kien imur jara lil Marisa. Marisa kellha raġun. Ma kinitx qed tivvinta. Imma x'seta' jgħidilha ħlief li ommha kien jisimha Daniela! U li kienet mietet ftit wara li kienu ħaduhielha hekk kif twieldet biex poġġewha f'istitut. Il-bqija tal-istorja kien jafha missieru u forsi xi ħaddieħor. Imma min? Missieru ma setax jitkellem.

L-għada Alex ċempel lil Marisa u ltaqgħu. Taha l-ittra biex taqraha.

"Kien hemm żmien meta kont qed naħseb li z-*ziju Bert* kien missieri u ma riedx jurini għal xi raġuni," qaltlu Marisa.

"Iva. Jien għadda dan il-ħsieb minn rasi. U biex ingħidlek, ħsibt ukoll ħażin fik! Jiddispjaċini."

"Imma issa din l-ittra ċċarat l-istorja kollha!"

"Ma naħsibx," ma qabilx magħha Alex. "L-ittra qaltilna parti żgħira mill-istorja kollha. Min jaf kemm hemm aktar li qatt ma tkun taf."

"Forsi xi darba…"

"Forsi?"

"Imma naf li ommi ma ċaħditnix. Ommi kienet tħobbni. U dan jagħmilni kuntenta."

"U missierek?"

"Ommi ma semmitux!"

"Le. Ma semmitux. Imma kieku missieri laħaq qallek il-verità kollha…"

"Kieku… kieku…" qalet Marisa b'nofs tbissima sfurzata.

"Taħseb li s-sorijiet jafu xi ħaġa aktar milli missieri kien qed imur jarak fuq xewqa t'ommok?"

"Naħseb imma ma jridux jitkellmu jew ma jistgħux. Hu x'inhu issa rrid ngħix kif jien… waħdi sakemm forsi xi darba jkolli żewġi u wliedi."

Alex tbissem. F'dak il-ħin ħass ġibda kbira lejn din il-mara.

# Faxxa ngħas

Sergio Grech

1.

L-iljieli tagħha kienu saru faxxa ċpar.

Ftit minuti ta' rqad u ħalel twal ta' insomnja.

Kellha ritwal fiss kull lejl. Tielgħa u nieżla. Iddur u tagħqad f'dik il-*house of character* li żewġha kien wiret mingħand iz-zi Anni. Tad-Dhalia kienu stmawhielhom €375,000.

Tiftaħ il-friġġ u tara xi jmiss jinxtara waqt li tnaqqar biċċa ġobon Romano jew gidma perżut tal-koxxa.

Tqalleb gazzetta ta' xi tliet ġimgħat ilu li żewġha kien ħalla tiġri fuq is-sufan bla ma biss indenja ruħu jwarrabha jew jarmiha.

Taqra l-SMSs li jkunu daħlu matul il-jum u tħassar dawk li m'għandhiex bżonn waqt li tittama li xi ħadd jibagħtilha messaġġ imġiddem biex ikollha ma' min tikkorrispondi forsi l-lejl jgħaddi f'ħakka ta' għajn.

Tittawwal mit-tieqa tal-kamra tas-sodda biex tara min jonqos jasal mill-karozzi tal-ġirien. Kienet drathom kollha bl-amment. Waħda wara l-oħra: il-Yaris griża ta' Tessie li kienet tedha titfgħalha l-ilma quddiem il-parapett tagħha waqt li hi kienet tigdem ilsienha biex ma taqlax inkwiet, il-Peugeot 206 ta' Martin ir-raġel ta' Tessie, l-*isports car* ta' binhom Zven li kien jgħaddi minn kullimkien qisu x-xitan tal-infern indannat, l-iSkoda oranġjo relikwa ta' żmien Mintoff se taqa' biċċiet ta' żewġha li ma kien ipartatha ma' xejn mingħalih kellu l-isbaħ żafir, is-Saxo *wine* tagħha, il-Corolla ta' Michael l-*accountant* u l-Audi ta' martu li kienet tqażżeż triq mingħaliha Kate Middleton.

Terġa' lura fis-sodda u tilbes il-*headphones*. L-aħħar ġugarell li żewġha xtralha: radju DAB. Tqalleb stazzjon wara ieħor. Fuq One Radio, Fr Colin Apap jitkellem dwar l-emarġinati u jilmenta fuq in-nuqqas ta' ġustizzja fis-soċjetà Maltija. Fuq il-101, Joe Vella b'mużika romantika li flok issaħħrek tiffrustrak. Fuq Campus FM, Sergio Grech jeqred fuq Mabel Strickland u l-pożizzjoni kuntrarja tagħha għall-Indipendenza.

Tqabbad sigarett u tnitten miżbla. Id-duħħan jinfirex mal-kamra u jidħol fi mnifsejh, jinbxu imma hu jibqa' jippersisti midfun fin-ngħas. Lanqas jekk tisplodi bomba ma' widnejh ma tqajmu kien spiss jiftaħar 'il-hero.'

Kien jaf li hi ma tantx kienet torqod imma hu safrattant kien jibqa' hemm jongħos jekk mhux ukoll iżid fl-intensità tar-raqda. Annimal mhux bniedem dak, kienet tgerger weħidha, fl-intern l-iktar mudlam u mitluf tagħha.

Kienet tittama li d-duħħan tagħha jxerrqu u jqajmu. Vendikazzjoni kienet titfa' d-duħħan f'wiċċu biex forsi tirrabjah u tindannah. Tittama li almenu jqum minn hemm u jheżżiżha tnejn kif tmiss il-liġi.

Kienet miexja għall-erbgħin. Minn fuqha kienu għaddew sebgħa u tletin rebbiegħa, sebgħa u tletin sajf, sebgħa u tletin ħarifa u sebgħa u tletin xitwa. Imma kienet għadha tisraq l-attenzjoni ta' bosta u mhux raġel jew tnejn kienu jħarsu u jerġgħu jħarsu kif tgħaddi hi. Anki n-nisa sħabha kienu jgħiru għaliha. Bla dubju baqgħet sabiħa. Dak id-dublett b'dik il-qasma, saqajha barra, kuxxtejha, xagħarha mewġ, wiċċha perfett ... kienu jagħmluha unika. Sidirha kien għadu sod u sabiħ. Ta' nisa oħra mat-tletin kien jikrieh u jispiċċa aċċessorju inutli u diffiċli tieħu ħsiebu. Tagħha kien mitluq, ferrieħi u setgħani. Xi drabi kienet tieħu gost taqbdu, tħossu u tmellsu. Tħoss il-piż tal-ħalib li qatt ma sqiet għax l-ulied li tant xtaqet qatt ma ġew.

2.

Jongħos ħdejha kien hemm katavru. Almenu hi hekk kienet tgħidlu. Żagħżugħ li xjaħ malajr u li ma tqanqlu b'xejn. Skontha l-ħeġġa li jgħix u li jinnamra mal-avventura kienet ilha li ntfiet fih. Hu kien iwieġeb l-akkuża tagħha bi tbissima ħafifa.

Rieqed kien joħlom b'ajruplan li jieħdu 'l bogħod, lil hemm, anki jekk id-destinazzjoni kienet tibqa' dejjem imċajpra. Kien jippersegwitah Boeing 737 jinqala' mir-*runway* u jtir sparat lil hinn. Lejl u nhar l-istess ħolma. U l-ajruplan

dejjem jinqata' mill-art b'dik il-grinta ta' barra minn hawn. 'Il bogħod minn dak il-ġenn li ma kienx jifilħu iktar. 'Il bogħod minnha u l-isteriżmi tagħha.

Kien iffissat fuq l-għasafar taċ-ċomb. Ma kienx hemm dettall li ma kienx jaf fuq l-ajruplani. Kien jaf jiddistingwi bejn l-ajruplani militari u dawk ċivili u l-magni tagħhom. Minn seba' mili bogħod, kien kapaċi jxomm liema ajruplan kien ikun se jinżel fl-ajruport internazzjonali u maħżun ġo moħħu kellu *fact file* sħiħ dwar dak l-ajruplan; il-magna, l-ammont ta' passiġġieri li kien jesa', l-arma tal-linja tal-ajru, l-uniformi tal-*airhostesses*, il-pilota u l-kumplament tal-istaff.

Il-fissazzjoni tiegħu fl-ajruplan kienet taqtgħalha nifisha.

Tista' tgħid li kien jaf b'kull linja tal-ajru li kien hawn taħt il-kappa tax-xemx inklużi l-*low cost* u lejn liema destinazzjonijiet kienu jittajru kif ukoll il-kuluri li kienu jiżbgħu bihom l-ajruplani u d-denb tagħhom. Ma' sħabu kellu l-fama ta' enċiklopedija fuq l-ajruplani. Kien jgħaddi ġranet iqalleb websajt wara oħra; flok ifittex il-laħam għeri, jgħarrex għall-kesħa tal-metall. Il-frank tiegħu kien jgħaddih Ħal Far jiġbed l-ajruplani telgħin u neżlin u filgħaxija l-hena tiegħu jirregala dawk ir-ritratti lil sħabu tal-Facebook. Meta kien jasal l-*air show* lanqas kont tarah b'nemes id-dar.

Dakinhar li sema' lil Sergio Mallia waqt il-bullettin tas-sitta fuq TVM iħabbar li niżlu żewġ *mirages* mil-Libja tar lejn l-ajruport. Saq beżgħan li jaħarbulu. Dakinhar mhux li kellu fenkata l-Klabb tal-Boċċi tal-Qrendi ma' sħabu li darba kienu jattendu l-liċeo tal-Ħamrun nesa. Meta niżel l-Airbus A380 tal-Lufthansa, kien ilu iktar minn siegħa jistennieh jinżel b'ansjetà, b'għajnejh ifittxuh fil-medda tas-smewwiet. Il-ħin kollu attent għall-arloġġ u jikkalkula l-vjaġġ li l-ajruplan tal-Lufthansa kellu jagħmel minn Istanbul għal Malta.

3.

Isfel kien għaddej kunċert sħiħ. Donnha kienet waslet l-aħħar tad-dinja. Apokalissi sħiħ. Seta' malajr jikkwalifika l-burdata tagħha u kien kapaċi jiddistingwi bejn dagħa, ħalf, biki u t-tgħeżżiż tas-snien. Kienet f'waħda mill-agħar burdati tagħha fejn ix-xitan ta' ġo fiha kien jixkana l-anġlu kustodju.

Minn fuq, seta' jisma' t-tkissir tal-platti, il-plattini u s-sjuni. Kliem maħtuf. Diskors li ma jiftehemx. Fl-isfond, Andrew Azzopardi jippreżenta edizzjoni oħra ta' *Għandi xi Ngħid* joħlom b'Malta aħjar.

U hu, quddiem il-laptop, li xtratlu bħala rigal għall-anniversarju taż-żwieġ, jipprova jifhem u jsib raġunijiet validi u konvinċenti għaliex iż-żerriegħa tiegħu

ma setgħet b'xejn tiltaqa' mal-bajda tagħha u jagħtiha dak li tant kienet tixtieq biex forsi jferraħha.

Kienu xebgħu ġejjin u sejrin għand tobba u professjonisti fil-qasam. Id-*database* tal-ġinekoloġi tista' tgħid ħarbtuha kollha … Mark Sant, Yves Muscat Baron, Donald Felice, Astrid Camilleri … Min kien jonqos? Qabel ma jidħlu, fil-klinika għand il-konsulent, jittamaw dejjem f'opinjoni oħra li tikkuntrasta lil ta' qabilha. Imma d-diska kienet dejjem l-istess. Min jitħassarhom, min jagħdirhom u min jissuġġerixxi għajnuna psikoloġika. Min jagħmlilha l-*ismear test* u min jibagħtu jagħmel it-test tal-fertilità. Min jissuġġerilhom konfessur u min iwisshom li dawk ħwejjeġ t'Alla.

Ma kienx hemm websajt li ma daħlux fiha flimkien jew għal rashom: http://www.babycentre.co.uk, http://www.pregnancyguideonline.com, http://www.babynames.com, http://www.pregnancy.com, http://www.biggerloads.com … il-kontenut kienu jafuh bl-amment.

Kliem ommha baqa' dejjem jgħum fiha. L-omeliji twal ta' kull Ġimgħa u Sibt meta hi u sħabha kienu jitilgħu Paceville, joħolmu li jsibu l-imħabba. Kemm wissietha biex toqgħod attenta u ma ttappanx ġieħha għax dak b'xejn ma tixtrih lura. Biex tibża' mis-suwed li jkunu qed iħufu mal-plajja jfittxu l-inkwiet. Biex ma tafdax l-Għarab għax dawk qatt ma raw xejn u mur żommhom jekk mara jaħkmuha taħt idejhom. Żgur itaqqluha.

Mur għidilha 'l ommha. Kemm għerf kien joħroġ minn fommha. Edukat sabitu hi, bil-ġlekk u l-ingravata, u xorta baqgħet fejn kienet. Bajdani ħaditu u jitkellem bl-istandard xorta ma kienx kapaċi jimla ġufha u jagħtiha tarbija.

Dik il-lejla t-teatrin kien fl-aqwa tiegħu.

# Il-mejda tal-mogħdija

Pierre J. Mejlak

Iddeċieda li jħalliha barra fit-triq. Xi proxxmu jaħsibha tajba u jiġborha. Ġieli kien ra, fi triqtu lejn id-dar filgħaxijiet, xi biċċa għamara mħallija f'kantuniera. Sa filgħodu kienet tkun telqet. Tefa' fuqu kowt irqiq, niżel isfel u ħareġ barra biex ipoġġi l-mejda mal-ħajt. Iżda kif xiref barra bil-mejda, jilmaħ lill-ġar ta' taħtu qed jipparkja, b'galbu, il-Fiat Panda, u sellimlu. X'seta' jagħmel? Jekk jerġa' jidħol ġewwa kien jaqtgħu ta' miġnun. Min joħroġ barra, fid-disgħa ta' billejl il-Ħadd filgħaxija, b'mejda tal-mogħdija biex imbagħad jerġa' jidħol biha? U ovvja li mhux se jħalliha mserrħa mal-ħajt ladarba kien rah il-ġar. F'tebqa t'għajn qatagħha li jimxi bil-mejda sa tarf it-triq u fil-kwiet tat-tarf, iħalliha hemm. Sellem lill-ġar, li kien għadu qed jiddritta l-karozza, u telaq b'pass mgħaġġel, bħallikieku taħt abtu, flok mejda, kellu ktieb.

Mexa l-kumplament tat-triq, dar il-kantuniera, niżel ftit metri tul rue de la Source u ma' ħajt li fih ma kienx hemm twieqi jew bibien serraħ il-mejda. U kien se jdur, qisu ma ġara xejn, lura lejn id-dar, meta rrealizza li eżatt quddiemu kien hemm almenu għaxar appartamenti mixgħulin u ċ-ċans li kien hemm xi ħadd iħares minn wara purtiera minnhom kien kbir. Forsi dan ix-xi ħadd kien ħa jeħodlu ritratt jew jiġbidlu biċċa *video* bil-*mobile* u jurih lill-pulizija. Fassal malajr pjan – jinżel għarkupptejh jaqfel il-lazz u b'dik il-mossa juri r-raġuni għala kien serraħ il-mejda mal-ħajt. Iżda għarkupptejh irrealizza li lazz x'jaqfel ma kellux għax kien ħareġ kif kien – bil-qalziet tal-piġama u bil-papoċċ tas-sodda li kien jilbes biss fid-dar. Qam, qabad il-mejda

u kompla nieżel mat-triq, fid-direzzjoni tal-għadira – fejn kien hemm skipp kbir fejn wieħed seta’ jarmi l-fliexken tal-ħġieġ. Kellhom ħabta jmorru kull tant ġimgħat, meta martu kienet għadha f’sikkitha, u jbattlu basket jew tnejn. Il-mejda seta’ faċilment iħalliha hemm.

Iżda ħdejn l-iskipp il-karozzi kienu għaddejjin waħda għal waħda u ma riedx id-dinja li waħda minnhom tinzerta tal-pulizija. X’jaqbad jagħmel? Raġel iswed, m’ogħla hawn u liebes ġakketta ħoxna, għadda minn ħdejh u xengel rasu bi tbissima. Mhux it-tbissima li titbissem għax tkun twelidt orrajt. Iżda t-tbissima li titbissem lil xwejjaħ miġnun li ma jkunx jaf li ħareġ mid-dar bil-mejda tal-mogħdija taħt abtu. Għaddielu minn moħħu li jdur u jaqsamhielu fuq rasu u jħallihom it-tnejn hemm, ħdejn l-iskipp, iżda l-ħsieb kien fjakk u miet fuq ommu. Issikka l-mejda taħt driegħu u kompla miexi lejn l-għadira.

Daqt naslu, qal lill-mejda.

Kien nesa l-aħħar darba li mexa ma’ martu b’dak il-mod u iżjed ma qorob lejn l-għadira iżjed ħass l-affinità mal-mejda tikber. Siegħa qabel, wara li tmejlet għal fuqu f’nofs mogħdija bil-ħadida tikwilu idu, kien stkerrahha. Żlugata u mserrħa ċċassata mal-ħajt kienet fakkritu f’martu. U martu kienet telqet. Mela, f’ġieħ il-konsistenza, il-mejda kien jeħtieġ titlaq ukoll. Iżda issa, magħfusa miegħu beżgħana, xi ftit tas-simpatija lejn il-mejda kien beda jħoss. Mhux biss kienet muġugħa – b’riġel maqlugħ minn postu – iżda kienet fi triqtha għall-abbandun finali. Immaġinah qisu raġel dieħel għand veterinarju b’kelb li kien żammlu kumpanija tul ħajtu kollha u li issa kien wasal il-mument li, għal xi raġuni, jeħles minnu.

Kien se jaqbeż il-gradilja baxxa li kien hemm madwar l-għadira u kien se jwaddab, b’kemm saħħa seta’ jsib, il-mejda fl-ilma. Jekk tegħreq tajjeb, jekk le kien se jevita dawk in-naħat biex lejn il-mejda ma jerġa’ jħares qatt. Mexa mal-gradilja biex isib dik il-parti l-iżjed baxxa li ġieli nnota fil-mixjiet li kien jimxi ma’ martu nhar ta’ Ħadd filgħodu wara li jixtru l-gazzetti, il-fjuri u l-ħobż, meta kelb qed imexmex xi ħaġa fid-dlam ħasdu b’nebħa aggressiva li ma stennihiex. U tant inħasad li dar f’daqqa, qisu attur qed jiskapula tir, u ta daqqa ta’ mejda tal-mogħdija lill-bieba ta’ Peugeot ipparkjata warajh. L-alarm tal-karozza xegħel minnufih u beda jidwi. Il-ħoss fixlu. Ħass paniku stramb jiġri ġo fih, qisu kien għadu kemm seraq bank u kien jeħtieġlu jistaħba qabel jaqbduh. Ġuvni twil u rqiq, li kien qed jiġri madwar l-għadira, ħabat ġo fih u sakemm ħeles minnu ħarislu b’rabja u, b’nifsu maqtugħ u b’ritmu mħarbat, bagħtu jixxejjer. Ix-xwejjaħ skuża ruħu bi tlaqliq, u bil-mejda issa mhux iżjed taħt abtu iżda f’idejh it-tnejn – qisha Kristu f’idejn id-Duluri – qasam it-triq

u qatagħha li jagħmel iċ-ċirku sħiħ lura lejn id-dar, bit-tama li fit-tieni nofs taċ-ċirku jsib post mudlam fejn jerħi l-mejda.

Ix-xita, kif tibda f'beltu, bdiet bla wisq twissijiet u sakemm dar il-kantuniera u ħeles mill-ħoss aggressiv tal-alarm, kienet nieżla qawwija. B'rasu mxarrba beda jiġri ma' ġismu ksieħ fin. U kien f'dan il-mument li beda jxomm riħa qawwija miexja miegħu. Ħares lura. Ma kien hemm ħadd. Quddiemu lanqas. Waqaf biex jara jekk ir-riħa kenitx se tieqaf miegħu. U meta ntebaħ li kienet waqfet tistennieh, baxxa rasu u ntebaħ li l-papoċċ tas-sodda mhux biss kien imxarrab bix-xita, iżda kellu fil-qiegħ tiegħu kisja ġmielha ta' ħmieġ ta' kelb. Bil-fixla tal-kelb, tal-alarm u tal-ġerrej, kien rifes il-ħmieġ. Probabbli tal-istess kelb ikrah li kien għamel għalih.

Ipprova jidlek il-ħmieġ max-xifer tal-bankina, iżda kull darba kien qed jispiċċa ħafi bil-papoċċ tas-sodda mitfugħ rasu 'l isfel mal-art. Mexa ftit metri 'l fuq biex ibill il-papoċċ fi ftit ilma miġbur fil-vojt li ħallew żewġ briksiet maqlugħa minn fuq il-bankina, u waqt li kien qed ibillu osserva, fuq in-naħa l-oħra tat-triq, dar qed titwaqqa' ftit ftit biex, ħaseb hu, flokha jitla' bini ieħor. U bil-madum aħdar tal-banju tad-dar l-antika issa jidher mit-triq, ħaseb f'kemm nies kienu nħaslu hemm fuq u kemm hi stramba li post li għal tant snin inżamm dejjem magħluq issa kien spiċċa espost b'dak il-mod goff. Imbagħad ħaseb f'martu. Tgħid lil martu kienu se jgħinuha tieħu banju kif kien jgħinha tieħu hu jew se jħalluha weħidha tipprova ssib tarf, qabel tintebaħ li impossibbli? U kienu se jagħtuha banju sħun jew biex ma ddewwimhomx kienu se jġegħluha tħoss il-bard? Forsi kienet l-intenzjoni tagħhom li jħalluha tmut bil-mod il-mod. Żgur kien hemm xjuħ oħra li xtaqu jidħlu f'dik id-dar. L-ebda ristorant ma jrid li min jidħol fis-sitta jibqa' mkaħħal sa nofsillejl. U jekk tmut ma kienx se jħoss għall-bqija ta' jiemu t-toqol tal-ħtija li ħalla lil martu tagħmel l-aħħar nitfa ta' vjaġġ twil mitlufa weħidha? Messu żammha d-dar. Messu lit-tabib ma qallu xejn bl-istorja li riedet tmur f'dar nannuha dakinhar li sabha tipprova tiftaħ il-bieb f'nofs ta' lejl. Forsi kien twerwer. Forsi meta mbuttatu fuq il-mejda tal-mogħdija ħass li kienet inqasmet il-fruntiera bejn il-limiti tal-paċenzja u tal-inaċċettabbli. Dik hi, ħaseb. Qatt f'ħajtu ma kien imbuttah ħadd xi mkien. U ried juriha li ma kienx se jittollera mbuttar. Iżda b'għajnejh fuq il-madum aħdar irrigat tad-dar li kienet qed titwaqqa', ħaseb li messu żammha miegħu. Kemm kien qasam linji u hi ma qalet xejn. Messu żammha. Almenu, f'dawk il-mumenti ta' luċidità – rari kemm kienu se jkunu rari – kienet se ssib lilha nfisha f'darha, imdawra bi ħwejjiġha, b'raġel li ħabbet u li ħabbha, bir-riħa tal-butir maħlul fuq il-ħobż mixwi u t-te bil-ħalib. U mhux f'dik il-kamra bla ruħ u kulur, fejn issa kien imur iżurha, bit-tama li tagħrfu.

L-aħħar li mar ħasbitu l-pustier. Qaltlu li kienet ilha tistennieh xahar. Iżda meta ratu jpoġġi bilqiegħda f'tarf is-sodda u jistaqsiha kif inhi, bdiet tgedwed weħidha u ntilfet tħares mit-tieqa 'l barra, fejn kull ma stajt tara kienu soqfa tad-djar, bit-tarf taċ-ċmieni fuq il-bjut qishom qsari rashom 'l isfel. U fi triqtu lura d-dar ħaseb f'kemm kienet tkun iżjed diffiċli li kieku jkollu, xi darba, isibha f'sensiha, b'għajnejha jistaqsuh x'kienet għamlet tant ħażin.

Żewġ sajjetti xegħlu s-smewwiet u x-xita tqawwiet. Resaq ma' ħajt imdawwal b'bozza qawwija u pprova jistkenn billi għolla l-mejda tal-mogħdija fuq rasu, qisu Sansun ċkejken u xiħ b'idejh jagħfsu fuq is-saqaf tat-tempju. Iżda s-sieq id-difettuża malajr sabet il-vojt u niżlet ċomba fuq imnieħru, li mill-ewwel – bħas-soltu – beda jdenni. Bil-mejda sserraħ fuq rasu, daħħal l-id il-maħruqa, li kienet għadha ttektek, fil-but biex joħroġ maktur iżda ntebaħ li maktur ma kellux. Għafas il-komma tal-kowt ma' mnieħru u pprova jgħolli ftit rasu 'l fuq – kif darba, fi tfulitu, kienet qaltlu jagħmel ommu – biex id-demm jieqaf. Ftakar fi kliemha. Kollox jieqaf, ibni. Kollox. B'għajnejh issa ffukati fuq il-madum tal-banju, kien ċert li dak il-ħin martu kienet imqajma u kienet qed tħares lejn ix-xita nieżla bil-goff minn wara t-tieqa. Kif kienet tħobb tagħmel f'kull lejl tal-ewwel xita. Qisha tifla qed tistenna lil missierha ġej mix-xogħol. Tgħid f'min kienet qed taħseb dak il-ħin? Fin-nannu li mingħaliha kien qed jistennieha tidħol lura d-dar jew fir-raġel li kienet tilfet jew li ntilef, b'xi mod, xi mkien?

Bix-xita tħabbat b'saħħa fuq wiċċ il-mejda tal-mogħdija u b'purtiera ilma nieżla mal-ġnub tal-mejda, qisha ċarċara, għalaq għajnejh u immaġinah f'ħolma. Kien se jiftaħ għajnejh u jsib ruħu d-dar, fis-sodda ħdejn martu kollha riħa ta' Voltaren, u kienu se jqumu u jgħallu l-ilma għat-te u jixwu l-ħobż u jixegħlu r-radju biex jaraw x'kien seħħ madwar id-dinja tul il-lejl.

Hekk rawh minn wara t-tieqa tal-karozza. Xwejjaħ b'daqna ta' tliet xhur, b'wiċċu kollu demm, b'papoċċ tas-sodda u b'qalziet li ħadd f'sensih ma kien se joħroġ barra bih. U b'mejda tal-mogħdija fuq rasu, taħt xita nieżla qliel. It-tipiku raġel li jorqod barra, b'kowt li probabbli kien seraq mill-entratura ta' xi bar, u li issa kien imlieh demm. Ma kenitx iż-żona li s-soltu jiffrekwentaw dawk ta' bla saqaf u ma kien fl-interess ta' ħadd li jidħlu użanzi ġodda. Lanqas setgħu jħalluh hemm, jiżvina fix-xita. U waqqfu l-karozza f'nofs ta' triq, b'żewġ karozzi oħra jieqfu jistennew warajhom.

It-tnejn li huma m'ogħla hawn. Probabbli dak kien l-ewwel ħsieb li għaddielu minn rasu xħin rahom ħerġin mill-karozza u resqin lejh – li f'daqqa waħda jew kien qsar hu jew twal kulħadd ħliefu. U mxew bl-arroganza li jistgħu jimxu biss

biha żewġ pulizija rrabjati, taħt xita tlanġas, lejn xwejjaħ liebes qisu karnival, b'riħa taqsam ta' ħara u b'mejda tal-mogħdija fuq rasu.

Id-dokumenti? Għandi kollox, jaħasra, iżda qegħdin id-dar. Mhux bogħod. Għaxar minuti mixi. Tridx tiġu miegħi? Nagħmlilkom kafè wkoll. Jien m'iniex xi miġnun, tafux. X'qed nagħmel bil-mejda tal-mogħdija? Qiegħed … qiegħed nistenna lil xi ħadd biex nagħtihielu. Lil xi ħadd li forsi m'għandux waħda u jixtieqha. Iż-żejjed ta' wieħed il-lussu t'ieħor, le? Kulma jrid jirranġalha ftit sieq minnhom. Kont qed ngħaddi meta bħal qisha tqaċċtet. Ara idi. Għadha mikwija. Le, jaħasra, fejn se ddaħħluni? U le, m'hemmx għalfejn sptar. Dak ftit demm kull mhu. Mela xi darba d-demm baqa' ħiereġ għal dejjem? Kollox jieqaf. Kollox.

U daħħluh fuq in-naħa ta' wara tal-karozza, li mill-ewwel imtliet bir-riħa taqsam tal-ħmieġ ta' kelb li probabbli – dak il-ħin – kien rieqed, bi stonku mimli, taħt saqaf xi mkien. U saqu lejn l-isptar tal-kwartier. Bil-komma tal-kowt imwaħħla ma' mnieħru li kien għadu jdenni, bil-pala ta' idu nirien u b'rasu mdawra lura, qisu tifel qed jara lill-ġenituri tiegħu jxejrulu fi triqtu lejn post li ma riedx iżur mingħajrhom, ra x-xita nieżla bla ħniena. U l-mejda tal-mogħdija, imserrħa ma' ħajt, titbiegħed u tiċkien.

# Min jaf bi Stojan Kurepa?

Immanuel Mifsud

Il-President miet fil-belt fejn kienet toqgħod u meta, erbat ijiem wara, il-funeral beda triq twila lejn il-kapitali, kienet hemm, tara t-tebut jinġarr ’il bogħod. Kien hemm ħafna li bdew jibku, imma sal-lum diffiċli tgħid jekk dak kienx biki veru jew dmugħ tal-kukkudrilli. Hekk kif kien tfaċċa t-tebut stħajlet li Stojan Kurepa kien il-kapitali dakinhar, jistenna l-katavru jasal, u bħal emmnet li lilu qabiżlu d-dmugħ ukoll.

Sa dakinhar kienet diġà ddivorzjat. Alenka kellha ħmistax-il sena, Peter tnax. Missierhom telaqhom bla kliem u bla sliem mingħajr ebda ħjiel ta’ fejn seta’ mar. Kienet saret taf biss li reġa’ żżewweġ u kellu tifel. Proprju ftit jiem qabel miet il-President kienet saret taf ukoll li l-poeżiji tagħha kienu waslu fejn kellhom jaslu u kellhom jiġu ppubblikati. Hi u tħares lejn il-President jinġarr ’il bogħod fuq il-ferrovija l-kaħla stħajlet li issa l-affarijiet kienu se jinbidlu; ma kellhiex ħjiel jekk hux għall-aħjar jew għall-agħar. Forsi Stojan kellu l-istess ħsibijiet fuq in-naħa l-oħra tal-pajjiż. Imma fejn kienet taf wara kollox? Wara dakinhar, wara dak il-lejl, qatt ma reġa’ kkuntattjaha; anzi, kienet ċerta li nesieha bħalma seta’ nesa l-ħafna nisa li ra qabilha u warajha. Jelka mhux żgur kienet isem fil-lista. Forsi lanqas fil-lista ma kienet. Dakinhar tal-funeral tal-President ħasbet fih; anki dakinhar. Stħajlitu bilwieqfa għal sigħat sħaħ, mal-folla, b’għajnejh miksurin, bil-pinna u l-pitazz f’idu, iħares madwaru u jikteb.

Jikteb għalxejn, għax ngħiduha kif inhi, min jaf bi Stojan Kurepa llum il-ġurnata?

Lanqas Jelka ma kienet semgħet bi Stojan Kurepa qabel dakinhar li waqfet quddiem id-Dar tal-Kultura fi triqitha biex taqbad tal-linja għall-fabbrika meta kellha xi ħaġa fuq l-għoxrin sena. Ommha qajmitha xi s-sitta neqsin kwart bħas-soltu.

– Jelka, għandek il-kafè fuq il-mejda u xi galettini. Jien ta' billejl illum, tinsiex. La tiġi mix-xogħol ikollok l-ikel fuq il-mejda. Inti sejra xi mkien wara x-xogħol?

– Ma naħsibx. Imma llum Ivana tagħlaq sninha u forsi nieqfu ftit il-pjazza qabel niġi.

– Tieħdu ġelat?

– Issa naraw.

Kienet imxebbgħa fuq ix-xogħol. Dakinhar għaddiet minn quddiem id-Dar tal-Kultura, ħarset lejn it-tabella tal-avviżi u rat dan l-isem, Stojan Kurepa, ġej mill-kapitali biex jaqra fis-sitta ta' filgħaxija. Stojan Kurepa jaqra l-poeżiji tiegħu fid-Dar tal-Kultura. Kien għadu kemm ħareġ l-aħħar ktieb tiegħu, *Lejn id-Dawl*, u dik il-lejla kien se jkun qiegħed jaqra xi wħud mill-poeżiji f'din il-ġabra. Għoddha tilfet tal-linja.

Dik kienet l-ewwel darba li semgħet bih.

U l-aħħar darba li ratu; ħlief li xi kultant kien jidher fuq it-televixin jirċievi xi premju mill-Ministru tal-Kultura jew darba anki mill-President innifsu. Stojan Kurepa.

Fuq tal-linja qagħdet tipprova timmaġina kif kien jidher dan Kurepa. Kull ġimagħtejn kienu jieħdu ħsieb jibagħtu xi kittieb minn parti oħra tal-pajjiż biex jaqra. Ftit qabel Kurepa kienet marret dil-mara li minkejja li kellha 'l fuq minn ħamsin sew ħadd ma kien sema' biha lanqas. Sa kwarta wara li kienet bdiet Jelka kienet diġà ddejqet tismagħha. Darba oħra kien mar Anto Mladic li kif fetaħ ħalqu, minbarra l-poeżiji, bdiet ħierġa riħa taqsam ta' *slijvovica* u bilkemm kien jaf x'qed jgħid u jaqra. Ħafna drabi kienet tara sew min ikun sejjer jaqra biex forsi l-librerija ssib xi ħaġa tagħhom u taqraha.

Fid-Dar tal-Kultura ma kinux imorru wisq nies tamparha imma kienet tħobb tmur xorta waħda; kienet tħobb tisma' lill-poeti jaqraw avolja dejjem ikunu kbar ħafna. Dejjem tismagħhom sew u timmaġina, timmaġina li xi darba għad taqra bħalhom: tmur fil-bliet il-kbar, fid-djar tal-kultura, fil-libreriji, taqra, titkellem man-nies li jkunu marru jisimgħuha, tismagħhom iċapċpulha. Ma kinitx ferħana wisq taħdem ġo fabbrika; riedet tikteb u tikteb u taqra lin-nies ħa jsiru jafuha mal-pajjiż kollu u forsi xi darba jħalluha toħroġ barra wkoll.

Moħħha kien poeżija waħda. Bħall-belt: ix-xmara, id-draguni ħodor fuq wieħed mill-pontijiet, in-nies għaddejjin f'xi waranofsinhar xemxi. Imqar il-magni tal-fabbrika setgħu jkunu poeżija. U kull ġimagħtejn, meta kien jasal il-jum li jiġi xi kittieb fid-Dar tal-Kultura, kien ikollha burdata mhux tas-soltu u l-ġurnata bejn kienet tidher itwal għax kien ikollha seba' mitt sena biex tidħol fis-sala l-kbira għall-qari, u bejn iqsar għax wara x-xogħol kien ikollha fejn tmur flok tmur dritt id-dar u ma tagħmel xejn.

Dakinhar, wara x-xogħol, Ivana teħodha ħdejn ix-xmara jieħdu ġelat. Tkellimha fuq Marko, fuq għajnejh kbar, fuq leħnu, u tgħidilha li filgħaxija ħierġa miegħu. Tgħidilha li tħobbu u Jelka titbissem.

– Kif tħobbu raġel?

– U jien naf? Tħobbu hux; tkun tixtiequ l-ġurnata kollha.

– U għala tħobbu?

– Ma nafx. Hekk, inħobbu.

– Imma hu jħobbok?

– Issa llejla nkun naf. Daqt jgħajtulu għas-servizz u jkun 'il bogħod.

– Fejn se tiltaqgħu?

– Quddiem il-knisja.

– Hawn, fil-pjazza? Imbagħad?

U titbissem Ivana xħin tistaqsiha fejn se jeħodha.

– Sarli l-ħin, Jelka, irrid immur naħsel xagħri.

– Anki jien sarli l-ħin.

– Ma' min ħierġa?

– Le, sejra d-Dar tal-Kultura.

– E, iva. Daqt narawk ma' xi poeta!

U jidħqu t-tnejn, u jitgħannqu. Ivana tqum tiġri u taqsam il-pjazza b'kemm timxi.

– Sinjuri, insellmilkom u nagħtikom il-lejla t-tajba. Illum ukoll żammejna l-appuntament tagħna ta' kull ħmistax u għandna poeta li ġie biex jaqralna. Għadu kemm ħareġ ġabra oħra ta' poeżiji, *Lejn id-Dawl*, li kif forsi stajtu rajtu mill-gazzetti, huwa ktieb importanti ħafna mhux biss għall-poeta nnifsu imma anki għal-letteratura ta' pajjiżna. Minkejja li għadu żagħżugħ diġà kiseb suċċess kbir u dan jagħtina pjaċir għax b'hekk qegħdin naraw futur sabiħ għal-letteratura tagħna. Sinjuri, nilqgħu fostna lil Stojan Kurepa, bin familja tal-ħaddiema, missieru ddefenda lil pajjiżna fl-aħħar gwerra bħala membru tal-partiġjani. Nifirħulu u nawgurawlu. Sinjuri, Stojan Kurepa.

Is-sala mimlija xjuħ: ir-raġel li kien qed jippreżenta, il-mara tiegħu u żewġ nisa xjuħ oħra fuq quddiem, u hi, bilqiegħda fit-tielet filliera. Mill-bqija donnhom inġabru l-pensjonanti, nofshom ex-partiġjani li ġew jisimgħu wild wieħed bħalhom biex jaqra. Kurepa jfiġġ minn bejn il-kwinti, ġuvni twil u magħqud b'xagħru iswed ftit tawwali. Jitla' fuq il-palk, isellem u l-udjenza ssellem lura. Jgħid xi ħaġa fuq il-progress tan-nazzjon bis-saħħa tal-klassi tal-ħaddiema, iqaħqaħ ftit u jibda jaqra l-ewwel poeżija. Sat-tielet waħda x-xjuħ fis-sala magħha jonogħsu jew riqdin. Proprjament lanqas hi mhi impressjonata bil-poeżiji li qara imma għajnejh u leħnu donnhom qegħdin ikellmu lilha. Għajnejh. Leħnu. Tistħajjilhom waħidhom, anki għaliex donnu nduna li hi biss qiegħda tisimgħu. Iktar ma jaqra u jraqqad lil dawk li fis-sala, iktar jidħol fiha u jxejjer idejh u jagħlaq għajnejh u jixħet ħarstu f'angoli differenti; jgħolli u jbaxxi leħnu. Sa ħall il-buttuna tal-għonq tal-qmis u neħħa l-ġlekk skur hu u jaqra. Issa m'għadhiex tagħti kas tal-qari; tħares lejh, lejn wiċċu serju, serju wisq, imma sabiħ, sabiħ ħafna; lejn idejh kbar jaħfnu l-ktieb li qiegħed jaqra minnu, lejn il-poża tiegħu, lejn ġbinu li jidher jixxarrab.

Stojan Kurepa ma kienx biss poeta. L-oħrajn li kienu jmorru d-Dar tal-Kultura kienu jkunu kittieba li ħafna drabi kienu xjuħ jew kważi, jaqraw għalihom infushom, jirċievu l-applawż u mbagħad imorru fil-bottegin jixorbu. Imma Kurepa differenti. Wara li spiċċa qamet iċċapċap u aktarx iċ-ċapċip tagħha qajjem lill-oħrajn u bdew iċapċpu huma wkoll. Issa qed iħares biss lejha u avolja l-oħrajn bdew ħirġin hi tibqa' bilqiegħda fejn kienet, tħares lejh.

– Sinjorina, sar il-ħin u jien m'iniex se nkompli naqra.

– Skużani. Ridt ngħidlek proset ħafna u nispera li l-ktieb tiegħek jiġi l-librerija tagħna ħalli nkun nista' naqrah.

– Ħa, ħu l-kopja tiegħi. Rigal żgħir. Issa mmorru nieħdu xi ħaġa flimkien. Qatt ma ġejt hawn allura int trid tgħidli fejn immorru.

Fid-daqsxejn ta' ristorant kannella bil-kafellatte ma kien hemm ħadd ħlief huma t-tnejn. Waqt l-ikel kellimha fuqu, saret tafħajtu kollha, fejn twieled, min kien missieru, x'kienet tagħmel ommu, fuq ħuh il-kbir imlaħħaq fil-Partit, fuq l-appartament fejn jgħix, fuq x'jispirah u fuq ir-rumanz li qiegħed jikteb. Hi qagħdet tisimgħu u tħares lejh u ġieli lejn il-firma mħażża fuq il-frontispizju tal-ktieb li taha.

– Jien nitlaq għada. Issa x'se nagħmlu?

Ma tafx x'se twieġeb. Trid tibqa' miegħu. L-ewwel darba li xi ħadd, li ġuvni, ħariġha miegħu. Forsi Jovan, dak li jaħdem fl-istess sezzjoni magħha, jista' jkun interessat fiha. Ġieli tarah iħarsilha waqt li jkunu għaddejjin b'xogħolhom, ġieli

jistaqsiha qratx l-aħħar aħbarijiet fuq il-gazzetta. Imma Jovan jibda jtemtem kull darba li tieqaf tisimgħu u jaqta' fil-qasir.

– Immorru għandek?

– Għandi?

– Toqgħod 'il bogħod minn hawn?

– Le, mhux wisq.

– Allura? Għada mmur lura.

– Għax jien ma noqgħodx għal rasi.

– Aħa! Kemm ilkom tgħixu flimkien? Ma nagħmlux mod li miżżewġin?

– Le, le. Noqgħod m'ommi.

Ħares lejha għal ftit imbagħad tbissem.

– Dażgur. Tgħix mal-mamà, hux hekk? U l-mamà tkun qiegħda d-dar tistenniek.

– Le.

– Le?

– Għax illum ta' billejl; dal-ħin xogħol.

– Ta' billejl?

– Il-mamà taħdem l-isptar ġenerali.

– Tabiba?

– Le, infermiera.

Isejjaħ lill-*waiter* u jħallsu.

– Mela mmorru fil-lukanda fejn qiegħed. Hawnhekk kollox jorganizzaw tajjeb ħafna: ħallsuli kamra għal lejl biex ma nivvjaġġax fid-dlam. La l-mamà ta' billejl min se jkun jaf fejn kont? Imxi, m'għandniex wisq bogħod.

Dik kienet l-ewwel darba ta' Jelka. Huma u diħlin fil-lukanda qagħdet b'rasha baxxuta. Kien hemm min raha u kien hemm min għarafha. Jelka ma' dan ix-xi ħadd li, ovvja ħafna, mhuwiex minn hawn. Ovvja ħafna li din xi ħaġa ta' ejja ħa mmorru, ta' lejl wieħed: ġie s'hawn u, ma tafx kif jagħmlu daż-żmien? Imbagħad illum il-Ġimgħa u ż-żgħażagħ iħobbu jgawdu fi tmiem il-ġimgħa filgħaxija. Ħallihom igawdu, hawn biżżejjed dwejjaq, billi jieħdu naqra gost flimkien?

Il-kamra tal-lukanda daqs nitfa. Fil-ġenb daqsxejn ta' doċċa, fin-nofs sodda ta' wieħed u speċi ta' gwardarobba mal-ħajt l-ieħor u siġġu wieħed. Imma Jelka mdorrija biċ-ċokon. Hu jinża' l-ġlekk u jixħtu bl-addoċċ fuq is-siġġu, iħoll il-qmis u jdur fuqha. Qiegħda tibża' Jelka u bdiet tirtogħod.

– Għadek lanqas għidtli x'jismek.

– Jelka.

– Jelka. Poġġi. Poġġi fuq is-sodda.

– Grazzi.

– Mhux aħjar tneħħi l-ġakketta?

– Ma nistax indum.

– Għala?

– Għidtlek li ma ngħixx għal rasi.

– Imma l-mamà ta' billejl. Għandna l-lejl kollu.

– Iva imma xi s-sebgħa u nofs tiġi lura.

– Sas-sebgħa u nofs tkun id-dar tibżax. Għadhom lanqas l-għaxra. Neħħi l-ġakketta.

– Issa x'se nagħmlu?

– Inti xi trid tagħmel?

– Ma nafx.

– Le?

– Le. Emm, jien qatt ma kont f'lukanda.

– Allura intom ta' din-naħa fejn tmorru?

– Forsi ħdejn ix-xmara jew ġieli mmorru nimxu barra l-belt. Jekk taqbad tal-linja tista' tmur fil-foresta.

– Fil-foresta tmorru intom? Sabiħ fil-foresta. Allura ma tibżgħux li jarakom xi ħadd fil-foresta?

– X'jiġifieri?

Ma tafx xi trid Jelka. Quddiemha dak il-poeta li sa ftit ilu kien qed jaqra poeżiji li ma impressjonawhiex wisq, imma issa ħalqu qed imiss lil ħalqha u dirgħajh imdawrin magħha. Tiftakar li ilha barra minn filgħodu u tħossha maħmuġa xi ftit, l-aktar wara x-xogħol fil-fabbrika.

– Nista' nitolbok xi ħaġa?

– Bħal?

– Tridx noqogħdu naqraw il-poeżiji?

– Jelka... hux Jelka għidtli jismek?

– Jelka iva.

– Ili naqra minn xħin ġejt. U taħseb li l-poeti bil-poeżija biss jgħixu? Eh? Issa jmissna niktbu l-poeżija mhux naqrawha. U taf xiex? Se niktbuha flimkien, f'din is-sodda ara.

– Għax jien ili barra minn filgħodu, lanqas kelli ħin immur sad-dar qabel ġejt għall-qari tiegħek u, taf int ...

Dik kienet l-ewwel darba ta' Jelka. Kollox ġara meta lanqas kienet timmaġina. Kienet taħseb li kien se jkun Jovan l-ewwel raġel li jħobbha

avolja dak kien jibda jtemtem jekk isib ruħu waħdu magħha. Kienet ċerta anzi li jasal Ġunju u Jovan kien se jagħmel il-kuraġġ u jitlobha tmur il-foresta miegħu biex jiġbru l-faqqiegħ u kif ikunu hemm tħossha għajjiena bil-mixi u jinżlu fuq il-ħaxix taħt is-siġar u mbagħad tersaq lejh, tmiss miegħu, tmissu u jkollu jeħodha mbagħad. Daqs kemm kienet semgħetha drabi oħra din l-istorja! Imma minflok kellu jkun żagħżugħ li ma tafux, li ratu biss għal ftit sigħat, li kellu jeħodha fl-għeluq ta' kamra ta' lukanda mkittfa u jagħmilha tiegħu. Għal ftit tal-ħin.

Ħasbet li l-esperjenza kienet se tkun isbaħ. Forsi Jovan, bil-biża' tiegħu, kien jagħmilha isbaħ. Mhux li ddejqet, imma ħassitha stramba, nieqsa minn xi ħaġa li ma kinitx taf x'inhi. U kontra kulma kienet tistenna, dar-raġel ħadha mingħajr ma kienet għamlet ftit fwieħa fuqha, jew ftit *lipstick*. U l-ħwejjeġ ta' fuqha u ta' taħt kienu dawk li tilbes ta' kuljum. Xejn speċjali. U waqt li hu beda jsefsef xi ħaġa f'widintha, li wara kollox lanqas setgħet tifhem, hi baqgħet kwieta u f'waqtiet minnhom ħasbet li se tibki. Imma żammet.

Fil-kwiet li waqa' f'daqqa tista' tisma' t-tektik irqiq ħafna tal-arloġġ mal-polz jinħakk ma' xagħarha. It-tnejn li huma jħarsu lejn id-dlam sakemm fl-aħħar tibla' r-riq u taqla' dak li riedet tgħidlu meta kienu għadhom imdawrin bil-kannella bil-kafellatte:

– Għandi xi ħaġa x'ngħidlek.

– Trid tmur?

– Le, mhux għalissa.

– Tajjeb.

– Jien ukoll nikteb il-poeżiji.

Il-poeta jħoll driegħu minn magħha, jittewweb u jqum bilqiegħda b'dahru lejha.

– Hawn jagħmlu kafè tgħid bħalissa?

– Għad m'għandix ktieb imma nixtieq ħafna.

– Tgħid ninżel isfel forsi jagħmlu kafè? Int trid?

– Imma naf ħafna minnhom bl-amment.

– Ħa nara jagħmlux.

– Trid ngħidhomlok? Trid tismagħni ngħid il-poeżiji tiegħi?

– Ma nafx ta. Forsi aktar tard. Għamilt ġurnata fuq il-ferrovija u issa donnu qed jaqbadni n-ngħas.

– Forsi tridni mmur issa?

– Jekk trid tmur mur. Imma tista' tibqa' jekk trid.

– Trid immur inġiblek kafè?

– Mhix idea ħażina. Ħa, ilbes.

Hi u ġġib f'moħħha l-ewwel versi tal-aħħar poeżija li kitbet tilbes il-ħwejjeġ li newlilha u tħosshom kisħin ma' ġisimha li għadu kif inbidel. Hu jitla' jserraħ dahru mat-tistiera tas-sodda u jqabbad sigarett.

Kienet taħseb li, fuq il-ħaxix frisk taħt is-siġar tal-foresta, kienet se tibqa' mgħannqa ma' Jovan sa ma jsir il-ħin li jkollhom jimxu lura qabel jinqabdu fid-dlam. Hekk kienet taħseb li se jiġri. Kienet taħseb li Jovan ma kienx jasal iħalliha titlaq u jibqgħu jitnikkru tant li mbagħad ikollhom jiġruha lejn tarf il-foresta, hekk id f'id bħalma kienu jiġru lura mill-iskola. U kienet taħseb li Jovan ma jkunx irid iħalliha titlaq u jibqa' jitlobha, jinsisti li jerġgħu, imma x-xemx tkun waslet biex tinżel u jkollhom, kontra qalbhom, jitilqu. Tħares lejn it-taraġ li jagħti għal isfel u tisma' biss is-skiet ġej minn kullimkien. Flok tinżel titlob il-kafè tpoġġi fuq l-ewwel tarġa ħalli taħseb. Imbagħad f'daqqa waħda tibda tixtieq titlaq lejn id-dar imma fil-kamra ħalliet il-basket li tieħu magħha għax-xogħol.

*Min ħabbni ma ħabbnix; min ħadli l-lejl ħallieli biss id-dlam.*

– Ma jagħmlux kafè dal-ħin.

– M'hemmx x'tagħmel. Tista' terġa' tinża' mela.

– Ilbieraħ ktibt waħda fuq tal-linja: *Nimxi mas-siġar imma s-siġar iduru mal-kantunieri griżi, b'geddumhom mal-art. Niftaħ għajnejja jien u miexja ħdejhom, ħa nara kif iħarsu lejja. U ara, għajnejhom kollha dmugħ: qed jibku s-siġar jonkella għajnejhom inkisru kif kisru mal-fabbrika u rawni nħares lejhom.*

Stojan Kurepa, mimdud fuq is-sodda, mikxuf għalkollox, iħares lejha, jitbissem.

– Allura se tibqa' bilwieqfa hemmhekk?

– Għoġbitek?

– Ejja hawn, x'int tagħmel bilwieqfa hemm?

– Imma għoġbitek?

Allura l-poeta jtawwal idu u jiġbidha lejh, jegħlibha għal fuqu u jagħfasha miegħu.

– Għoġbitek?

– Le.

– M'għoġbitekx?

– Le.

– Ħażina?

– Iva.

U Jelka tibqa' siekta hi u tħoss idejh tilgħin u niżlin magħha.

– Ħa mmur.

*Min ħabbni ma ħabbnix; min ħadli l-lejl ħallieli biss id-dlam.*

*Min ħabbni ma ħabbnix; tajtu l-poeżija u ħbieha taħt l-imħadda.*

– Ħadt għalik? Għala staqsejtni għoġbitnix jew le jekk m'intix b'saħħtek biżżejjed biex tisma' l-verità fuq il-poeżiji tiegħek?

– Forsi aħna ma naqblux.

– Qbilna ħafna anzi. Jew ta' qabli kien aħjar minni?

– Ma kien hemm ħadd qablek. Jien ma mmurx ma' rġiel. Għidtlek li qatt ma mort f'lukandi u qatt ma mort ma' rġiel.

– Imma miegħi ġejt.

– U allura? Ħsibtek differenti.

– Issa għala qiegħda tibki? Inti mara sabiħa, grazzjuża u kif stajt nara kellek bżonnha din tal-lejla. Biex ngħidlek id-dritt, jekk huwa veru li jien l-ewwel wieħed inħossni onorat. Imma issa aħjar norqdu.

– Għalhekk għidtlek li aħjar immur.

– Le xi tmur. Għad fadal ħafna u għad għandna x'nagħmlu jien u int.

– Allura veru m'għoġbitekx il-poeżija tiegħi?

– Veru.

– Għala?

– Għax il-poeżija tiegħek, qalb ta' qalbi, hija poeżija borgiża. Int tikteb poeżiji li m'għandhomx jinkitbu aktar hawnhekk. Mhux veru li l-fabbriki jbikku n-nies. Anzi, il-fabbriki, għażiża tiegħi, huma l-progress ta' dal-pajjiż. Min jaħseb li l-fabbriki jbikku n-nies qiegħed jagħmel żball kbir u mhuwiex jara l-verità. Qiegħed jigdeb. U din tal-griż neħħiha minn moħħok. Aħna lejn id-dawl irridu nħarsu u lin-nies id-dawl irridu nagħtuhom.

– Jien naħdem ġo fabbrika. Tmien sigħat sħaħ mit-Tnejn sal-Ġimgħa. Jien naf xi tfisser il-fabbrika. Int le. Int toqgħod iddur 'l hemm u 'l hawn u tiġri fil-lukandi u torqod ma' dik u mal-oħra ħalli tikteb il-poeżiji li jriduk tikteb imma jien, jien naħdem ġo fabbrika!

– Int taħdem għan-nazzjon, għall-progress.

– Imma jien nixtieq naħdem għan-nazzjon b'mod ieħor.

– Mela tibqax tikteb fuq siġar jibku u fabbriki griżi! Ibdel id-diska u ibda għix il-mument li qegħdin ngħixu fih.

*Min ħabbni ma ħabbnix; min ħadli l-lejl ħallieli biss id-dlam.*

*Min ħabbni ma ħabbnix; tajtu l-poeżija u ħbieha taħt l-imħadda.*

*Min ħabbni ma ħabbnix; ħadli ħwejġi, ħadli ħalqi ħa jaħarqu.*

Saqajha saru juġgħuha ħafna. Dejjem twaħħal f'dakinhar. Dejjem tgħid li ilhom juġgħuha minn dakinhar li mhux wisq snin wara l-funeral tal-President, flimkien ma' ħafna oħrajn ħarġet fit-triq tgħajjat b'kemm kellha ħanġra flimkien mal-poeti l-oħrajn u l-massa ta' madwarhom u mbagħad, minn imkien, beda ġej il-gass tad-dmugħ u bdew jinstemgħu l-balal ivenvnu u kellha tiġri ssib fejn tistkenn. Hi u tiġri lwiet sieqha u waqgħet u waqt li kienet fl-art intlaqtet b'xi ħaġa iebsa u ma felħitx tqum. Kien hemm raġel li ġabarha u ġarrha imma fil-konfużjoni m'għarfitx min kien u qatt ma saret tafu. Issa, wara li daret nofs id-dinja taqra l-poeżiji tagħha – anki dawk il-griżi – irtirat. Darba fis-sena taqbad ajruplan u tmur tisma' lill-poeti żgħar f'pajjiżi oħrajn, u magħha ġġorr basket aħdar ċar mimli kotba stampati bl-irħis. Anki jekk ikun l-eqqel tas-sajf torbot maktur ma' rasha u ddur b'dal-basket magħha tfittex lill-poeti. Tliet snin ilu, hi u tirritorna lejn darha, ftit 'il barra mill-belt fejn twieldet u trabbiet u rabbiet, sabet nofs tużżana ġurnalisti għadhom żgħar jistennew quddiem il-bieb tad-dar. Mgħobbija bil-basktijiet tal-plastik mimlijin ħxejjex waqfet tħares lejhom, hekk kif kollha kemm kienu ġrew lejha bil-mikrofni u l-kameras ippuntati lejha.

– Jelka Krizman?

– X'ġara?

– Ġejna nitolbuk l-ewwel reazzjoni tiegħek.

– Reazzjoni?

– Iva, mela!

Jelka tħares lejhom b'nifisha maqtugħ bil-ġarr u bit-telgħa lejn darha.

– Miet il-papa?

– Le, x'miet il-papa!

– Xi skandlu ieħor tal-gvern? Issa drajna.

– Sinjura Krizman, għadha kif ħarġet l-aħbar li rbaħt il-Premju Nobel. Għadek ma smajtx?

– Jista' xi ħadd iwassalli xi basket imqar sal-bieb? Qtajt nifsi tielgħa u saqajja juġgħuni.

– Sinjura Krizman, x'inhi r-reazzjoni tiegħek għal din l-aħbar?

– Qalb ta' qalbi, jimporta tgħinni ftit?

– Iva, mela. Imma tista' tagħtina kumment fuq il-premju li għadek kemm irbaħt? Id-dinja kollha qiegħda tagħraf il-kobor tiegħek issa. Sinjura Krizman, l-aħbar ħarġet xi siegħa ilu.

– Siegħa ilu kont għadni s-suq, kif triduni nkun naf? Nirringrazzjakom li ġejtu tgħiduli imma napprezza aktar jekk twassluli l-basktijiet sad-dar.

Quddiem il-bieb tad-dar, bil-basktijiet mimlijin ħxejjex, il-ġurnalisti ma jħalluhiex tidħol.

– Sewwa. Tridu tafu kif qiegħda nħossni?

– Jekk jogħġbok, Sinjura Krizman.

– Intom kollha għadkom żgħar. Hawn xi ħadd minnkom qara l-poeżiji ta' Stojan Kurepa?

– Sinjura Krizman, ir-reazzjoni għar-rebħ tiegħek jekk jogħġbok.

– Fhimt, ħadd minnkom ma qrah. Ir-reazzjoni tiegħi ...

– Jekk jogħġbok.

– Jekk xi ħadd minnkom isir jaf bih għidulu jikkuntattjani. Ili nistennieh ħafna u ħafna snin. Issa, ħudu paċenzja ħa nidħol għax għandi bżonn nistrieħ ftit.

Mas-sitta ta' filgħodu Jelka tqum tiġri mis-sodda, maħsuda. Avolja l-purtieri magħluqin dieħel id-dawl minn barra. Il-poeta rieqed fil-fond maġenbha. Tiġbor malajr ħwejjiġha minn mal-art, tilbes. Sa siegħa oħra ommha tasal id-dar u għad hemm l-ikel tal-bieraħ fuq il-mejda tal-kċina. Tqajjem lill-poeta li jqum b'nofs qalb.

– Tinsiex xi ftehemna. Fid-disgħa, fil-pjazza, taħt il-monument tal-poeta.

– Fid-disgħa. X'ħin hu?

– Is-sitta u ftit. U nġib il-poeżiji miegħi.

Imma fid-disgħa, taħt il-monument tal-poeta ma jitfaċċa ebda poeta. Stenniet nofs siegħa, siegħa, u anki aktar. Imbagħad ġriet lejn il-lukanda tistaqsi għalih imma qalulha li ħareġ. Ġriet kemm felħet lejn l-istazzjon tal-ferrovija u qagħdet hemm, tittama li ssibu għadu sejjer. Ħadet xi tlieta kafè, rat ix-xemx nieżla u marret lura d-dar.

Minn Stokkolma lejn Pariġi. L-ajruport waqqfuha ħamsa min-nies jifirħulha, tnejn qalulha li qrawha bl-Ingliż, wieħed bit-Taljan u tnejn oħra bil-Franċiż. Minn Pariġi għal Montpellier. Minn Montpellier għal Sète. Qabel tidħol fil-lukanda torbot maktur ma' rasha u lix-xiħa b'wiċċ ruxxan li hemm wara l-bank tgħidilha li hi Jacqueline Delmas, ibbukkjat kamra għal ġimgħa. Fil-kamra hemm sodda fin-nofs u doċċa. Kollox spartan, bħalma kienu l-kmamar tal-lukandi f'pajjiżha meta kienet għadha żgħira. Nifisha maqtugħ u saqajha juġgħuha, timtedd fuq is-sodda bil-ħwejjeġ b'kollox, kemm tneħħi l-maktur. Issa torqod ftit, tinħasel u tilbes u torbot il-maktur. Taqbad il-basket mimli kotba stampati bl-irħis u terħilha lejn iċ-ċentru tal-belt, lejn il-pjazza fejn darba fis-sena jiltaqgħu l-poeti jaqraw għal ġimgħa sħiħa. Ikunu hemm, jixorbu l-inbid l-aħmar, ipejpu u jiddiskutu. U hi se tmur fuqhom, tistaqsihom qatt qrawx il-poeżiji ta' Stojan Kurepa, jgħidulha le u tagħtihom kopja kull wieħed: *Stojan Kurepa, Il-Poeżiji Miġbura.*

# L-eħrex jum tal-gwerra

Maurice Mifsud Bonnici

Meta faqqgħet il-gwerra mal-Italja, nhar it-Tlieta 11 ta' Ġunju 1940, jien kelli tlettax-il sena. Xahar nieqes ġimgħa wara għalaqt erbatax. Dak li għaddejt minnu f'dan l-ewwel jum ħajjarni biex nibda nżomm djarju tal-attakki fuq Malta u ta' kif għaxna fihom. Jien fhimt li dak li se naraw u se nġarrbu żgur li qatt ma rajnieh qabel. Ġurnata b'ġurnata bdejt nimlieh b'noti tal-attakki mill-ajru li kont nara minn fuq il-bejt tagħna ta' Ħal Lija, u b'dak ta' kif aħna għexniehom. Id-djarju ġie jħaddan fih 51 xahar: mill-11 ta' Ġunju 1940 sal-31 ta' Awwissu 1944. Id-djarju kont bnejtu b'dettalji fil-qosor u bħalissa qiegħed nespandi fuqhom u norqomhom, sakemm Alla jibqa' jagħtini l-memorja li biha nkun nista' nagħmel dan, u wara nkun nista' nippubblikahom.

Għandi l-ħsieb li nippubblika d-djarju tiegħi fi triloġija. L-ewwel ktieb ikopri mill-11 ta' Ġunju 1940 sal-31 ta' Diċembru 1941 li, jekk Alla jrid, nittama li nippubblikah din is-sena (2014), jew ftit wara. It-tieni ktieb jinkludi fih is-sena 1942 li fiha saru bosta attakki fuq Malta mill-għadu. L-aħħar ktieb jiġbor fih mis-sena 1943 sal-aħħar ta' Awwissu 1944 b'suppliment qasir miegħu. Dawn it-tnejn tal-aħħar nippubblikahom ukoll meta nlestihom wara xulxin.

Minn dak li għandi mniżżel u minn dak li ġarrabt, għażilt l-iktar jum li għalija huwa l-eħrex tal-gwerra – is-7 ta' April tas-sena 1942, u ta' din il-ġurnata se nagħti dak li għandi mniżżel fid-djarju tiegħi, mirqum kif lestejtu.

**It-Tlieta, 7 ta' April 1942**

Dal-lejl irqadna mill-inqas. Irnexxielna nisirqu siegħa rqad, iżda mhux tnejn. L-ewwel tnehida tas-sirena dal-jum smajnieha fis-1:35 ta' filgħodu; tista' tgħid kontinwazzjoni tal-aħħar allarm tal-bieraħ li spiċċa 22 minuta qabel. Kif daqq l-allarm tlajna niġru fuq il-bejt: Doris (ta' qabli), Mary (ta' warajja) u jien. Sibna lill-ħabib tagħna Maurice Catt ġa fuq il-bejt ta' fejnna, kif dejjem, bit-tromba f'idejh u bl-i*steel helmet* f'rasu. Kien il-ksieħ u ddiżappuntajna ruħna għax ma kien hemm xejn x'tara. Ir-*Raiders passed* daqq wara 34 minuta. Morna lura norqdu kif missierna, ommna u ħutna l-oħra ġew lura mix-xelter. Ippruvajna nisirqu nagħsa, iżda l-għadu reġa' magħna wara biss 46 minuta. Erġajna lbisna l-ġobba biex naraw x'kien qed jistenniena fuq il-bejt. Did-darba, milli jidher, kien vallapena tqum għaliex xi kwarta wara s-serċlajts xegħlu bi dritt Ilvant ikaxkru dwalhom mas-sema mixjin lejn il-Port il-Kbir ġo baraxx daqsxejn qawwi. Rajna bombi jisplodu fil-Port u fuq it-Tarzna. Mill-isplużjonijiet stajna nikkalkulaw, bl-għajnuna tat-tromba ta' Maurice, li kien hemm minn tnejn sa tliet ajruplani tal-għadu jattakkaw. L-ajru kien mudlam għax ma kienx hemm qamar qawwi, u s-serċlajts ma qabdu ebda ajruplan fid-dawl qawwi tagħhom.

Lanqas biss ma kienet għaddiet nofs siegħa meta s-serċlajts erġajna rajniehom mexjin minn fuq il-baħar għal fuq il-Port il-Kbir li, milli jidher, kien se jerġa' jkun attakkat. Rajna bombi jisplodu fil-Port iżda iktar fuq it-Tarzna. Minn kif splodew il-bombi stajna ngħidu li kien hemm iktar minn ajruplan tal-għadu wieħed, wisq probabbli tlieta, involuti. Ir-*Raiders passed* daqq fil-4:44 ta' filgħodu. F'dan ir-rejd ma kien hemm xejn spettakolari x'tara, u aħna, għajjiena kif konna, dħalna fis-sodda qabel li l-oħrajn laħqu fetħu l-bieb u daħlu ġewwa mix-xelter.

Is-sirena ngħat darb'oħra fis-6:24 ta' filgħodu. Dawn l-aħħar jumejn kellna tnax-il rejd f'kull waħda, u llum, milli jidher, m'aħniex se jkollna inqas. Dan ir-rejd però kien wieħed ta' ksir il-għajn li serva biss biex iqajjimna mis-sodda għaliex dam biss 29 minuta u xejn ma ġara fih. Doris issuġġeriet li ma nqumux jekk jerġa' jdoqq allarm ieħor, sakemm ma jibdewx jisparaw il-kanuni; u dak li għamilna meta 56 minuta wara daqq allarm ieħor. Missieri ma qabilx mad-deċiżjoni tagħna u ħeġġiġna biex inqumu u nkunu dejjem pronti ninżlu fix-xelter jekk naraw li riesaq il-periklu. Hu ta' spiss jipprova jipperswadina biex ninżlu fix-xelter mal-familja kollha.

Barra minn hekk hu ma qabilx mal-idea li nitilgħu fuq il-bejt biex naraw l-attakki ġaladarba dawn ir-rejdijiet saru perikolużi minn mindu l-Ġermaniżi

ġew fuq Malta. Waqt ir-rejdijiet Taljani kien jitla' magħna narawhom, għaliex kien jikkonsidrahom bla sogru li wieħed jarahom. Jien iżda nħoss li meta tkun qed tara dawn l-attakki ma tkunx qed tistrieħ fuq l-immaġinazzjoni tiegħek għal dak li jkun għaddej, bħalma tkun qed tagħmel fix-xelter. Fuq il-bejt tarahom jinħmew quddiemek! Iżda huwa veru wkoll li jien ma tantx kont konvint li jkollna ħin biżżejjed biex ninżlu fix-xelter barra mid-dar meta naraw il-periklu riesaq.

Kellna raġun nibqgħu fis-sodda għax il-kanuni qatt ma bdew jisparaw, u s-sirena daqqet li spiċċa kollox sittax-il minuta wara, fit-8:05 ta' filgħodu. Meta missieri ġie lura mix-xelter ma' ommi u ħuti Lina u Henriette ż-żgħira tal-familja, kollha mħaddla bin-ngħas, u meta ġie miegħi fis-sodda ta' bi tnejn, għidtlu li aħna ma konniex daqshekk boloh, wara kollox, li bqajna fis-sodda!

L-allarm ta' wara daqq fid-9:04 ta' filgħodu meta missieri kien ġa mar l-uffiċċju fit-tmienja. Meta daqq l-allarm aħna konna mqajmin, għax dak kien il-ħin li nqumu għall-kolazzjon ġaladarba l-iskejjel ta' ħuti u l-kulleġġ tiegħi kienu magħluqa. Ħuti Doris, Mary u jien tlajna fuq il-bejt biex naraw x'kien se jiġri. Maurice ġie fuq il-bejt ta' maġenbna ftit wara. Madwar l-għaxra nieqes kwart ta' filgħodu, erbatax-il *Ju88* bdew resqin fil-għoli għal fuq Ħal Lija mit-Tramuntana ta' Malta. Meta waslu fuq rasna aħna stkennejna fil-kamra tal-bejt u bqajna nħarsu mill-bieb, waqt li bdejna nisimgħu x-xrapnels mill-baraxx fuqna neżlin ivenvnu madwar il-kamra. Tnejn mill-*Ju88*ijiet iddajvjaw għal fuq Birkirkara u tefgħu l-bombi tagħhom lejn il-batterija ta' Fleur-de-Lys.

L-ajruplani l-oħra daru lura u waqt li kienu qed jiddajvjaw lejn l-ajrudrom ta' Ta' Qali, erbgħa minnhom kif għaddew minn fuq Ħal Lija, kull wieħed minnhom, spara dak li kien jidher bħal bomba-murtal. Kif sparaw dawn il-bombi speċjali stajna naraw li kull waħda minnhom kellha warajha ġamra nar ħamra b'daħna bajda warajha. Kif dawn il-bombi bdew iżidu fl-inżul tagħhom, bdew jagħmlu ħoss qawwi ta' tinwiħ, waqt li l-ajruplani l-oħra baqgħu jiddajvjaw għal ġol-baraxx li sadattant inġema' fuq Ta' Qali. Dawk l-ajruplani li tefgħu dawk il-bombi speċjali, daru għal fuq in-Naxxar, u l-oħrajn lejn Ħad-Dingli f'għoli ta' madwar 600 pied fi triqthom lejn Sqallija.

Waqt li kien għaddej dan kollu, għaddejna 'l fuq minn tmenin *Ju88* li bdew jattakkaw il-Port il-Kbir minn direzzjonijiet differenti, jiddajvjaw minn għoli ta' madwar 15,000 pied, iżda ma niżlux aktar baxx minn 5,000 pied, għalkemm il-baraxx ma kienx qawwi daqskemm normalment ikun, x'aktarx minħabba li l-kanuni kontra l-ajruplani kienu qed jiddefendu ż-żewġ obbjettivi fl-istess ħin – tattika li ajruplani Ġermaniżi bdew jużaw dan l-aħħar. Dan l-allarm dam sejjer sal-10:37 ta' filgħodu.

Il-Ġermaniżi ħallewna nieħdu l-ikel ta' nofsinhar bla ma ddisturbawna. Missieri u jien smajna l-Bullittin tal-Gwerra minn Ruma li fih irrappurtaw li numru ta' attivitajiet ta' bumbardamenti ġew magħmula lbieraħ fuq ajrudromi, bażijiet navali u batteriji ta' kanuni kontra l-ajruplani f'Malta segwiti b'azzjonijiet distruttivi. Qalu li f'taqbida fl-ajru l-Ingliżi tilfu *Spitfire*. Aħna ma rajna ebda *Spitfire* nieżel ħlief biex jillendja!

Il-ħabib tagħna Francis ġie d-dar kmieni wara nofsinhar u kien fil-ħin biex jara magħna r-rejd li għalih l-allarm daqq fis-2:05 ta' waranofsinhar. Wara madwar nofs siegħa ta' kwiet fl-ajru, issorprendejna ruħna naraw seba' formazzjonijiet ta' *Ju88* u waħda ta' *Ju87* (*Stukas*) jattakkaw fl-istess ħin il-Port il-Kbir, l-ajrudrom ta' Ħal Luqa u dak li bilkemm rajna fl-inħawi tal-batterija ta' Fleur-de-Lys, il-batteriji ta' Ħaż-Żebbuġ u ta' Tarġa Gap u dak li ssopponejna: il-kanuni ta' kontra l-ajruplani ta' Manoel Island (li ma tidhirx minn fuq il-bejt tagħna). Il-baraxxijiet kienu mifruxa f'ħafna postijiet fl-istess ħin bi skop biex kull baraxx ikun dgħajjef. Bis-saħħa ta' dan il-*Ju88*ijiet u l-i*Stukas* ħadu l-kunfidenza li jiddajvjaw iktar baxx mis-soltu.

Aħna qed nosservaw li l-i*Stukas* qed jiġu użati mill-inqas fl-attakki reċenti. Aħna nifhmu li dan isir għaliex mhumiex ħfief daqs il-*Ju88* u malajr jisfaw vittmi tal-i*Spitfires* u l-kanuni tagħna. L-ajru reġa' kkwieta u r-*Raiders passed* daqqet fit-3:20 ta' waranofsinhar. Dan skont il-kalkolu tagħna kien it-tieni l-ikbar attakk sa minn mindu l-Italja daħlet fil-gwerra. L-attakk l-ieħor ikbar minnu kien dak ta' nżul ix-xemx tal-20 ta' Marzu ta' din is-sena fuq Ta' Qali li fih ħadu sehem 'il fuq minn mitejn ajruplan tal-bombi.

Waqt li konna qed nieħdu t-te ma' Francis, allarm ieħor daqq fil-ħamsa nieqes kwart ta' filgħaxija. Aħna blajna t-te u l-erbgħa li konna tlajna niġru biex naraw ir-rejd. Maurice Catt kien ġa qiegħed fuq il-bejt ta' fejnna jistenna l-Ġermaniżi ġejjin. Iżda l-Ġermaniżi naqsu li jiġu u s-sirena werżqet it-tmiem tal-allarm fil-4:55 ta' waranofsinhar. Maurice qabeż iċ-ċint baxx tal-bejt u niżel magħna nkomplu nieħdu t-te flimkien. Ommi reġgħet imliet it-*tea-pot* bit-te sħun, ġabitilna biskuttini t'abbord u l-butir irrazzjonat, iżda 14-il minuta wara daqq allarm ieħor. Għat-tieni darba abbandunajna t-te u tlajna biex naraw il-'wirja', iżda dan l-allarm dam biss sbatax-il minuta u ma kien hemm xejn x'tara.

Erġajna nżilna nkomplu nieħdu t-te. Waqt li fit-*tea-pot* it-te kien għadu sħun bl-għata li kellu, it-te fil-kikkri kien kesaħ. Iżda aħna xorta xrobnieh u dak ukoll li kien fit-*tea-pot*. Barra minn hekk kilna wkoll il-biskuttelli t'abbord li kien għad fadal. Wara 29 minuta li daqq l-aħħar allarm, daqq allarm ieħor

fis-5:55 ta' waranofsinhar, u aħna ma ċċansjajna xejn u tlaqna lkoll għal fuq il-bejt waqt li missieri, ommi u ħuti l-oħra niżlu fix-xelter.

Il-Ġermaniżi did-darba ħaduha bis-serjetà. Meta kien riesaq l-għabex, ftit qabel is-sebgħa ta' filgħaxija, ġliba *dive bombers* Ġermaniżi, l-iktar *Ju88* u ftit *Ju87*, li aħna ma stajniex ngħoddu, iddajvjaw flimkien fuq il-Belt Valletta minn direzzjonijiet differenti jferrqu lil xulxin ġo baraxx folt bla ma wieħed jolqot lil ieħor. Kien ċar li dan l-attakk segwa pjan maħsub qabel b'ħafna reqqa biex ifarrku l-Belt qadima tagħna. Ringieli ta' bombi jisplodu f'daqqa u l-Belt kienet tidher imgeżwra ġo kutra tat-trab. Meta din imxiet minn fuq il-Belt bil-fewġa li kienet għaddejja, kienet tidher bħal sħaba mimlija xita. Dak il-ħin kien hemm dawl biżżejjed biex Maurice seta' jara bit-tromba tiegħu li l-bandiera l-ħamra ta' fuq Kastilja ma kinetx għadha f'postha. Kastilja bilfors intlaqtet kif intlaqtu bosta binjiet oħra tal-Belt. Il-kwiet li waqa' meta l-ajruplani tal-għadu daru lejn Sqallija fis-7:19 ta' qabel l-għabex, kien qisu l-ħemda ta' wara tempesta qalila tar-ragħad, kerha u mimlija biża'.

Dawn it-tliet allarmi tant kienu viċini ta' xulxin li wieħed jista' jqishom allarm wieħed li beda mill-4:45 sas-7:19 ta' filgħaxija. Jien ċert li dawn it-tliet allarmi li daqqu wara xulxin saru waqt li l-ajruplani tal-bombi kienu qegħdin jinġemgħu madwar Malta lesti biex jaħbtu għall-Belt fl-istess ħin minn direzzjonijiet differenti. Għalkemm aħna ma stajniex ngħoddu l-ajruplani Ġermaniżi li ħadu sehem f'dan l-attakk, mhux biss minħabba n-numru tagħhom u l-attakk tagħhom flimkien, imma wkoll minħabba l-baraxx tant dens li kien hemm fuq il-Belt waqt l-attakk, bl-esperjenza li ksibna biex ngħoddu l-ajruplani waqt attakk nistgħu liberament ngħidu li madwar 100 jew aħjar 150 ajruplan tal-bombi ħadu sehem. Dan barra l-ajruplani tal-ġlied li kellhom bħala skorta magħhom aktar fil-għoli minnhom. Dan l-attakk fuq il-Belt għażiża tagħna juri kemm il-Ġermaniżi għandhom ħdura lejn il-Maltin. Ta' min jinnota li l-allarm ta' qabel l-aħħar tlieta, li jien qist bħala allarm wieħed, kien l-elfejn allarm mill-bidu tal-attakki fuq Malta.

Francis mar id-dar wara l-aħħar rejd. Aħna lħaqna ċċenajna, u konna isfel nitkellmu fuq li rajna, meta smajna l-bieb iħabbat. Ġie Francis, l-iktar għalija, biex jgħidli l-aħbarijiet li ħa mingħand missieru, is-Sur Tur Zammit Cutajar, li kien il-Belt waqt l-attakk ta' ftit ilu. Kien fix-xelter taħt il-blat u qal li dan beda jitheżżeż bħal meta f'terremot. Hu qal li t-Teatru Rjal sefa' mġarraf kif ukoll it-torri ta' Kastilja, is-Suq tal-Belt, parti mill-Palazz tal-Gvernatur u l-Berġa ta' Franza. Din l-informazzjoni Francis tahieli, kif dejjem jagħmel, biex indaħħalha fid-djarju tiegħi tal-gwerra.

Francis laħaq telaq meta daqq allarm ieħor fit-8:27 ta' billejl. Kemm hu ikrah it-tnehid tas-sirena billejl! Titniehed il-ħruxija tal-gwerra. Meta se jieqfu dawn l-attakki? Verament li meta jieqfu dawn l-errejdijiet tieqaf magħhom l-avventura! Bħal dan l-allarm li dam 42 minuta u m'hawn xejn x'tirrapporta fuqu. Morna norqdu u jien poġġejt il-ġobba fuq is-siġġu ta' fejn is-sodda għal-lest.

Daqq allarm ieħor fl-10:29 ta' billejl. Doris u Mary baqgħu reqdin jistennew il-kanuni jisparaw. Jien għamilt bħalhom. Il-kanuni ma sparawx, daqqet is-sirena fil-ħdax u għaxra ta' billejl biex tgħidilna li l-ajruplani tal-għadu għaddew u bqajna reqdin. Għamilna l-istess meta daqq allarm ieħor fil-ħdax u nofs ta' billejl. Iżda did-darba sparaw il-kanuni u wara ftit konna fuq il-bejt. Fejn rajna filgħaxija llum, din il-wirja kienet fqira. Is-serċlajts bdew resqin minn fuq il-baħar bi dritt Tas-Sliema għal fuq il-Port il-Kbir b'baraxx miexi magħhom. Meta waslu fuq il-Port rajna jisplodu ringiela ta' erba' bombi mitfugħa minn ajruplan wieħed kif inkejlu aħna. Ma kien hemm xejn iktar x'tara u s-sirena daqqet it-tmiem tal-allarm f'nofsillejl u nofs u ħamsa. Għalkemm l-istorja tiegħi għal dil-ġurnata spiċċat hawn, ma naħsibx li se jkollna l-kumplament tal-lejl ħiemed.

Illum kienet ġurnata rekord għaliex ġew fuq Malta madwar 400 ajruplan tal-bombi: l-ikbar numru s'issa. Nistgħu liberament ngħidu li din kienet l-eħrex ġurnata tal-gwerra s'issa.

Illum kellna tnax-il allarm;
mis-1:35 am sas-2:09 am: xejn x'tirrapporta;
mit-2:55 am sal-4:44 am: irrappurtat hawn fuq;
mis-6:24 am sas-6:53 am: irrappurtat hawn fuq;
mit-7:49 am sat-8:05 am: xejn x'tirrapporta;
mid-9:04 am sal-10:37 am: irrappurtat hawn fuq;
mis-2:05 pm sat-3:20 pm: irrappurtat hawn fuq;
mill-4:45 pm sal-4:55 pm: xejn x'tirrapporta;
mill-5:09 pm sal-5:26 pm: xejn x'tirrapporta;
mis-5:55 pm sas-7:19 pm: irrappurtat hawn fuq;
mit-8:27 pm sad-9:09 pm: xejn x'tirrapporta;
mill-10:20 pm sal-11:10 pm: xejn x'tirrapporta;
mill-11:36 pm san-12:35 am: irrappurtat hawn fuq;
l-itwal allarm: siegħa u 49 minuta.

# Il-vażett tal-bewsiet

Rita Saliba

Mandolina kienet tistenna nhar ta' Sibt fuq ix-xwiek. Il-pupi kienet tkun poġġiethom f'posthom u ħwejjiġha tkun dendlithom mal-ispalliera. Tagħti l-aħħar titwila lejn kamritha u tinżel tiġri 'l isfel ħdejn il-bieb tal-ġnien.

Nhar ta' Sibt jiġi Twanny l-ġardinar u miegħu jġib lil Lumi. Hekk kien qalilha li jismu t-tifel ta' Twanny. U lilha kien isejħilha Mandolina. Kienet togħġobha dil-logħba tal-ismijiet. Lumi kien ikbar biċċa sew minnha u mit-tul kien kważi daqs missieru. U missieru kien iqabbdu jagħmillu xi biċċa xogħol fil-ġnien tagħhom; jgħinu jiġbor iz-zkuk li jkun ġabar jew inewwilu l-għodda. U Mandolina kienet tkun għassa għal dak il-mument ċkejken li tara lit-tfajjel wieqaf għal ftit u tmur tiġri ttaqtaq ħdejh.

"Qed tarah dak il-passaġġ?" kienet qaltlu, "dak li jagħti għal ġol-buqari? Hemmhekk meta kont iktar żgħira kont ngħaddi minnu u noqgħod bilqiegħda nilgħab bil-lapsijiet iż-żgħar. U kont ħaffirt ħofra u ħbejthom hemm. Trid tarahom?"

Lumi kien jimxi tul il-passaġġ magħha, kultant jitlajja u jieqaf biex jinkiha jew jagħmel passi ċkejknin biex juriha li jrid ilaħħaq magħha. U l-lapsijiet reġgħu ħarġuhom mill-ħofra. Kienu għadhom kif ħalliethom ġo landa tawwalija. U flimkien kienu jintasbu bilqiegħda bejn il-weraq bit-tifla ttaqtaq u tgħidlu li l-lapsijiet kienet tistħajjilhom qishom tfal mitlufin ġo ġnien. Imbagħad kienu jwaqqfuhom fuq xi kantun u jagħmluhom qishom qed jitkellmu ma' xulxin. Kien hemm it-twal, li dawk kienu jgħidulhom il-kbar, il-papajiet jew

il-mamajiet. Iz-zija kienet lapes lewn demm il-baqra. U lapsijiet ittimprati u qsajra kienu t-tfal mitlufin. Dawk kienu l-aktar li jieqfu mingħajr ma jaqgħu. Il-kbar kienu ta' spiss jinqalbu.

"Ara l-kbar se nibagħtuhom jorqdu, mela," kien qalilha darba waħda Lumi. "Moħħhom biex jimteddu!"

"Imma liz-zija nħalluha," qabżet Mandolina filwaqt li warrbet il-lapes ta' lewn demm il-baqra u poġġietu f'rokna. "Dik tħobbhom ħafna lit-tfal u jekk jingirfu fil-ħaxix tbusilhom saqajhom."

U qabel jitlaq Lumi, kienu jerġgħu jordmu lit-tfal, lill-kbar u liz-zija fil-landa tawwalija. Dik il-logħba kienet tagħhom biss, u ta' nhar ta' Sibt.

Imma biż-żmien Lumi beda jaħdem iżjed. Twanny kien iqabbdu bosta ħwejjeġ oħra. Daqqiet itellgħu ċint żgħir, daqqiet isewwu l-vaska jew il-kanali tal-ilma tul il-passaġġi. Mandolina kien ikollha tmur terġa' taqla' l-landa waħedha, toħroġ il-lapsijiet u tibda twaqqafhom. U erħilha ssawwar stejjer u vjaġġi u avventuri tat-tfal lapsijiet. Liz-zija kienet tħalliha tħares lejhom tiggustahom. Kellha l-kuluri kollha. Wieħed isfar kienet semmietu Lumi, u lapes ċkejken lewn il-qoxra tal-mandolin tatu l-isem ta' Mandolina. Lil dawn kienet tagħmilhom dejjem ħdejn xulxin u fejn imur wieħed tmur l-oħra.

Darba riedet lil Lumi jiġi jarahom. Kien qed jiżbor is-siġar taċ-ċitru ma' missieru. Ftit li xejn ta kasha u meta l-mamà bagħtitha biex tnewlilhom x'jixorbu bilkemm ħares lejha huwa u jgħid "grazzi".

"Trid tiġi tarahom lit-tfal?" staqsietu.

"Għandi x'nagħmel illum," qalilha medhi f'xogħlu, "la nlesti niġi."

"Ma tistax tiġi issa?"

"Ħallini ħa nkompli, inkella missieri jibda jgerger!"

It-tifla telqet tiġri lura miksura, u kif kienet għaddejja minn taħt is-siġra tal-mandolin tfixklet u waqgħet. Qamet bilqiegħda bid-dmugħ iġelben ma' ħaddejha. Irkoppitha kienet misluħa. It-tifel ġie jiġri ħdejha ftit inkwetat. B'xi mod ħass li kien tort tiegħu. Baqa' jħares lejha bla ma jaf x'jaqbad jagħmel. Imbagħad niżel ħdejha.

"Għax ma tmurx tlaħlaħha ftit bl-ilma?" staqsieha biex donnu jtaffilha ftit.

"Le!" newħet it-tifla, "ma jgħaddilix bl-ilma. Għax ma ttinix bewsa?"

Inħasad. Ħassu jistħi u għal mument infixel. Imbagħad qam minn fejn kien, iġġebbed u qata' mandolina.

"Hawn, kul din. Ġo fiha għandek issib bewsiet żgħar. Dawk inkun tajthomlok jien."

Mandolina tbissmitlu. Ħatfet il-frotta minn idejh u marret tikolha ġewwa fuq il-mejda tal-kċina minn fejn setgħet tarah jilħaq iz-zkuk fil-għoli. U xejn xejn tfittex il-bewsiet bil-kwiet. Bdiet tagħsar il-flieli tal-mandolin f'ħalqha. Imma fejnhom il-bewsiet? Iż-żerriegħa bdiet tobżoqha fuq il-mejda. Waħda, tnejn, tlieta... sakemm kien hemm tmien żerrigħat żgħar. Baqgħet tħares lejhom għal ftit u taħseb. Mela dawk kienu l-bewsiet! Ma riditx tarmihom. Sabet vażett tal-ħġieġ bl-għatu u għalqithom. Dawk tagħha biss u daħħlitha f'rasha li ġġemma' kemm tiflaħ minnhom.

Sibt wara l-ieħor kienet tistenna lil Lumi jieqaf ftit minn xogħlu, tmur tiġri ħdejh u tistaqsih jaqtgħalha mandolina. Tmur tikolha fil-kċina, tobżoq iż-żerriegħa fil-vażett u terġa' ssakkarhom. Biż-żmien Lumi beda jistħi jaqtgħalha l-mandolin. Kien iħares sew madwaru qabel jaqta' frotta, donnu qed jisraq.

"Ejja kemm se ddum?" kienet tkun fuq ix-xwiek it-tifla, "dik tagħna. Ħadd mhu se jgħidlek xejn."

Sibt minnhom ma ġiex. Mandolina ntasbet qalb il-buqari tilgħab bil-lapsijiet. Lil dak li semmietu Lumi poġġietu ħdejn ix-xtieli u lil Mandolina għamlitha tistenna ħdejh. Liz-zija ħallietha tħares lejhom mill-bogħod. Qattgħet in-nofstanhar tilgħab u toħlom.

Beda għaddej iż-żmien u t-tfajjel ma kienx jiġi dejjem jaħdem ma' missieru. Mandolina kienet tistaqsi għalih meta ma tarahx. Il-ġardinar kien dejjem iweġibha xott xott li t-tfajjel kellu x'jagħmel u jibqa' għaddej b'xogħlu. Kienet tixtieq tistaqsih mitt ħaġa. Imma x'kien ikun qed jagħmel? U forsi issa kien sab ma' min jilgħab? Minflok kienet tmur iġġib il-vażett tal-bewsiet, li kien sar aktar prezzjuż għaliha, u toqgħod tgħoddhom.

Kull tant żmien, meta Lumi kien jiġi jaħdem, kienet tarah itwal. U kienet tistaqsih jerġa' jaqtgħalha l-frott. Issa lanqas hi ma kienet għadha tilgħab bil-lapsijiet. Kienet saret kbira wisq biex tintasab bilqiegħda qalb il-buqari. Il-landa tal-lapsijiet ħallietha midfuna. Hemmhekk qegħdin fiż-żgur, kienet taħseb, mingħajr ma jtellifhom ħadd. U x-xmux tas-sajf kienu jnixxfu l-weraq u jballtu l-ħamrija u x-xtiewi jifqgħu l-art, imma Mandolina kienet isserraħ rasha li t-tfal lapsijiet ħadd ma kien se jsibhom.

Ġew xtiewi li waqqgħu l-weraq tal-ħawħa u ħallewha tistrieħ. Għaddew bosta rebbigħat bil-fjuri jiżbukkaw miz-zkuk tal-gladjoli u x-xogħol fil-ġnien ma kien jieqaf qatt. Lumi kien sar daqs missieru u ftit li xejn kellu moħħ il-logħob. Mandolina kienet tibqa' tħares lejh mit-tieqa tal-kċina sakemm jasal il-waqt li tistaqsih jaqtgħalha l-frotta. Għajnejhom kienu jiltaqgħu għal ftit, imbagħad hu kien ibaxxi rasu u jkompli b'xogħlu. Daqqiet kienet taħseb li

kien qed jiddejjaq li twaqqfu minn xogħlu u ma kienet tistaqsih xejn għal dik id-darba. Kienet tikkuntenta billi tmur iġġib il-vażett u toqgħod tgħodd il-bewsiet li ġemmgħet maż-żmien.

Staġun minnhom kienu spiċċaw il-buqari u ma kienx baqa' mandolin fis-siġra. Lumi ma ġiex iżjed ma' missieru. Twanny qalilha li l-ġuvni kien mar jaħdem ta' ġardinar f'villa barra mir-raħal. Mandolina baqgħet tisimgħu mbikkma. Ma kienx biżżejjed dal-ġnien? Diġà nsiehom il-passaġġi u l-logħob bit-tfal lapsijiet. U mhux se jerġa' jiġi jaqtgħalha l-mandolin meta s-siġra terġa' timtela frott? Iddejjaq? Imma hawn kellu biżżejjed x'jagħmel. Ma kienx jieqaf jaħdem. Kien iebes wisq ix-xogħol fil-ġnien tagħhom?

Bkiet iljieli sħaħ, bil-vażett tal-bewsiet imħaddan magħha. Talbet li terġa' tarah. Ma riditx toħroġ iktar fil-ġnien. Twanny l-ġardinar jekk irid iġib x'jixrob miegħu. Ma kilitx aktar frott. Kien sar iweġġgħalha l-istonku. U r-riħa taż-żahar kienet tistordiha.

Lejla minnhom semgħet ir-riħ u ttawlet barra għal fuq il-ġardina. Is-siġar bdew jitbandlu. Rathom jiddieħqu biha. Kienu jafu li kienet ittamat għalxejn. Xtaqet tisfidahom lura. Imbagħad ġieha ħsieb. Riedet tordom il-bewsiet biex żgur jibqgħu tagħha bħat-tfal lapsijiet. Niżlet fil-ġnien bil-vażett f'idejha. Ir-riħ kessħilha wiċċha, dar magħha biex ikompli mas-siġar skuri. Stħajlithom qed jgħadduha biż-żmien. Jgħidulha li jafu bil-wisq aktar sigrieti dwarha. Jafu fejn kienet ħbiet it-tfal lapsijiet.

"B'min mingħalikom qed tidħqu?" għajtet, "waħedkom m'intom xejn! Kellkom bżonn lil min jindukrakom. Ibqgħu hemm ankrati b'għeruqkom mal-art!"

Imma l-buffuri żdiedu u ċ-ċitru, u l-ħawħa u l-lewża riedu juru qawwithom. Xenglu l-friegħi. Ġegħluha tħossha żgħira. Bdiet tiġri fil-passaġġi biex tevita d-daqqiet. Ix-xitla tal-passjoni daret darbtejn m'għonqha u rat il-frott tal-mandolin nieżel b'sabta mal-art u jinfaqa'.

Is-siġar ħafnuha taħt idejhom. Riedu joħdulha l-vażett iżda hi żammitu marsus magħha. Ir-riħ kien kompliċi, għaqqdilha xagħarha quddiem għajnejha, kaxkarha. Il-vażett tal-bewsiet waqa' fl-art u l-ħġieġ tferrex f'elf biċċa. It-tfajla xtaqet tgħajjat lil Lumi. Kien żgur jiġi jerfagħha. Dawn riedu jweġġgħuha. Imma fejn hu? Bkiet u newħet imma r-riħ beda joħnoq il-karbiet tagħha. Forza b'saħħitha żammitha mal-art u ħasset saqajha jinġibdu ġol-ħamrija. Is-swaba' ta' jdejha ppruvaw jiggranfaw ma' xiex isibu iżda ħassithom nieżlin 'l isfel bħall-għeruq. Waqgħet dalma fuqha u l-irwiefen waqfu.

Il-ġnien għamel snin ma jinfetaħ. Kienu tħajru għalih koppja żagħżugħa, li t-tnejn kienu dilettanti tal-ġonna u l-pjanti. Meta ġew jarawh kien saħħarhom. Id-dar kienet antika u kienu semgħu ħafna stejjer dwarha. Imma dawn kienu kollha ħmerijiet. Bdew iduru fil-ħaxix ħażin li kien tela' maż-żmien u indunaw li bi ftit xogħol dal-ġnien seta' jinbidel f'ġawhra. It-tfajla lemħet is-siġra tal-mandolin, resqet lejha u ġġebbdet biex taqta' frotta. Il-qoxra tagħha kienet ħarxa u malli daqitha qarrset wiċċha.

"Kemm hi ħażina!"

"Ma jimpurtax," weġibha l-ġuvni, "inqaċċtuha! Inħawlu xi ħaġa oħra minflokha."

Id-dar inxtrat, il-ġnien reġa' sab ruħu indukrat. Ixxettlu ward u sardinell fil-ħwat. Is-siġar inżabru u tħawlu oħrajn. Iżda l-ebda siġra ma ħadet post is-siġra tal-mandolin li kien hemm qabel.

# Pjanu

Trevor Żahra

Meta l-ministru qata' ż-żigarella tad-dar il-ġdida tax-xjuħ, kulħadd qal li kienet qisha lukanda ta' ħames stilel. Imbagħad ġimgħa wara waslu x-xjuħ u l-istilel bdew jintfew waħda, waħda.

Lis-Sur Pawl tawh kamra mbajda minn lewn il-ġilda tat-trabi u hekk kif daħal fiha sab kollox jistennieh bil-ħerqa.

"Ħares lil hawn," qaltlu l-buttuna l-ħamra ta' ħdejn is-sodda, "jiena se nieħu ħsiebek. Jekk billejl tibda taqta' nifsek, jew tħoss uġigħ fuq sidrek, jew taqa' bejn is-sodda u l-komodina ... tinkwieta xejn. Jiena nwassallek l-għajnuna minnufih. Għax taf inti ... issa m'għadekx żgħir u llum jew għada se taqta' nifsek jew tħoss dak l-uġigħ fuq sidrek jew taqa' u tikser il-pelvis. Inevitabbli Sur Pawl."

Malli daħal fil-kamra tal-banju sejħitlu l-ħadida tan-*nickel* sporġuta 'l barra ħdejn il-vaska tat-*toilet*.

"Żomm miegħi int u tinżel u int u tqum. Tabbużax. Hawn ġew m'hawnx dik il-buttuna l-ħamra biex tidħol għalik. Jiena biss il-bastun tiegħek. Inwieżnek tibżax. Imma tippruvax tkun prużuntuż u twarrabni. Saqajk m'għadhomx li kienu ... u taf int ... illum jew għada ..."

Sejħulu l-ħafna buttuni li bihom seta' jtella' u jniżżel is-sodda, jitfi u jixgħel l-arja kkondizzjonata, is-sett tat-televiżjoni, il-persjani awtomatiċi ta' mat-tieqa. Ilkoll sejħulu f'quċċija siekta biex jagħżel lilhom u jfittex jippruvahom. Imma s-Sur Pawl ma tax kashom. Resaq iċeqlem lejn it-tieqa u tawwal ħarstu lejn il-ġnien. Vaska ovali fin-nofs, sardinell, stefanotis, puttosporum mal-passaġġi

... u bankijiet. Kollha vojta. Ix-xjuħ donnhom kienu jibżgħu mir-rebbiegħa tal-ġnien. Kienu jippreferu s-sala kbira tad-dħul fejn kulħadd kellu l-pultruna tiegħu u territorju ta' żewġ piedi kwadru. Għax hemmhekk, f'dik il-ħajta dlam u dawl kienu jintilfu jħarsu lejn l-inkwatri bir-ritratti tal-pixkerija meta kienet għadha maħkuma mill-ħarsa tal-ġgant, u ta' Għar id-Dud bix-xalè mimli baħrin u rġiel bil-kpiepel tat-trizza. Minn fuq il-pultruna fidila tagħhom kienu jintilfu jiżfnu ċ-*charleston* u l-*foxtrot* u jrossu magħhom it-tfajliet bil-kpiepel b'nofs falda maqluba 'l isfel.

Lejla waħda, meta s-Sur Pawl mar jintasab bilqiegħda bħas-soltu quddiem ir-ritratt tat-Teatru Rjal, intebaħ li f'nofs is-sala tad-dħul kienu ġabu pjanu. Bilfors poġġewh hemm matul il-jum, jew wara nofsinhar waqt li hu kien qed jieħu nagħsa. Pjanu *babygrand,* iswed u jleqq daqs żiemel tat-tiġrija. *Zimmermann.* U waqt li ffissa ħarstu lejn it-Teatru Rjal rasu 'l isfel fuq wiċċ il-pjanu, ftakar kemm f'żgħożitu kien qatta' sigħat quddiem il-pjanu li kellhom id-dar, mill-*grade-one* sad-diploma; mill-*Anna Magdalena Notebook* sal-*Arabesque* ta' Schumann; u kemm kien xtaq li xi darba jkollu *babygrand* preċiżament bħal dak, minflok il-*Bentley* li kien xtralu missieru. Imbagħad is-Sur Pawl ħares lejn is-swaba' ta' jdejh, mgħawġin u mimlijin għekiesi, jirtogħdu aktar mit-tremelo fil-*Pathetique* ta' Beethoven. Dari kien jinsa d-dinja kollha fuq il-banketta tal-pjanu! Kellu ambizzjonijiet kbar dik il-ħabta. Kien joħlom li għad ikun kemxejn inqas minn Rubinstein u Rachmaninov. Imma ftit wara d-diploma daħlu f'ħajtu t-tfajliet bil-*pencil skirts* u l-*Peter Pan collars*, u l-għatu tal-*Bentley* stabat darba għal dejjem u baqa' magħluq.

Qam bil-lajma u telaq iterraq il-mogħdija mwiegħra li minn fuq il-pultruna twassal sa ħdejn il-pjanu. Waqaf jitriegħed maġenbu u ntilef imellislu l-wiċċ illustrat. Tgħid jiftħu? Tgħid ipoġġi bilqiegħda fuq il-banketta? Imma mar-rifless tat-teatru, lemaħ dak ta' subgħajh ... għeruq ta' ħarruba ... saqajn ta' serduq! U telaq għall-wens ta' dik il-kamra minn lewn il-ġilda tat-trabi.

Mal-lejl ħolom bil-preludji ta' Chopin, bl-*Allegro* ta' Clementi u l-*Valse Romantique* ta' Debussy. U l-għada filgħodu, minflok jitnikker f'kamartu, ġera lejn is-sala tad-dħul u mar jintasab quddiem iż-*Zimmermann.* Tgħid kien biħsiebhom jorganizzawlhom xi kunċert? Iġibulhom xi żewġ studenti żgħażagħ li għadhom joħolmu huma wkoll bit-tlielaq ma' Rubinstein? Reġa' qam minn fuq il-pultruna u resaq lejn il-pjanu. Tgħid jiftħu? Tgħid jurihom li minkejja l-għeruq tal-ħarruba, ruħu kienet għadha tenera daqs il-weraq bikri ta' Frar? U jekk jaqa' għaċ-ċajt? Jekk subgħajh jeħlulu fl-ottava tan-nofs?

Reġa' telaq lejn kamartu b'rasu mgħaddsa lejn l-art u billejl reġa' nħakem mill-ħolm. U hekk beda jqatta' jum wara jum, minsub quddiem il-*babygrand* iswed leqqien. Elf darba subgħajh ġrew lejn l-għatu magħluq tat-tastiera b'kilba kbira li jiftħu, u elf darba reġa' lura u ħalla kollox kif kien. Minn fuq il-pultruna sagra tiegħu, biswit l-inkwatru tat-Teatru Rjal, kien iqatta' n-nofstanhari jħares lejn iż-żatat skifuż li kien ġie jinvadilu l-paċi ta' ruħu b'sonata ta' tifkiriet li mingħalih kienu qabdu l-*fuga* u għebu. X'ġabuh jagħmel hemm dak l-inkejjuż mudlam?

F'nofs ta' lejl qam maħsud, mikul mill-ħolm. Għarqan xraba. Ma jistax ikun jibqa' jħalli lil min jitturmentalu l-iljieli u l-jiem li kien fadallu. Għafas il-buttuna l-ħadra, is-sodda qajmitu bilqiegħda, xeħet ġagaga fuqu u rħielha lejn is-sala tad-dħul. Minkejja s-swidija kollha tiegħu, fid-dawl bati tal-kurituri, iż-*Zimmermann* deher grandjuż daqs pjanu tal-kunċerti. Mexa lejh b'pass determinat, intelaq bilqiegħda fuq il-banketta u subgħajh ġrew lejn l-għatu tat-tastiera. Ipprova jiftħu. Ħassu iebes wisq. Tah skoss akbar. Kollu ta' xejn. Il-pjanu kien maqful biċ-ċavetta. Qam bi tregħida minn fuq il-banketta u għolla l-għatu l-kbir. Il-pjanu kien bla kordi. Vojt.

Is-Sur Pawl m'għadux imur iqatta' l-ħin fuq il-pultruna tiegħu. Qed jinżel fil-ġnien qalb is-sardinell u l-puttosporum. Il-*babygrand* għadu hemm b'sabru f'nofs is-sala tad-dħul; kaxxa battala sewdinija tistenna arpa ... bħal tebut vojt jistenna katavru.

# TRADUZZJONIJIET

# Il-Ħalliel

ta' Guy de Maupassant

miġjuba għall-Malti
minn Toni Aquilina

"Issa ladarba qed ngħidilkom jien li ma titwemminx."

"U inti għidha xorta waħda."

"Bil-qalb kollha. Iżda l-ewwel u qabel kollox inħoss il-bżonn naċċertakom li, ma titwemminx kemm ma titwemminx, l-istorja tiegħi hija minnha mill-bidu sal-aħħar. Il-pitturi biss ma jistagħġbu b'xejn, speċjalment dawk xjuħ midħla ta' dik l-epoka mimlija ċajt goff, epoka li fiha l-ispirtu tal-ħlieqa kien tant prevalenti li baqa' jossessjonana fl-aktar ċirkostanzi gravi."

U l-artist xwejjaħ dawwar siġġu u ntasab fuqu qisu rikeb xi żiemel.

Dan ġara fil-kamra tal-ikel ġo lukanda f'Barbizon.[1]

Hu kompla fejn ħalla:

*

Mela dik il-lejla konna morna nieklu għand il-povru Sorieul, illum mejjet, l-aktar wieħed fanatiku fostna. Tlieta kulma konna: Sorieul, jiena u Le Poittevin, jidhirli; iżda ma nazzardax ngħid fiż-żgur li kien hu. Qed nirreferi, naturalment, għall-pittur marittimu Eugène Le Poittevin, mejjet huwa wkoll, u mhux għall-pajsaġġista li għadu mimli bil-għomor u bit-talent.

Meta ngħid kilna għand Sorieul, ifisser li konna tista' tgħid fis-sakra. Le Poittevin biss kien għadu f'sikktu, xi ftit imlaħlaħ veru, imma moħħu kien għadu ċar. Aħna dak iż-żmien konna għadna żgħażagħ fuq tagħna. Mimdudin mal-art fuq it-twapet erħilna ntaqtqu b'mod stravaganti ġon-nitfa ta' kamra tas-sodda li tmiss mal-istudju. Sorieul, dahru mal-art u b'saqajh iserrħu fuq siġġu, kien

qed jitkellem fuq battalja waħda wara l-oħra, ipaċpaċ fuq l-uniformijiet ta' żmien l-Imperu,[2] meta f'salt wieħed qam, mar jieħu tunika kompluta ta' ussar mill-armadju kbir li kellu mimli bl-aċċessorji, u libisha. Wara huwa insista ma' Le Poittevin biex jilbes ta' grenadier. U billi dan tal-aħħar irreżista, aħna ħtafnieh taħt idejna, u wara li neżżajnieh, deffisnielu uniformi daqsiex li deher jinbela' ġo fiha.

Jiena ttravestejt ruħi f'kurazzier. U Sorieul ġagħalni nesegwixxi manuvra kkumplikata. Imbagħad sklama: "Ladarba llejla qed nagħmluha ta' veterani tal-gwerra, ejja nixorbu bħall-veterani."

Kebbisna ponċ, li nbala' f'kemm ilni ngħidlek; imbagħad il-fjamma għoliet għat-tieni darba taħt il-bieqja mimlija bir-rum. U aħna erħilna nkantaw b'ħanġra daqsiex għanjiet qodma li dari kienu jħanxru s-suldati xjuħ għakka tal-armata l-kbira, il-*Grande Armée*.[3]

F'daqqa waħda Le Poittevin, li minkejja kollox baqa' kważi f'sensih, sikkitna; imbagħad, wara ftit waqtiet ta' skiet, qal b'leħen baxx: "Smajt il-passi ta' xi ħadd fl-istudju, m'għandix dubju." Sorieul qam kif seta', u sklama: "Ħalliel! Xortina tajba!" Imbagħad hu dment intona l-*Marseillaise*:[4]

*Aux armes, citoyens!* / Aqbdu l-armi, ċittadini!

U hu, b'ġirja lejn salt trofej tal-gwerra, armana skont l-uniformijiet li kellna fuqna. Lili messni azzarin u xabla tal-kavallerija; lil Le Poittevin, xkubetta enormi bil-bajjunetta; u, Sorieul, billi ma sabx dak li suppost, qabad pistola minn stoċċha, żellaqha ġo ħżiemu, u qagħad ixejjer quddiemu mannara tar-rambaġġ. Imbagħad fetaħ bil-galbu l-bieb tal-istudju, u l-armata rifset fit-territorju dgħuli.

Xħin konna f'dik il-wesgħa ta' kamra ingumbrata b'kull tila daqsiex, b'għamajjar u b'affarijiet partikulari li ma tistennihomx, Sorieul qalilna: "Qed ninnomina lili nnifsi ġeneral. Ejja nlaqqgħu kunsill tal-gwerra. Inti, il-kurazziera, sa timblokka l-irtirata tal-għadu, jiġifieri tagħti tidwira ċ-ċavetta ġol-bieb. U inti, il-grenadiera, sa teskorta lili."

Esegwejt il-manuvra li amarli; imbagħad, ingħaqadt mal-qalba tat-truppi li kienu f'operazzjoni ta' tkixxif.

Fil-mument li fih kont sejjer nilħaqhom, wara paraventu, instemgħet tisbita żul minn hemm. Inxtħett 'il quddiem b'xemgħa f'idi l-ħin kollu. Le Poittevin kien għadu kemm nifed b'daqqa ta' bajjunetta sider manikin b'rasu maqsuma tnejn bid-daqqiet ta' mannara li tah Sorieul. Darba induna bl-iżball, il-ġeneral ordna: "Ara li nkunu prudenti," u reġa' ngħata bidu għall-operazzjonijiet militari.

Konna ilna tal-anqas għoxrin minuta nfittxu f'kull rokna u rkejna tal-istudju bla riżultat ta' xejn, xħin Le Poittevin ġieh f'moħħu jiftaħ armarju daqsiex ġewwa

l-ħajt. Kien fond u mudlam; tawwalt driegħi quddiemi bid-dawl f'idi, u nġbidt miblugħ lura; kien hemm raġel qed iħares lejja, raġel tad-demm u l-laħam.

Jien erġajt għalaqt l-armarju minnufih, tajtu żewġ dawriet biċ-ċavetta u rġajna kkonsultajna bejnietna.

Kien hemm fehmiet diverġenti ħafna. Sorieul ried joħroġ lill-ħalliel minn hemm ġew bit-tfigħ tad-duħħan; Le Poittevin semma l-ġuħ bħala mezz biex jinqabad. Jien ipproponejt nitfgħu l-armarju ġewwa bil-porvli.

Rebħet il-fehma ta' Le Poittevin; u, waqt li hu qagħad għassa bl-ixkubetta l-kbira tiegħu f'idu, aħna morna nġibu dak li kien għad baqa' mill-ponċ, kif ukoll il-pipi; wara ntasabna quddiem il-bieb maqful u xrobna bis-saħħa tal-priġunier.

Wara xi nofs siegħa, Sorieul qabeż u qal: "Ma jimpurtanix, jien irrid narah sew u mill-qrib. Tridux naqbżu fuqu u nżommuh bil-forza?"

"M'hawnx għalik!" għajjatt jien. Kull wieħed minna ħataf l-armi tiegħu; infetaħ l-armarju, u Sorieul, armat bil-pistola mhix ikkargata, kien l-ewwel wieħed li daħal bilġri għal fuqu ġewwa.

Aħna dħalna warajh ngħajtu kemm nifilħu. Għamilna frattarija sħiħa fid-dlam; u wara taqbida ta' ħames minuti li ma titwemminx, ħriġna lura fid-dawl bi speċi ta' żbandut xiħ magħna, b'xagħru abjad, maħmuġ u mċerċer.

Irbatnielu jdejh u saqajh, imbagħad qegħednieh bilqiegħda fuq pultruna. Hu ma lissinx kelma waħda.

Allura Sorieul, f'sakra ma jarax art, dar lejna:

"Issa, dal-miżerabbli aħna sa nagħmlu ħaqq minnu."

Jien tant kien beda jagħmel bija x-xorb li dil-proposta deherli kienet għalkollox naturali.

Le Poittevin tqabbad jieħu f'idejh id-difiża u jien insostni l-akkuża.

Inqatgħetlu għall-mewt b'vot unanimu barra wieħed, dak tad-difensur tiegħu.

"Aħna sejrin niġġustizzjawh," qal Sorieul. Iżda ġieh skruplu wieħed: "Dar-raġel m'għandux imut imċaħħad mill-assistenza spiritwali. Tridux naraw inġibulux qassis?" Jien oġġezzjonajt għax kien sar il-ħin. Għalhekk Sorieul ippropona lili biex nagħmilha jien ta' qassis; u ħeġġeġ lill-ħati biex iqerr għandi.

Ir-raġel kien ilu ħames minuti jaqleb għajnejh imwerwrin bil-biża', jistaqsi lilu nnifsu ma' liema tip ta' nies kien qed idendel kusu. Allura hu lissen b'leħen ħawi, maħruq bix-xorb: "Dan żgur biex titmejlu." Iżda Sorieul niżżlu għarkupptejh b'saħħa, u li ma jmurx allaħares qatt il-ġenituri tiegħu ħallewh mingħajr magħmudija, qabad u ferragħlu tazza rum fuq il-qorriegħa.

Imbagħad qallu:

"Qerr għand is-Sinjur; l-aħħar siegħa tiegħek daqqitlek."

Imwerwer kif kien, ix-xwejjaħ banavolja qabad jgħajjat għall-ajjut b'tant forza li ġejna kostretti nsoddulu ħalqu biex ma jqajjimx lill-ġirien kollha. Hawn hu nxteħet jitgerbeb mal-art, joqmos u jitkagħweġ, jaqleb l-għamajjar, u jifqa' kemm-il tila kien hemm. Fl-aħħar, Sorieul, li kien tilef sabru, għajjat: "Ejja neħilsuha." U huwa u jieħu l-mira lejn il-povru stendut mal-art, għafas il-grillu. Il-martell niżel xott xott b'naqra ta' ċekċika. Billi l-eżempju jkaxkar sparajt jiena wkoll. Mill-azzarin tiegħi, li kien wieħed taż-żnied, taret xrara li ħasditni.

Hawnhekk Le Poittevin b'ton serju lissen dawn il-kelmiet:

"Aħna żguri li għandna dritt inneħħulu ħajtu 'l dar-raġel?"

Sorieul, miblugħ, wieġeb: "La qtajnihielu għall-mewt, ngħid jien!"

Iżda Le Poittevin fenda mill-ġdid: "Afli nies ċivili ma jiġux iffuċillati; lil dan irridu ngħadduh lill-bojja. Jeħtieġ noħduh l-għassa."

Dehrilna ma kienx hemm fejn wieħed jargumenta iżjed. Ir-raġel inġabar mill-art, u billi ma setax jimxi, tqiegħed fuq tavla ta' mejda għad-disinn, irbatnieh waħda sew u ġarrejnieh jien u Le Poittevin, b'Sorieul jagħlaq il-filliera, armat sa snienu.

Quddiem l-għassa ġie jwaqqafna s-sentinella. Dan bagħat għall-kap tiegħu, li għarafna, u billi ma kienx jgħaddi jum li ma jkunx xhud tal-fares li nagħmlu, tat-tinbix ta' bejnietna, u l-ħmerijiet ma jitwemmnux li noħorġu bihom, kulma għamel daħak u 'l-priġunier m'aċċettahx.

Sorieul baqa' jinsisti: allura s-suldat stedinna ċar u tond biex immorru lura d-dar u ma nagħmlux storbju.

It-truppa reġgħet qabdet triqitha lura u reġgħet daħlet fl-istudju. Jien għamilt mistoqsija: "Il-ħalliel x'se nagħmlu bih?"

Le Poittevin, li beda jħenn għalih, semma li r-raġel bilfors kien qed iħossu għajjien mejjet. Fil-fatt, miżmum ħalqu misdud u marbut fuq it-tavla kif kien, hu kellu bixra ta' wieħed qed imut.

Kien imiss lili nħoss ħniena kbira għalih, ħniena ta' wieħed fis-sakra, u waqt li neħħejtlu l-biċċa ċarruta minn ġo ħalqu, staqsejtu:

"Haw', kif int, povru xwejjaħ?"

Huwa u jokrob qalli: "Ħaqq ismi, ma niflaħx aktar!" Hawn Sorieul beda jġib ruħu qisu missier. Ħelsu mill-irbit kollu, qiegħdu bilqiegħda, kellmu bħal wieħed ta' ġewwa, u biex inġibuh lura f'tiegħu, it-tlieta li aħna qbadna nħejju malajr kemm jista' jkun ponċ ieħor. Il-ħalliel, sielem fil-pultruna tiegħu, qagħad iħares lejna. Xħin tlestiet ix-xarba, għaddejnielu tazza; sa nżommulu rasu konna lesti nagħmlu biex jixrob magħna; u ċekċikna t-tazzi.

Il-priġunier legleg kemm jiflaħ jixrob riġment. Iżda, billi kien qed ifeġġ dawl is-sebħ, hu qam, u bil-kalma kollha qalilna: "Se jkolli nħallikom, għax jeħtieġli nidħol lura d-dar."

Aħna sogħobbina; ridna nżommuh, iżda hu ma riedx jibqa' aktar.

Allura ħadna b'idejn xulxin, u Sorieul, bix-xemgħa tiegħu f'idu wera d-dawl fl-intrata, huwa u jgħolli leħnu: "Ħu ħsieb l-għatba ta' taħt l-arkata tal-bieb ta' barra."

*

Tgħidx kemm daħku ta' madwar il-ħarrief. Hu qam, xegħel il-pipa, u żied jgħid huwa u jieqaf sew fuq saqajh quddiemna:

"L-aktar ħaġa tad-daħk, imma, fl-istorja tiegħi hi li hija minnha."

Maufrigneuse
*Gil Blas* 21 ta' Ġunju 1882

**Noti**

1 Raħal fit-trufijiet oċċidentali tal-Foresta ta' Fontainebleau fin-Nofsinhar ta' Pariġi. F'nofs is-seklu dsatax Barbizon sar magħruf għall-*iskola* ta' numru mdaqqas ta' artisti, fosthom Corot, Troyon, Millet u Daubigny, li rribellaw kontra r-Romantiċiżmu tal-ħabba gods u riedu jirritornaw għar-realiżmu u s-sinċerità fl-arti.

2 Ir-referenza hawn hija għall-Ewwel Imperu, jiġifieri dak ta' Napuljun I.

3 Jiġifieri l-armata ta' veterani li magħhom Napuljun rebaħ il-battalji tiegħu, u li l-biċċa l-kbira minnhom tilfu ħajjithom fl-irtirata minn Moska fl-1812.

4 L-innu nazzjonali Franċiż, miktub u mmużikat f'April tal-1792 fi Strasburgu mill-uffiċjal żagħżugħ C. J. Rouget de Lisle.

# Salvu tal-Pasturi

ta' Francis Ebejer

Maqluba għall-Malti
minn Steve Borg[1]

Tista' ssejjaħ il-biċċa xogħol li qabbduni bħala ġennata. Għalija dehret ħela ta' ħin – għall-inqas hekk ħsibt fil-bidu. Kienet is-sena 1960 u jien kont għadni ħalib ommi fi snieni, qalbi tajba, fidil, bla ħażen ta' xejn…

Biex ma ntawwalx, kont qiegħed fuq il-vapur naqsam lejn Għawdex, b'żiffa ħelwa għaddejja minn ma' rdumijiet Kemmunin, għalkemm ma nistgħux ngħidu li l-baħar bejn il-fliegu kien imħarrek.

Ma konniex ngħoddu aktar minn sitt passiġġieri abbord; il-ħaddiema Għawdxin li jaħdmu Malta ma jaqsmux lura lejn gżirithom qabel il-Ġimgħa filgħaxija.

Kien hemm koppja Skandinava, bir-raġel jiġbed ritratt wara l-ieħor tar-rima mqanqla mill-vapur, b'martu maġenbu; mara ħoxna Maltija b'qafas tal-qasab mgħotti b'ċarruta ċċangjata li xi drabi bdiet titħarrek xi ftit – wisq probabbli minn xi fniek; qassis jaqra l-brevjarju waqt li jistrieħ fuq il-ħadid tal-ġnub iżaqżaq; żewġ tfajliet b'għajnejn somor jitkellmu u jidħqu bil-qalb f'nofs din iż-żiffa ħelwa Mediterranja.

Hekk kif il-lejl ta' qabel kont se nispiċċa mix-xogħol, sejjaħli s-Sur Telesforu Bonello biex immur fl-uffiċċju tiegħu, li qiegħed wara l-lift ewlieni tal-lukanda, u qalli:

"Għada filgħodu rridek taqsam mal-ewwel vapur lejn Għawdex."

1 Mitbugħa bl-Ingliż fil-ktieb *For Rożina…a husband and other Malta stories* (1990).

"Mela le, Sur" — weġibtu, mingħajr tlaqliq. Kien hemm pawsa. Bqajt sieket.

"Jiena ċert li inti smajt b'Salvu tar-Rabat li jagħmel il-pasturi tat-tafal," — kompla.

"Ma naħsibx..." — bdejt ngħidlu.

"Hu x'inhu," — waqqafni. "Mur ir-Rabat u staqsi għal dan ix-xifajk Salvu tal-Pasturi. Fhimtni? F'Għawdex magħruf sew."

"Tajjeb ferm, Sur." — Pawsa oħra. Għamilt biex noħroġ mill-uffiċċju.

"Għadni ma spiċċajtx, ja nofs ras," — għajjat f'nofs is-sentimenti ta' moħħi.

F'ġieħ is-sewwa jkolli nistqarr illi dan l-aħħar tgħidx kemm kellu inkwiet bil-proġett tat-tielet lukanda tiegħu, għaliex waqt it-tqattigħ għall-pedamenti tagħha, instabu fdalijiet Puniċi u l-Mużew Nazzjonali qabżu fuqu u waqqfu x-xogħol kollu tal-bini.

"Insomma, ħu din il-lira u mur għand dan it-tali u ixtri biha b'kemm tista' mill-qaħbeċ pasturi tiegħu."

"Iva, Sur," — weġibtu, waqt li ħadt il-lira.

Hekk kif wasalt ħdejn il-bieb, kompla jgħidli:

"Tal-103 semgħu bih u l-mara trid il-lott kollu."

Ħarist lejn il-karta tal-lira f'idejja.

"Int qiegħed tgħidli li trid b'lira pasturi?" — azzardajt nistaqsih.

"Iva. U ara li ma jaħdmikx; int taf l-Għawdxin kemm jilħqilhom. U tiddawwarx. Irridek hawn wara nofsinhar għaliex dawn se jsiefru għada billejl."

"Min?"

"Tal-103! Min l-imniegħel ħsibt? Issa dabbar rasek."

It-traġitt minn Malta għal Għawdex jieħu aktar minn nofs siegħa u l-Imperial Eagle – isem grandjuż għal biċċa żgħira tal-baħar – fl-aħħar trakka mal-moll tal-Imġarr. Sejjaħt taksi. Li kieku ridt stajt qbadt tal-linja għar-Rabat, iżda kont bil-bajda mdawra u, biex nikkonsla ftit, deherli li kien jixraqli nasal paxxut, spejjeż għal dak il-qanżħa Telesforu!

Huwa minnu li kull ma jien biċċa ħaddiem innewwel iċ-ċwievet u nwieġeb it-telefonati, student li weħel fl-ewwel sena ta' studju fl-università, iżda naf inħaddem rasi, jekk qed tifhem xi rrid ngħid.

Apparti kollox, lil Salvu tal-Pasturi sibtu bla taħbit ta' xejn. Ix-xufier tat-taksi kien jiġi minnu, xi kuġin jew sekond kuġin ta' ħu tar-rispett ta' silf Salvu. Ftit wara, hekk kif serripna mat-toroq dojoq tal-belt Medjevali tar-Rabat, għaddejna minn taħt ħnejja għal ġo pjazzetta, fejn fil-kantuniera kien jinsab il-ħanut ta' dan ix-xiħ. Il-ħanut kont tasal għalih billi titla' taraġ imbajjad u li kien imżejjen bil-qsari tal-ġeranju.

Tlajt it-taraġ u froqt il-purtiera taż-żibeġ. Leħen baxx talabni, sabiex, jekk jogħġobni, nidħol. Il-ħanut kien mudlam iżda, wara li ħlist mid-dija qawwija tax-xemx, stajt nilmaħ fejn kien qiegħed. Kien magħmul żgħir, mgħawweġ minn spallejh u deher mgħobbi biż-żmien, dak it-tip li tistennieh ikun mitfugħ jistrieħ fuq xi pultruna.

Mhux dar-raġel. Kien wieqaf f'nofs il-kamra, iżomm pastur tat-tafal 'il fuq, ħalli jarah f'raġġ ta' dawl tax-xemx li kien dieħel mit-twejqa imbarrata. U b'ċerta ħila jlewnu.

Deher ferħan se jtir bija. Għidtlu x'qadja ridt nagħmel għandu, iżda hu kien diġà beda jdawwarni madwar il-kamra u l-ixkafef mimlija.

"Arahom bil-kwiet, u ħu ħinek," — qalli.

Il-pasturi kienu ta' għadd ta' qisien, iżda ma kinux iżgħar minn żewġ pulzieri u akbar minn sitta. Kellu sajjieda daqnin bix-xbieki; kaċċaturi bil-klieb; nisa tal-bajd, tal-fjuri, ħassiela, bejjiegħa tal-ħut, taż-żebbuġ u l-kappar libsin dbielet kbar u bi qfief fuq rashom; nutara mgħaddmin bi kpiepel kbar suwed; surmastrijiet b'mustaċċi mdendlin iħarsu biċ-ċiera; qassisin qargħin bi wċuħ devoti u mżaqqin; ħafna qaddisin; anġli f'kull qagħda (xi ftit weqfin; oħrajn kellhom grampun żgħir imdaħħal ġo daharhom ħalli jkunu jistgħu jiddendlu); ballerini mżejna bi lbies ilaħħaq sal-għekiesi u bi wċuħ tassew sbieħ; u għadd ta' qisien u qagħdiet tal-ibleh nazzjonali, il-mitiku Ġaħan. Kien hemm sewwasew tużżani ta' pasturi, ilkoll miżbugħin jgħajtu u qishom ta' vera.

Ġaladarba rajt li se jagħti kasi, fakkartu għaliex kont mort għandu. Hekk kif ra l-karta tal-lira, ċarrat ftit ħalqu, daħaq u tani ħarsa ta' wieħed mifxul.

"Dawk il-flus kollha! Mela ħa tixtri l-ħanut?"

L-imġiba ċajtiera tiegħu għoġbitni u dħaqtlu lura sabiex inkompli miegħu.

"Jekk mhux il-ħanut kollu," — iżżuffjettajt miegħu, "mela kull ma hemm fuq waħda mill-ixkafef."

"Kif se ġġorrhom kollha?" — staqsieni, b'ton serju.

"Stenna waħda," — waqqaftu ħesrem, waqt li ħsibt li ħadni bis-serjetà. "Kull ma rrid hija b'lira biss. Xi żewġ jew tliet pasturi… tridx nagħmluhom tlieta?"

Reġa' tbissem.

"Żammejt l-istess prezz għal dawn l-aħħar erbgħin sena. Jisgħobbija li se jkolli nagħtik tal-inqas għoxrin wieħed jekk trid tonfoq daqshekk flus."

"Għoxrin!" — weġibtu maħsud.

"Iva. U xi wieħed jew tnejn żejda… dejjem skont x'tagħżel. Ngħidu aħna, kaċċatur bis-senter u l-kelb jiġik sold aktar milli kieku kien bis-senter biss. Il-prezz ma jogħliex aktar minn hekk.

Biex niftiehmu sew, jien tal-ħsieb li jekk jogħġbuk il-kaċċaturi, agħżel wieħed bis-senter u l-kelb, kif ukoll bil-barżakka, dik li jkollha xi rjus tal-kaċċa maqbuda mdendlin għal barra. Hemm min imur għal dawk b'xi par qolol ħdejn saqajn il-kaċċatur. U dan kollu għall-prezz ta' kaċċatur bis-senter u l-kelb biss. Nittama li mhux qiegħed inħawdek."

Deher sogħbien. Ħakk rasu xi ftit u kompla:

"Naf li missni ktibt dan kollu xi mkien… taf int, b'xi tabella tal-prezzijiet murija mal-ħajt."

Smajtu ssummat, kważi beżgħan li jekk nitkellem, jibdew jaqgħu l-affarijiet mal-art u nistenbaħ biex nara li dan kollu kien stħajjil tad-dinja ta' dari. Ix-xiħ qalli li seta' jobsor dak li kont se nistaqsih, hekk kif jagħmlu t-turisti kollha. Bħal, ngħidu aħna, kif huwa qatt ma ħema l-pasturi.

Kien jagħmilhom mit-tafal niedi u joħroġhom fix-xemx biex jinxfu, biex wara jiżbogħhom. Dak it-tafal xehbi 'l fuq mid-daħla ta' Marsalforn kien l-aqwa, għax la kien imballat u lanqas mużrar. Għal xi raġuni li ma nafx x'inhi, ħlief li dehret bla sens dak il-ħin, ħsibt f'Alla u t-tafal Tiegħu… Ix-xiħ kompla jgħidli li, issa r-rata ta' xogħol tiegħu, b'għajnejh imorru lura, ma kinitx aktar minn żewġ pasturi kuljum.

Daħaq bil-mod, bħal qisu ġietu tifkira ħelwa, u qalli kif is-sena ta' qabel xtaqu jeħduh jaħdem f'lukanda ewlenija f'Malta, fejn seta' juri s-sengħa tiegħu wara tieqa kbira tal-ħadid u l-ħġieġ, sabiex iħajjar lit-turisti jixtru.

"Ġew żewġ sinjuri dħulin minn Malta apposta għalhekk. Tista' tifhimha din? Riedu jagħtuni żewġ ikliet, tliet kafejiet u għaxar xelini kuljum. U biex norqod, kellhom kamra fil-kantina, qaluli li kwieta ħafna. Insomma, għidtilhom le. Għixt ħajti kollha hawnhekk. Minn mindu kont tifel kont imħajjar li nagħmel dan ix-xogħol ma' missieri hawnhekk. Barra minn hekk, l-hena tiegħi hi li neħles minn dawn l-imsejknin ħlejjaq jiena stess."

F'radda ta' salib għażilt il-pasturi li kont se nieħu lura miegħi. Il-karta tal-lira ġabitli tnejn u għoxrin pastur – l-aħħar wieħed ikun Ġaħan, li skont ma qalli x-xiħ, kien se jagħtini bħala rigal. Reġa' tani dik it-tbissima tiegħu waqt li b'ċerta żegħil newwilli l-pasturi.

"Jaqbduni d-dwejjaq nitlaqhom minn idi," — qalli.

"Iva, iżda int tagħmilhom biex tbigħhom, mhux hekk?"

Qatt ma smajt lil leħni b'tant swied il-qalb. Iċċassa lejja għal ftit ħin. Imbagħad qalli:

"Immela, ħi."

Hekk kif tal-familja bdew deħlin fil-kamra ried ilaqqagħni magħhom wieħed wieħed: tlett ibniet miżżewġin, ir-raġel bidwi ta' waħda minnhom, erba' jew ħamest itfal, fosthom tifla żgħira, b'xeħta mqarba, li l-ħin kollu bdiet tiżgiċċa mill-kamra u tiġi lura. Salvu tal-Pasturi niżżel idu fuq ras waħda miż-żgħar.

"Taqbadni ftit diqa f'qalbi meta nkun qiegħed nagħmel dawn il-ħlejjaq tat-tafal."

Qiegħed tara x'jagħmillek. Jien insejħilhom "din il-ħaġa", u hu "dawn il-ħlejjaq..."

"Jisgħobbija li ħadd mir-razza ma ħa din is-sengħa. Ħlief tifel wieħed li wera l-ħajra. Imma miet f'żgħoritu snin ilu."

"Forsi xi ħadd minn dawn iż-żgħar," — għidtlu, biex nikser il-kwiet u nidher li ma għamiltx f'qalbi.

Lanqas ilħaqt għidt hekk li waħda mill-bniet imbaċċna daħket waħda sfurzata u ġabret żewġt itfal minn tagħha ma' djulha.

"Jien irrid lil uliedi jitgħallmu l-iskola suret in-nies," — qalet, kważi bil-herra, filwaqt li għafset lit-tfal mal-fardal tagħha. "Niżżi ħajr 'l Alla li anki jien tgħallimt xi ftit."

"Mela, ħi," — żied ix-xiħ missierha. "Iridu jitilgħu aħjar minni. Huma xxurtjati." — Tbissem, xi ftit bil-mistħija.

"Jien lanqas ismi ma naf nikteb."

"M'inti xejn mingħajr skola, hekk dejjem ngħid," kompliet il-bint. "Ara waħda 'l missieri. Għamel ħajtu jitbagħal fuq dak il-ħmieġ griż. Għal xiex? Lanqas ried jgħolli l-prezz kif jagħmel kull min hu rasu fuq għonqu. Min jaf kemm-il darba għednielu jerfa' minn dax-xogħol u jagħmel xi ħaġa oħra. Bħal idawwar it-turisti. Hemm qiegħed il-boqxiex. Jekk joqgħod bilqiegħda fuq it-taraġ, jeħdulu r-ritratti u jagħtuh xi ħaġa. U issa xiħ għakka, bħal din il-belt imqammla. Xi ħaġa hekk togħġobhom lit-turisti."

Ma damux ma sabu kaxxa vojta tal-kartun u ġabu t-tiben, ftit gazzetti mgeżwrin u tul spag bl-għoqiedi. Kulħadd għen naqra, mit-tfal sal-kbar. Malajr intbaħt li filwaqt li xi wħud bdew jagħmlu hekk kontra qalbhom (naf x'qiegħed ngħid, mhux qiegħed nistħajjel) u bdew jgħaġġlu biex jeħilsu, par idejn bdew iduru fuq kull pastur, imorru lura lejn il-kaxxa, jirranġaw, jerġgħu jqiegħdu l-pasturi, filwaqt li bħal qishom bdew iwieżnu kull nitfa tiben.

Fl-aħħar sabha xi ftit bi tqila biex jagħlaq il-kaxxa u jorbot l-ispaga suret in-nies. Għamiltha tabirruħi li ma ntbaħt b'xejn.

Ftit sigħat wara, għajjien bil-vjaġġ, u bl-isforz biex nara li l-kaxxa tasal qawwija u sħiħa wasalt lura u bdejt inħabbat fuq tal-103. Il-mara għoxiet bil-ferħ hekk kif rat il-pasturi.

"Isa, għaġġel Eugene, ejja ara,"—għajtet fil-kamra. "Hawn dawk l-affarijiet ta' dak ix-xiħ minn Għawdex."

Eugene ħareġ mill-kamra tal-banju, liebes ġagaga safra tgħajjat b'Donald Duck irrakkmat taħt l-ispalla x-xellugija. Flimkien ittawlu għal ġol-kaxxa, qallbu qalb it-tiben u qabdu pastur wara l-ieħor.

"Ara waħda dan. Huwiex ħelu? Din il-libsa Empire. Żgura li hekk hi."

"Iva qalbi, hekk hi."

Ħallejthom ikomplu. Tard filgħaxija rani Eugene u resaq lejja.

"Għaliex ħrabtilna xbin? Lanqas nista' ngħidlek kemm nafulek ta' dak li ġibtilna. Erġajna erfajna kollox f'kaxxa tal-ġablow, bi tgeżwir ta' vera. Hemm xi ftit minn ħbiebna se jiħdaru hekk kif se jarawhom. Hawn ħa, xi ħaġa għall-iskariġġ."

Ħarist lejn x'tani f'idi. Karta tal-ħames liri.

Imbagħad ma nafx xi ġrali. Naħseb li Eugene u martu kienu minn tagħna… mhux tort tagħhom… L-ewwel ħsieb li ġieni kien ġenn biex narmi l-flus lil hemm. Imma kont fixxa, tfajt il-flus fil-but u mort biex nibda nwieġeb it-telefonati li bdew deħlin.

Għamilt għaxar minuti qisni l-iċċassat u ħallejt ix-xjafek t'apparat iżeggeg waħdu.

it-tmiem.

# Sunetti ta' William Shakespeare

Maqlubin għall-Malti
minn Oliver Friggieri

57

Bħala lsir tiegħek, dmiri xiex ħlief ngħasses
Fuq is-sigħat u ż-żminijiet ta' xewqtek?
Xejn m'għandi ħin prezzjuż li nista' nonfoq,
U lanqas ħidmiet oħra, ħlief ħtiġietek.
Is-siegħa mingħajr tmiem lanqas se nċanfar,
Waqt li għalik ngħasses l-arloġġ, ja sidti,
U le nqis morra l-qrusa ta' nuqqasek,
Met'inti 'l-qaddej tiegħek tajt l-addijo;
Lanqas bi ħsieb għajjur nissogra nsaqsi
Fejn tista' tkun, jew nobsor x'inti tagħmel,
'Mma, lsir imnikket, nibqa' w f'xejn ma naħseb,
Ħlief, fejn tinsab, kemm tferraħ lil madwarek:
L-imħabba tassew belha, biex fi ħsiebek
(Minkejja x'tagħmel int) xejn għelt ma tara.

71

La mmut la titnikkitx aktar għalija
Meta se tisma' ddoqq qanpiena mqita
Li tħabbar li jien ħrabt mid-dinja vili,
Biex ma' dud vili jiena nibqa' ngħammar:
Jekk taqra dan il-vers, xejn la tiftakar
Fl-id li kitbitu; għax jien tant inħobbok,
Li fil-ħsieb tiegħek ħelu rrid nintesa,
Jekk int titnikket meta taħseb fija.
O, jiena ngħid, jekk tara dawn il-versi,
Kif jien aktarx inkun magħqud mat-tafal,
La tlissen lanqas biss lil ismi msejken;
U ħalli mħabbtek tnin ukoll ma' ħajti:
Inkella d-dinja tagħraf il-krib tiegħek,
U la nkun tlaqt tiddieħak bik għalija.

72

O, li ma jkunx li d-dinja tqabbdek tfakkar
Liem' mertu għammar fija, biex int tħobbni
Sa wara l-mewt – ħanina, mel'insieni,
Għaliex xejn siewi m'int se ssib ġo fija;
Jekk ma tasalx biex tfassal gidba twajba,
Li ttini aktar milli qatt jistħoqqli,
U tixħet tifħir iżjed fuqi mejjet
Minn kemm il-verità xħiħa trid troddli:
O, biex imħabbtek f'dan ma tkunx qarrieqa,
Li int tfaħħarni bla ma tgħid is-sewwa,
Jindifen l-isem tiegħi fejn hemm ġismi,
Biex aktar ma jkunx t'għajb għalik w għalija.
Għaliex mistħija nħoss b'kulma jien jiena,
U hekk inti wkoll, biex tħobb fejn m'hemm xejn siewi.

76

Għaliex ħawlin minn kull kburija vrusi?
Imbiegħda mit-tiżwiq u bdil ħarkieni?
Għaliex, maż-żmien, jien ma ngħarrixx kull naħa
Ħa nsib modi oħrajn u forom ġodda?
Għax nikteb ħaġa biss u dejjem waħda,
U nżomm l-għajxien f'żerriegħa l'hi magħrufa,
Tant li kull kelma kważi ssemmi ismi,
Turi t-twelid tagħha, u minn fejn ġejja?
Kun af, ħaninti, nikteb dejjem fuqek,
U inti u l-imħabba bqajtu ħsiebi;
Lill-kliem qadim inlibbes libsa ġdida,
Nonfoq mill-ġdid dak kollu li ġa ntefaq;
Għax bħalma x-xemx kuljum ġdida w qadima,
Hekk għadha mħabbti tgħid kulma ġa ntqal.

# Nikteb…

Nizar Qabbani

maqluba għall-Malti
minn Kevin Saliba

Nikteb biex nisplodi kull m'hawn – kull kitba
splużjoni.
Nikteb
ħalli d-dawl ivinċi fuq id-dlam
u vittorja tkun il-poeżija.
Nikteb ħalli jaqrawni z-zkuk tal-qamħ
ħalli jaqrawni s-siġar.
Nikteb
ħalli jifhmuni l-warda,
u l-kewkba, u l-għasfur,
u l-qattus, il-ħuta, il-gajdri u tagħhom il-qxur.

Nikteb
biex neħles did-dinja minn dras il-klieb ta' Ħolako
minn madmad il-milizzji
minn ta' ras il-ġgajta l-ġenniji.
Nikteb
biex neħles lin-nisa miċ-ċelel tat-tiranniji
mill-ibliet tal-mejtin
mill-istat tal-poligamija
minn tal-jiem il-monotonija
– l-inġazz, dit-titnija.
Nikteb
biex neħles lid-dinja mill-Inkiżizzjoni
minn tixmim il-klieb
minn forok iċ-ċnieser.

Nikteb
biex lill-mara li nħobb neħlisha
mill-bliet ta' bla poeżija
ta' bla mħabba,
mill-bliet tal-iffrustrar u l-imrar.
Nikteb biex lilha nibdel fi sħaba taċ-ċpar.

Biss il-mara u l-kitba
lilna jafu jħellsu mill-mewt.